# IL-ĦAJJA f'Għawdex

€2

Novembru 2009 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 64 SENA * Nru. 912




## L-Ewwel Tfajla Għawdxija fuq KILIMANJARO

# Festa ta' Kristu Re u Jum il-Karita'

2009

**"Jum il-Ħadd huwa sintesi tal-ħajja Nisranija"**
(Dies Domini, n.81)



Ċelebrazzjoni Djoċesana ta' Kristu Re u Għeluq tal-Kungress Ewkaristiku Djoċesan fl-okkażjoni tat-80 sena mill-ewwel Kungress Ewkaristiku

**Programm:**
***Pjazza San Franġisk:***
Espożizzjoni tal-Ewkaristija
Purċissjoni Ewkaristika li tgħaddi minn Triq il-Putirjal, għal Triq ir-Repubblika u Pjazza Savina.

***Pjazza Savina:***
Qari tal-Kelma t'Alla
Messaġġ tal-ET Mons Isqof Mario Grech
Talb
Barka Ewkaristika

## Il-Ħadd 22 ta' Novembru

### Niltaqgħu Pjazza San Franġisk fl-4.00p.m.

*F'każ ta' maltemp iċ-ċelebrazzjoni ssir fil-Knisja tax-Xewkija*

GozoPress

IL-ĦAJJA f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 912*
*Novembru 2009*
Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860
*e-mail:* gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
Ħsieb għas-Sena Saċerdotali (2) • 8
X'għadda minn għalina • 9
Riflessi • 15
Għawdex fil-Ġurnali • 16
Għawdex fil-Parlament • 17
Kummentarju (2) • 18
Sfidi ta' Żminijietna (7) • 20
Attwalità • 23
Letteratura Għawdxija • 24
Kotba minn Għawdex • 25
Dawl għall-Ħajja • 26
**SUPPLIMENT SPEĊJALI**
Solidarjetà Nisranija (4) • 28
Snajja Qodma (24) • 30
Esperjenza (1) • 32
Esperjenza (2) • 34
Passiġġata Biblika (50) • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (19) • 40
Għawdex 300 sena ilu (177) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (13) • 43
Tleqa fuq l-Ambjent (12) • 44
Ftit Fatti u Kummenti • 46
Tisliba Biblika-Maltija • 48
Mix-Xena Sportiva • 49
Għawdex max-Xhur • 50

**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Joe Zammit, Charles Spiteri, Denise Micallef, Kurja tal-Isqof, Dun Ġwann Sultana, Lorne Cremona, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex, u Ministeru għal Għawdex.*




# Kultura vs. Infrastruttura?

*Fost id-diversi użanzi ta' kif titgawda l-kultura hemm dik tal-"avveniment" – dik li fi spazju u għal tul ta' ħin stabbiliti, ipprogrammati u rreklamati tipprovdi esperjenza ta' parteċipazzjoni lill-artisti u divertiment lill-ispettaturi. Xempju tal-kultura tal-avveniment huma n-"Notte Bianca", u għalina l-Għawdxin "Lejlet Lapsi". Dawn it-tnejn huma maxi- avvenimenti, imma mxerrdin ma' Għawdex, u mifruxin matul il-kalendarju qegħdin isiru avvenimenti organizzati mill-Kunsilli Lokali – avvenimenti mhux daqstant kbar imma li kultant jinvolvu ammont ġmielu ta' fondi, ħsieb, organizzazzjoni, enerġija...*

*Hemm ukoll il-kultura tal-"ispirtu tal-lok" – dak is-seħer li tħoss meta żżur lokalità, u tgħaddi mit-triqat, l-imsieraħ u s-sqaqien tagħha. Hekk per eżempju, bil-pavimentar ta' Pjazza San Ġorġ fir-Rabat, l-ispirtu tal-lok m'għadux wieħed ta' żdingar u traskuraġni iżda sar akkoljenti u dinjituż. Il-Kunsill tal-Għarb bix-xogħlijiet f'Wied il-Mielaħ qiegħed jagħti seħer ġdid lil dak il-post sabiex ikun jista' jitgawda aħjar.*

***M'hemmx għalfejn tkun xi osservatur b'xi lenti kbira biex tinnota li filwaqt li l-kultura tal-avveniment qed tfaqqas u titkattar, il-kultura tal-ispirtu tal-lok mhix tingħata l-attenzjoni meħtieġa, biex ma ngħidx ukoll sejra lura.***

*Għawdex fih innifsu għandu l-ispirtu u s-seħer tiegħu. Hekk ukoll kull lokalità fil-gżira bl-inħawi diversi li jagħtuha identità. Iżda min ser jiġi Għawdex u ma jinnotax, b'mod li ma jitħassarx malajr mill-memorja, il-ħofor fit-triqat?! Jekk jagħlaq għajnejh, xorta jħoss l-iskossi f'imsarnu. Dan jgħodd għat-triqat arterjali – minbarra waħda kemmxejn twila – imma wkoll għat-triqat residenzjali fir-Rabat u fl-irħula. Issa li dieħla x-xitwa, min jgħaddi b'saqajh mit-triqat jista' lix-xita jilqagħlha bl-umbrella, imma t-tajn mill-għadajjar kif jista' jaħarbu? K'ma tilwix ukoll sieqek f'xi ħofra!*

***Huwa sewwa, mixtieq u meħtieġ li ninkoraġġixxu l-kultura permezz ta' avvenimenti, iżda l-kultura tal-ispirtu tal-lok m'għandhiex titħalla lura. Għaldaqstant huma meħtiġin aktar fondi għall-infrastruttura. Il-Ministeru u l-Kunsilli għandhom ukoll isibu l-bilanċ bejn il-kultura u l-infrastruttura fit-tqassim tal-fondi għad-dispożizzjoni tagħhom.***

*Il-preżentazzjoni tal-belt jew raħal bħala post ikkurat fid-dettall tgħolli l-kwalità tal-ħajja tan-nies tal-post u tagħti, mbagħad, status ogħla lill-avvenimenti kulturali. F'soċjetà li teżalta, l-ewwel u qabel kollox, dak li jiġi mxandar u rreklamat, il-Kunsill Lokali jista' jinġibed mit-tentazzjoni li jagħti prijorità lill-avvenimenti kulturali għaliex dawk jipprovdulu aktar 'prosit'!*

*Jidher li l-Kunsilli Lokali Għawdxin qegħdin isibu ruħhom skarsi mill-fondi. Fil-fatt, tmienja mit-tnax-il Kunsill Lokali f'Malta u Għawdex li temmew is-sena l-oħra bi żbilanċ kienu Għawdxin (MP 10102). Dan jista' juri l-ħtieġa għal aktar provvediment ta' fondi, iżda jista' jkun ukoll ħtieġa ta' skeda li tipprijoritizza x-xogħlijiet u l-proġetti mfassla. U f'din l-iskeda l-ambjent fiżiku m'għandux jintafa' lura minħabba l-kultura...*

***Lanqas għandha tibqa' ħaġa moħġaġa għaċ-ċittadin kwalunkwe liema triqat jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru u liema taħt dik tal-Kunsill. Lanqas għandu jkun hemm xi eku, żgħir kemm hu żgħir, konxju jew istintiv, tal-"panem et circenses" tar-Rumani – in-nies l-aqwa li tiekol u tiddeverti!***

**Joseph W. Psaila**

www.gozodiocese.org




### *Il-Familja fis-soċjetà tagħna llum*

Nhar it-Tlieta u l-Erbgħa 6 u 7 ta' Ottubru Mons. Isqof Mario Grech attenda għall-laqgħa internazzjonali li nżammet fil-kamra tal-Affarijiet Soċjali tal-parlament Malti bit-tema "Insaħħu ż-Żwieġ u Nissapportjaw il-Familja." Din il-laqgħa ġiet organizzata mid-'Doha' Foundation għall-istudji tal-Familja tal-Qatar b'kollaborazzjoni mal-Moviment ta' Kana u ċ-ċentru tal-Istudju tal-Familja fi ħdan l-Università ta' Malta. Fost il-punti li ħarġu minn din il-laqgħa ta min isemmi l-ħtieġa li l-Istat għandu jħares b'awtentiċità l-familja tradizzjonali Maltija u l-importanza ta' tħejjija xierqa għaż-żwieġ. Issemmew punti wkoll dwar il-problemi preżenti fis-soċjetà tagħna, bħal vjolenza domestika, il-faqar, il-materjaliżmu u kif dan jaffettwa ż-żgħażagħ fil-formazzjoni tal-valuri tagħhom, l-importanza tat-talb fil-familja u l-impatt ta' mezzi ta' komunikazzjoni bħal *mobile* u l-*internet* u r-riskji li dawn iġibu magħhom. Problema oħra fuq livell nazzjonali u kontinentali hija r-rata dejjem tonqos ta' twelid li eventwalment qed tbiddel il-kontinent Ewropew f'wieħed xiħ.

### *Il-Kungress Ewkaristiku Djoċesan*

Nhar il-Ħamis 15 ta' Ottubru, fid-djoċesi t'Għawdex ġie inawgurat il-Kungress Ewkaristiku Djoċesan. Il-kungress qed isir f'għeluq it-80 sena mill-ewwel Kungress Ewkaristiku Djoċesan li kien sar f'Għawdex fl-1929. Għal din l-okkażjoni l-Isqof t'Għawdex Mario Grech kiteb ċirkulari li nqrat fil-knejjes kollha t'Għawdex nhar il-Ħadd 11 ta' Ottubru, bit-tema *'Jum il-Ħadd'*. F'din l-ittra ta' natura morali soċjali, Mons. Isqof ħareġ bil-frażi... "Serqulna Jum il-Mulej" u kompla... "Il-kuxjenza ta' ħafna tant hija rieqda li mhux qegħdin jindunaw li l-jum tal-Ħadd itteħdilna!" L-Isqof Grech saħaq fuq il-ħtieġa li nħarsu jum il-Ħadd u miegħu rabat l-Ewkaristija bħala l-Jum li fih il-komunità ekkleżjali tiltaqa' biex taqsam il-Kelma t'Alla. Nhar il-Ġimgħa 16 ta'Ottubru fil-parroċċi kollha ġew organizzati laqgħat għall-lajċi impenjati fil-parroċċi.




Mit-Tnejn 19 sas-Sibt 24 ta' Ottubru sar il-kors dwar il-liturġija għal dawk kollha involuti fiha, bħal organisti, animaturi, letturi u dawk li b'xi mod jagħmlu xogħol li għandu x'jaqsam mal-liturġija. Nhar il-Ġimgħa saret l-ewwel minn tliet katekeżi bibliko-liturġika fis-Santwarju ta' Pinu. L-ewwel laqgħa għamel il-katekeżi Mons. Lawrenz Sciberras. Għal dawn il-laqgħat ikun hemm preżenti l-Isqof Grech li jmexxi l-kant tas-salmi. Dawn huma parti mill-attivitajiet li qed isiru fl-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku Djoċesan. Iż-żewġ laqgħat l-oħra ser isiru matul Novembru.

### *Is-Sena Saċerdotali*

Fid-djoċesi tagħna wkoll qed isiru inizjattivi biex titfakkar is-sena tas-saċerdoti u biex nieħdu minnha l-frott possibbli. Għalhekk fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù qed issir siegħa adorazzjoni nhar ta' Ħamis. Din hi miftuħa għas-saċerdoti Għawdxin . Huwa ġest sabiħ illi s-saċerdoti jirritornaw għat-talb fil-post minn fejn ħadu l-formazzjoni tagħhom.



### *Festi Matul Ottubru*



Matul dan ix-xahar ġew iċċelebrati l-festa tal-Madonna tal-Patroċinju ġewwa l-Għasri u l-festa ta' Kristu Sultan fl-inħawi tan-Nazzarenu fil-parroċċa tax-Xagħra.

### *Il-Ġimgħa Missjunarja u ż-żjara tal-Isqof Grech fl-artijiet tal-Missjoni*

Fil-parroċċi t'Għawdex, tfakkar Jum il-Missjoni nhar il-Ħadd 18 ta' Ottubru. F'dan il-jum isir ġbir b'risq il-missjoni u jsiru diversi laqgħat u inizjattivi biex irawmu kuxjenza missjunarja f'qalb l-Għawdxin. Ta' min jgħid li l-poplu tagħna minn dejjem kellu għal qalbu l-artijiet tal-missjoni tant li f'dan l-aħħar snin diversi saċerdoti Għawdxin ħallew art twelidhom u marru jaħdmu qalb popli tat-tielet dinja. Dawn il-missjunarji jaħdmu permezz ta' għotjiet ġenerużi li jsiru mill-Għawdxin.

L-Isqof Grech għamel żjara fl-artijiet tal-Brażil fejn hemm saċerdoti Għawdxin jaħdmu bħala missjunarji. Nhar it-Tlieta 29 ta' Settembu, L-Isqof Mario Grech għamel żjara ta' korteżija lill-Kardinal Geraldo Majela Agnelo, Arċisqof tad-djoċesi ta' Salvador f'Bahia ġewwa l-Brażil. Matul din iż-żjara l-Isqof Grech żar ukoll il-parroċċa tal-Madonna tad-Dawl ġewwa Paragatinga li l-kappillan tagħha huwa Dun Alex Cauchi mill-Għarb. Hawn l-isqof poġġa l-ewwel ġebla taċ-ċentru pastorali li qed jinbena.

### *Mandat ta' letturi, kanturi, animaturi u ostjarji*



*Uħud minn dawk preżenti għaċ-ċelebrazzjoni f'Ta' Pinu*

Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Kungress Ewkaristiku Djoċesan, nhar is-Sibt 24 ta' Ottubru Mons Isqof Mario Grech mexxa quddiesa fis-Santwarju ta' Pinu li fiha ta l-mandat lil diversi lajċi li jaqdu ministeri liturġiċi u ministeri marbuta mal-liturġija, bħalma huma letturi, kanturi, animaturi tal-quddies u ostjarji.

Din iċ-ċelebrazzjoni saret bħala konklużjoni tal-Ġimgħa ta' Formazzjoni Liturġika li organizzat il-Kummissjoni Liturġika bejn id-19 u it-23 ta' Ottubru. Madwar 120 persuna ħadu sehem f'din il-Ġimgħa ta' Formazzjoni li matulha, diversi saċerdoti esperti fil-liturġija, taw serje ta' *lectures* dwar aspetti tal-liturġija, tal-ministeri liturġiċi, tal-kant, u tal-quddiesa.

### *San Franġisk t'Assisi*

Nhar il-Ħadd 4 t'Ottubru, filgħodu, il-Patrijiet Kapuċċini, ċċelebraw il-festa ta' San Franġisk t'Assisi, fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, fir-Rabat, Għawdex.



*L-Arċipriet Carmelo Refalo (lemin) u l-Gwardjan tal Patrijiet Kapuċċini, Patri Karm Dimech, itajru l-ħamiem fid-daħla prinċipali tal-knisja, qabel iċ-ċerimonja tat-tberik tal-annimali*

L-Arċipriet tal-Parroċċa ta' Marija Bambina, tax-Xagħra, Mons. Carmelo Refalo, mexxa Konċelebrazzjoni Solenni flimkien mal-Patrijiet Kapuċċini Joe Muscat, Cornelio Bonello u l-Gwardjan Karm Dimech, bis-sehem tal-Kor Fjur t'Assisi taħt id-direzzjoni ta' Marita Cassar.



*Il-Gwardjan tal-Patrijiet Kapuċċini, Patri Karm Dimech ibierek l-annimali. Jidher ukoll Patri Cornelio Bonello (lemin)*

Wara fuq iz-zuntier tal-knisja saret iċ-ċerimonja tat-tberik tal-annimali.


KTIEB U CD ĠODDA BIS-*Salmi kantati*

GĦALL-ĦDUD U L-FESTI TAL-AVVENT U L-MILIED

b'mużika oriġinali, għall-użu tal-liturġija fil-knejjes




Is-seminaristi Għawdxin qed jippubblikaw ktieb u CD b'mużika oriġinali bis-Salmi tal-Ħdud u l-festi ta' żmien l-Avvent u l-Milied (snin A, B u Ċ), bi preżentazzjoni tal-Isqof Mario Grech. Dawn is-Salmi huma mużikati u kantati minnhom stess, għall-użu tal-Liturġija, ħfief biex il-kantur jitgħallimhom u biex il-kongregazzjoni tipparteċipa b'mod ħaj. Qed jinbiegħu f'pakkett wieħed għall-prezz ta' €15.

Jistgħu jinkisbu mis-Seminarju t'Għawdex, mil-Lumen Christi Media Centre (Għawdex), mil-Librerija Preca (Malta), jew mir-*Reception Area* ta' Radju Marija (Malta).
Tista' wkoll titlob li tirċevihom bil-posta.
info: 21556479, 99099122
e-mail: majorseminary@gozodiocese.org

## *X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# X'IFISSER IL-ĦADD GĦALINA?



*Siltiet mill-Ittra tal-E.T. Mons Mario Grech Isqof ta' Għawdex fl-okkażjoni tat-tnedija tal-Kungress Ewkaristiku Djoċesan*

**Serqulna Jum il-Mulej! Il-kuxjenza ta' ħafna tant hija rieqda li mhux qed jindunaw li l-jum tal-Ħadd ltteħdilna! Ilu żmien isiru għażliet żgħar, li bil-mod il-mod kienu qed inaqqru l-jum tal-Ħadd. Ir-raġunijiet li minħabba fihom fittixna li niġġustifikaw il-qerda tal-Ħadd huma varji: pressjoni ta' xogħol matul il-ġimgħa, nuqqas ta' ħin biex inlaħħqu mal-bżonnijiet ta' kuljum, il-ħtieġa li nġibu 'l quddiem l-ekonomija biex joktor il-ġid, it-turiżmu u l-eżiġenzi tiegħu, eċċ. Imma diġà qed naraw sinjali li juruna li proprju għax ma rrispettajniex il-Jum tal-Ħadd, qegħdin inħallsu prezz familjari u soċjali għoli.**

Għalina ċ-ċittadini l-Jum tal-Hadd huwa bżonn marbut mad-dinjità tan-natura umana. Il-ħaddiem għandu d-dritt għall-ħin biex jistgħana kulturalment u jistrieħ, waħdu jew ma' oħrajn. Il-familja għandha d-dritt u d-dmir li almenu darba fil-ġimgħa tkun flimkien. Huwa dritt tal-bniedem li f'ħajtu jkollu ħin biex jiżviluppa u jużа t-talenti tiegħu. Huwa wkoll dritt tal-bniedem li jkollu spazju fejn ikun jista' jagħmel ħidma ta' volontarjat. Il-bniedem ġustament jistenna li l-istruttura soċjali tkun tali li ma jkunx imġiegħel la li jaħdem nhar ta' Ħadd u anqas li fil-jum tal-mistrieħ ikollu jagħmel dak li s-soltu jagħmel matul il-jiem tal-ġimgħa.

**Kull nhar ta' Ħadd il-komunità ekkleżjali tiltaqa' biex taqsam il-Kelma t'Alla u l-Ewkaristija.** Ikona antika tad-dixxipli tal-Mulej tixhed li "fl-ewwel jum tal-ġimgħa ngbarna flimkien biex naqsmu l-ħobż" (Atti 20,7). Hekk fil-quddiesa, id-dixxipli mhux biex jiltaqgħu ma' Kristu ħaj, imma jiltaqgħu flimkien u jibnu lil xulxin fi Knisja.

**L-Ewkaristija mhux biss niċċelebrawha imma ngħixuha.** F'Ġesù, li fl-Ewkaristija jingħata għalina, in-Nisrani jsib l-eżempju u l-qawwa biex bl-imħabba jingħata għall-oħrajn li jiltaqa' magħhom fid-diversi oqsma tal-ħajja: fil-familja, fuq ix-xogħol, fil-kuntatti tiegħu mal-foqra ta' żminijietna – bħalma huma dawk li huma bla xogħol, il-



morda, id-drogati, l-iltiema, l-ommijiet mhux miżżewġa....

**L-Ewkaristija ma tintemmx maċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa jew wara li tispiċċa l-adorazzjoni ewkaristika, imma tkompli taġixxi permezz tagħna wara li noħorġu mill-knisja.** Mingħajr Ewkaristija l-komunità Nisranija tmut. Il-fatt li ħafna jiċċelebraw l-Ewkaristija, partikularment f'Jum il-Mulej, imma jibqgħu barra mill-Knisja u ma jgħixux l-Ewkaristija, inissel tħassib pastorali serju u għandu jistimulana biex nistħarrġu għaliex daqshekk quddies, tqarbin u devozzjonijiet ewkaristiċi oħra mhux qed iġibu l-konverżjoni tagħna bħala individwi, tal-komunitajiet ekkleżjali u tal-istrutturi soċjali li fihom huma preżenti l-Insara.

**Irridu nirriflettu, nitolbu u nieħdu azzjoni biex il-Knisja tagħna llum mhux biss tkompli tgħożż il-Jum tal-Ħadd bħala jum speċjali, imma wkoll biex tgħin lis-soċjetà tirrevedi l-mod kif tgħix dan il-jum billi tipproponilha dan ir-rigal li Kristu u l-Knisja qed jagħtuna għax "dan hu l-jum li għamel il-Mulej" (Salm 117,24).**


Imperial Eagle

DAILY (from Monday to Friday)
Transport of goods between
Gozo & Malta and Malta & Gozo.




Contact: Joseph Spiteri
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521

*Kummentarju (1)*

# Insara bla Prinċipji? Jew "l-aqwa li tkun għal qalbek"? Jeżisti jew ma jeżistix id-dnub?



*kitba ta'* **DUN ANTON DIMECH**

Miskina xortiha ħażina! Żewġha aħrax u ma jiqafx mix-xogħol. Hi tħossha qisha f'ħabs. Iltaqgħet ma' wieħed qalbu tajba u jħobb joħroġ. Marret miegħu u sabet xortiha. **Issa qiegħda għal qalbha u kuntenta!!**

L-ieħor iżżewweġ. Martu għażżiena. Dar mitluqa u jrid ikun kollox hu. Martu ħsiebha biss biex toħroġ u ssiefer. Ħalliha u sab waħda li ġabritu u tieħu ħsiebu sew. **Jinsab ferm għal qalbu mat-tieni waħda...**

U nibqgħu sejrin hekk – storja wara l-oħra. Saret ħaġa mhi xejn li jitkisser is-sagrament taż-żwieġ. **L-aqwa li sar xi xorta ta' arranġament u kulħadd qiegħed sew!**

Tiftakar il-Vanġelu, Mattew Kap. 14 fejn insibu r-rakkont tal-martirju ta' San Ġwann il-Battista? Erodja telqet lil żewġha Filippu li kien mar Ruma u marret ma' ħuh Erodi u tgħidx kemm kienet għal qalbha. San Ġwann wissa u ċanfar lil Erodi talli kien qed jgħix mhux skont il-liġi t'Alla, u għal dan il-Battista ngħata l-martirju.

Bħal San Ġwann, il-Knisja tirribatti li dak li mhux skont il-liġi t'Alla mhux sewwa. Ikun hemm min jgħid li l-Papa, l-isqfijiet u s-saċerdoti ma jifhmux u ma jistgħux jitkellmu għax m'għandhomx esperjenza; ma jafux x'jiġifieri tgħix ma' min ma jaqbilx miegħek għal ħajtek kollha. Għaldaqstant ma jimportahomx mit-tagħlim tal-Knisja. **Addio prinċipji u liġijiet morali u ġuridiċi. L-importanti hu li tħoll il-problema u tkun għal qalbek. Tgħid min għandu raġun?**

**Nistgħu nġebbdu t-tagħlim ta' Kristu u dak li minn dejjem kien ħażin insejħulu tajjeb u viċeversa? Jista' xi ħadd jieħu f'idejh is-setgħa li jħoll dak li jkun rabat Alla? Niftakru li ż-żwieġ hu sagrament mhux sempliċi kuntratt li jinħall bi ftehim minħabba xi raġuni, iżda rabta li jwettaqha Alla l-Imbierek. Għalhekk huwa sagrament kbir. Għalina l-kattoliċi dan is-sagrament mhuwiex sempliċi kuntratt ta' konvenjenza. Għalhekk meta jingħata l-kunsens f'riġlejn l-altar, is-saċerdot, li hu xhud kwalifikat, jiddikjara li "dak li għaqqad Alla ma jħollux il-bniedem".**

Il-kumment tiegħi mhux dwar il-qawwa sagramentali taż-żwieġ, imma dwar il-kummenti li jagħmlu ċerti nsara quddiem dawn il-ġrajjiet ta' niket u ta' qsim il-qalb. **Tisthi tisma' nsara tal-knisja jikkonkludu li "l-aqwa li hu jew hi qegħdin għal qalbhom". X'jimporta li qegħdin jgħixu fl-adulterju?** X'jimporta li s-soċjetà qiegħda



titmermer u tfarrket l-idea ta' familja? Fejn hu Ġwanni l-Battista li bil-kuraġġ kollu jwissi li dak li jgħaqqad Alla ma jħollux il-bniedem? Fejn huma l-prinċipji nsara u l-liġi t'Alla? **X'valur għandu d-dnub fil-ħajja tagħna l-insara? Jeżisti jew ma jeżistix id-dnub? Tista' tgħid li tkun sew meta qed tgħix ħajtek kollha fid-dnub? Kellu raġun jgħid Papa Ġwanni Pawlu II li d-dinja tilfet is-sens tad-dnub. Mingħajr is-sens tad-dnub, kollox isir sew, anki l-adulterju u jitfarrku s-sisien tal-familja u tas-soċjetà kollha.**

Dan hu l-bniedem tas-soċjetà tagħna. Din hi n-nasba fatali li x-Xitan qed ixerred fostna – li kollox mhu xejn. Il-morali saret kif jaqbel fil-mument. U dan insejħulu "Progress"! **Għax tlifna s-sens tad-dnub!**





■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

*Ħsieb għas-Sena Saċerdotali (2)*

# *"Sacerdos Alter Christus"... Is-Saċerdot Hu Kristu Ieħor. Kif? Għaliex?*



*kitba tal-*KAN. DUN ĠILJAN REFALO RAPA

**Din hi sentenza f'lokha u 'l bogħod minn kull espressjoni eżaġerata. Hija sentenza li fiha jinġabar dak kollu li Kristu xandar u stqarr fuq dawk li kellhom ikunu l-qaddejja fidili u mill-qrib Tiegħu tul iż-żminijiet kollha.**

Huma ħafna l-istqarrijiet li Ġesù tenna dwar dawk li kellhom ikomplu l-missjoni Tiegħu. L-ewwel sejħa għamilha lil Xmun u lil ħuh Indri u lil Ġakbu u 'l Ġwanni, ulied Żebedew. "Ejjew," qalilhom, "u nagħmilkom sajjieda tal-bnedmin." Hekk wara li ħafna semgħu kliemu u emmnu fih, huwa baqa' jsejjaħ, u għażel tnax li fuqhom bena l-Knisja tiegħu.

### *Tliet snin ta' tħejjija*

Meta saret l-għażla tat-tnax, Ġesù ħa ħsieb li jibnihom f'ġebel ħaj għall-Knisja Tiegħu, u tul it-tliet snin li għex magħhom kien dejjem jieħu l-okkażjoni biex jibnihom sodi u konvinti fil-fidi tagħhom. Kien jibgħathom u jagħtihom ordnijiet stretti biex ma jaqbdux triq il-pagani iżda jfittxu dejjem in-nagħaġ mitlufa ta' Iżrael.

Huma kellhom ikunu u hekk saru d-dawl tad-dinja u meta staqsihom liema idea personali kellhom Tiegħu, qabeż Pietru u għan-nom ta' sħabu wiegħbu : "Int il-Messija, Bin Alla l-ħaj." Minkejja dan kollu, xorta waħda kienu għadhom bnedmin dgħajfa, u ried ikun l-inżul fuqhom tal-Ispirtu Qaddis biex seddaqhom u mliehom bil-fidi, sabiex waslu li jxerrdu demmhom għaliha.

### *"Magħkom dejjem"*

Din kienet u tibqa' l-wegħda li għamel Ġesù lill-magħżulin Tiegħu li kellhom jimxu warajh. Hu kien sejjer jibqa' magħhom sat-temma taż-żmien. Huma ma kinux tad-dinja, bħalma Hu ma kienx tagħha, għaldaqstant kif



ippersegwitaw Lilu, hekk ukoll huma, kellhom jieħdu l-istess trattament, u ħaduh anke bil-martirju.

**Għalhekk f'din is-sena ddedikata lis-saċerdoti, li l-Papa Benedittu nieda u beda f'Ġunju li għadda, lkoll kemm aħna, saċerdoti u poplu t'Alla, irridu nħarsu 'l quddiem u niflu x'qiegħed jgħidilna Kristu permezz tal-Papa Benedittu XVI, fil-150 anniversarju mill-mewt ta' San Ġwann Marija Vianney.**

Kulħadd, saċerdoti u lajċi, rridu nagħmlu l-almu tagħna sabiex tikber u tkompli tissaħħaħ l-għaqda qaddisa tas-saċerdoti mal-poplu t'Alla. Is-saċerdoti għadhom miżmuma bħala għodda siewja f'idejn Kristu, l-Imgħallem tagħhom, u jalla jibqgħu hekk fil-missjoni u s-sejħa tagħhom, minkejja kull sagrifiċċju u tbatija. Il-Knisja tħossha kburija bis-saċerdoti tagħha, bis-servizz li jagħtu.

**Jalla din is-sena tkun mezz biex il-poplu t'Alla japprezza aktar il-missjoni qaddisa tas-saċerdoti u mill-qalb jitlob lill-Mulej biex iseddaq lill-ministri Tiegħu bi qdusija speċjali, sabiex b'għemilhom u bl-eżempju tagħhom, il-Mulej ikun magħruf u maħbub mill-umanità kollha.**


SMUGGLER'S CAVE
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Qala International Folk Festival*



Bejn it-8 u l-11 t'Ottubru, l-Qala kienet iċ-ċentru t'Għawdex hekk kif għar-raba' darba l-Kunsill Lokali, flimkien mal-*Menhir Qala Folk Group*, organizza l-*Qala International Folk Festival*. Bil-parteċipazzjoni ta' diversi gruppi folkloristiċi Għawdxin, mis-Slovakkja u mil-Greċja, dan il-festival offra divertiment uniku ta' kant, żfin u kostumi spettakolari.

Il-Ħadd 11 t'Ottubru, l-attenzjoni iffokat fuq it-Tieġ Malti, avveniment li fakkar id-drawwiet antiki taċ-ċelebrazzjoni tat-tieġ fl-imgħoddi. Fl-istess jum ittellghet wirja ta' Artiġjanat li serviet bħala vetrina għal xogħlijiet li ma tantx għadhom jinħadmu, bħan-nases tas-sajd u purtieri tal-qasab.

Saret ukoll Konferenza Internazzjonali dwar il-Folklor u t-Tradizzjonijiet Maltin u Għawdxin, bil-għan li dan il-wirt folkloristiku lokali jinżamm ħaj matul is-snin.





## *It-Tagħlim ta' Kristu Jġeddidna*

L-Assemblea tal-Ftuħ tas-Sena Soċjali 2009-10 tal-Azzjoni Kattolika li saret nhar is-Sibt 17 t'Ottubru, fid-Dar Ċentrali fir-Rabat, bil-motto *"it-tagħlim ta' Kristu jġeddidna"*, b'riferenza anki tal-pjan pastorali djoċesan, trid tħeġġeġ lill-membri biex ma jehdew qatt ifittxu tagħlim ġenwin.

Wara l-Innu tal-Azzjoni Kattolika, l-Assistent Ekkleżjastiku Djoċesan Mons Karm Hili tkellem fuq San Ġwann Marija Vianney (fl-okkażjoni tas-Sena Saċerdotali) u mexxa t-Talb tal-bidu. Imbagħad kien imiss lill-President Djoċesan Manuel Saliba jagħmel diskors programmatiku. Qabel il-Quddiesa konċelebrata minn Mons Isqof Mario Grech u tnax-il Assistent ieħor, membri żgħar miċ-ċirkli ta' Kerċem, Għarb, Nadur u Xagħra kantaw "Ngħannu għanja ġdida" u "Ejjew tfal".

Fl-Omelija tal-okkażjoni, Mons Isqof saħaq li mhux s-servizzi kollha li toffri l-ekonomija jaqdu bżonn leċitu. Iħallu anki effett negattiv. Allura neħtieġu kultura ta' qadi biex ngħarfu l-bżonnijiet veri, f'sapport għal ħajja dinjituża verament umana. Ma nistgħux inwarrbu d-dimensjoni etika; nirsistu għal edukakazzjoni fis-sens sħiħ tagħha. Dan żgur hu dmir tal-kommunità nisranija; għaqda bħall-Azzjoni Kattolika trid toffri dak li verament għandha bżonn is-soċjetà, anki jekk forsi ftit iwieġbu għas-servizzi li toffri. Inkomplu fl-isforzi, anki biex il-Ħadd jibqa' l-jum li fih nippruvaw nikbru spiritwalment. Lanqas għandna nehdew nirriflettu fuq x'servizzi għandna noffru u kif ma nissodisfawx ruħna b'dak li għandna digà. Servizz essenzjali tal-Azzjoni Kattolika hu t-tagħlim, ibda mill-membri stess. "U min jaf kemm

hawn jistennew stedina minn għandna biex japprofondixxu fit-tagħlim ta' Kristu!" Temm billi reġa' ħeġġeġ lill-assemblea miġbura għal mentalità ta' qadi.

Wara li l-President Djoċesan mexxa lill-membri li mlew is-sala fit-tiġdid tal-Wegħda tat-Tesserament, żewġ membri żgħażagħ qraw t-Talbiet. Erba' membri rappreżentativi tal-fergħat mxerrda mad-djoċesi imbagħad wasslu l-offerti għas-sagrifiċċju. Dawk preżenti ġew mistiedna jgħaqqdu magħhom, flimkien ma' tant ħidma, l-intenzjonijiet għall-għaqda, għall-knisja u għas-soċjetà.

Wara t-tqarbin, Mons Isqof mexxa t-talba tal-Azzjoni Kattolika u Gorg Cassar (membru taċ-Ċirklu San Ġużepp tar-Rabat) ippreżentalu ktieb li għadu kemm ħareġ "Żmien il-Ħsad".


*Ġorġ Cassar jidher jippreżenta kopja tal-ktieb li għadu kemm ħareġ "Żmien il-Ħsad" lil Mons. Isqof Mario Grech*

Wara l-Quddiesa, animata mill-grupp tal-kitarri mmexxi minn Bernardette Vella mill-Għarb, il-President Ġenerali uxxenti Joyce Pullicino introduċiet lis-suċċessur tagħha, Carmen Agius. Is-sinjura Agius, li kienet qed tmexxi delegazzjoni minn Malta spjegat min hi u xi pjanijiet għandha. Qalet li laqtuha t-temi ta' qadi u tagħlim. Hi ħeġġet lill-membri biex jirsistu fil-ħidma. U esprimiet is-sodisfazzjon li tara membri żgħar jagħtu sehemhom.

Il-programm ta' sagħtejn kompla b'*Feature* miktub u prodott minn Ġanninu Cremona, Viċi President Djoċesan, "Is-Sigra tal-Ħajja". Ħadu sehem Joe M Attard, Ġuża Azzopardi, Ninu Azzopardi, Marija Abela, Salvu Cremona u Antoine Vassallo, flimkien mal-membri tal-familja Formosa minn Santa Luċija, li anki kellhom f'idejhom il-*powerpoint presentation* matul is-serata kollha.

L-attività għalqet bil-kant tal-Innu Malti. Nisrani sod hu żgur ċittadin tajjeb!

## *Il-Librerija tal-Katidral ta' Għawdex torganizza laqgħa internazzjonali*



Il-Librerija Pubblika tal-Katidral ta' Għawdex bdiet taqdi lill-parruċċani u lill-pubbliku Għawdxi tletin sena ilu. Matul dawn is-snin kollha din il-librerija tmexxiet b'għaqda professjonali u b'dedikazzjoni straordinarja minn Anton Farrugia. It-tletin anniversarju qiegħed jiġi ċċelebrat permezz ta' laqgħa internazzjonali li nżammet f'Għawdex bejn it-22 u l-25 ta' Ottubru 2009. Għoxrin delegat: sebgħa minn Għawdex, tnejn mill-Ġermanja, tlieta mill-Italja, waħda mil-Latvja, tnejn mil-Litwanja, tlieta min-Norveġja, u tnejn mit-Turkija qed jieħdu sehem fi proġett ta' azzjoni li ġie kkordinat mill-Akademie Klausenhof tal-Ġermanja. Dan il-proġett huwa wieħed li qed igawdi finanzjament mill-programm Grundtvig ta' l-Unjoni Ewropea, li huwa programm għat-tagħlim matul il-ħajja.

Il-Librerija tal-Katidral laqgħet l-istedina ta' l-Akademie Klausenhof biex tieħu sehem fil-proġett imsejjaħ **RebeL – Reading between the lines** u l-applikazzjoni kienet waħda mis-sebgħa li ġew milqugħa fost ħmistax-il-organizzazzjoni Maltija li applikaw għall-fondi mill-programm Grundtvig. Dan il-programm għandu l-għan li jippromwovi tagħlim fost persuni adulti u jindirizza wkoll il-ħtiġijiet ta' dawk li għal xi raġuni ma kellhomx l-opportunità li jiksbu kwalifiki bażiċi.

Il-proġett ta' azzjoni **RebeL** li fih qed tipparteċipa l-librerija tal-Katidral ta' Għawdex qed jindirizza dan l-aspett. L-organizzazzjonijiet parteċipanti qed jiddiskutu kif jistgħu jaddottaw sistemi ta' tagħlim bażiku fost gruppi speċifiċi fis-soċjetà tagħhom bħal ma huma nies li jgħixu fil-kampanja u li ma għandhomx aċċess għat-tagħlim. F'Għawdex, il-Librerija tal-Katidral qiegħda tipproponi li twaqqaf sezzjoni ta' kotba b'lingwi barranin li jippromwovu wkoll il-qari fost persuni immigranti li ġejjin minn pajjiżi differenti. Dan jgħin ukoll fil-proċess ta' integrazzjoni ta' dawn in-nies fis-soċjetà.

L-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, inawgurat l-ewwel sessjoni ta' diskussjonijiet li ser jinżammu fil-Kunvent ta' Sant'Wistin fir-Rabat u li ser ikunu kkoordinati minn Dr Joseph Bezzina. Il-Ministru spjegat kif inizjattivi bħal dawn jikkontribwixxu biex Għawdex igawdi mill-benefiċċji kollha possibbli permezz tas-sħubija fl-Unjoni Ewropea. Hija saħqet dwar l-importanza li għandha tingħata lit-tagħlim għal matul il-ħajja u kif programmi bħal Gruntvig jistgħu jkunu ta' għajnuna biex bosta nies ikollhom aċċess għat-tagħlim ankè meta jikbru. 'Permezz ta' proġetti bħal dawn u inizjattivi oħra, Għawdex ikun qed igawdi minn fondi u għajnuna oħra li tmur oltrè mill-għajnuna allokata għal proġetti infrastrutturali' temmet tgħid il-Ministru Debono.

## *Festubru fil-Lunzjata*



*Waqt żjara l-Ministru Giovanna Debono (xellug) għamlet fil-Wied tal-Lunzjata. Tidher flimkien mal-pubbliku tifli t-teknika tradizzjonali ta' l-insiġ. Xogħol ir-Rabtija Alda Bugeja (lemin)*

L-Għaqda Mużikali San Girgor ta' Kerċem organizzat l-ewwel edizzjoni ta' Festubru, f'Wied il-Lunzjata. Festival ta' Tradizzjoni, Ikel u Folklor. Il-Festival mifrux fuq tlett ijiem, il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd, 16, 17 u 18 t'Ottubru, beda b'dawriet iggwidati għat-tfal ta' diversi skejjel primarji Għawdxin fl-inħawi ta' Wied il-Lunzjata. It-tfal kellhom l-opportunità jżuru Dar il-Lunzjata li kienet attrezzata b'żewġ wirjiet interessanti waħda ta' għodod antiki ta' snajja differenti u l-oħra b'xogħlijiet ta' ganutell, bizzilla, makramè, newl, pittura u xogħol ieħor ta' artiġġanat. Intant fid-diversi għerien naturali wieħed seta' jara xeni tal-ħajja fl-antik fosthom it-tnixxif tax-xbieki tas-sajd maġenb dgħajsa żgħira u xi annimali li kienu jintużaw fix-xogħol ta' l-agrikoltura fosthom ħmir u bagħal, kif ukoll annimali tat-trobbija bħal-mogħoż u dundjani. Aktar l-isfel lejn il-Għajn tal-Lunzjata wieħed seta' jsegwi mill-qrib il-proċess tal-ħalib u t-tiswir tal-ġbejniet popolari Għawdxin kif ukoll il-proċess tal-ħasil tas-suf, il-ġabra tiegħu u t-tiswir tal-kobba kif ukoll eventwalment in-nisġa tan-newl. Dawn l-attrazzjonijiet flimkien mal-Kappella Medjevali tal-Lunzjata li kumbinazzjoni kienet qiegħda tiċċelebra l-Festa tal-Konsagrazzjoni tagħha baqgħu miftuħa tul it-tlett ijiem tal-Festival sakemm it-temp ippermetta.

Intant il-Festival fetaħ fil-preżenza tal-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, il-President tal-Għaqda Muzikali San Girgor, l-Avukat Joshua Grech u l-Kumitat Organizzattiv. Aktar tard sar il-*launching* fis-suq kummerċjali ta' inbid ġdid *Bacchus DOK* tad-ditta rinomata *Bacchus* mid-Direttur tal-kumpanija Daniel Mercieca fil-preżenza ta' diversi dilettanti tal-inbid. Kien hemm ukoll *wine tasting*, fejn wieħed seta' jieħu pinta nbid mit-tverna. Dan kollu kien akkumpanjat bid-daqq ħelu tal-Mandolina, strument ieħor folkloristiku li ferraħ lil dawk kollha preżenti għal ħin twil. Sadanittant fuq il-Għajn tal-Lunzjata, fin-naħa t'isfel tal-Wied, diversi poeti stabbiliti Għawdxin, fosthom Anton F. Attard, Joe W. Psalia, Charles Bezzina, Dun George Mercieca u Frans Sultana ltaqgħu biex isemmgħu r-rima u t-ton ritmiku tal-poeżiji tagħhom fl-isfond tal-ilma ġieri tal-Għajn naturali tal-Lunzjata. Fl-istess okkażjoni l-awtur George N Cassar illanċja ktieb ġdid ta' letteratura Maltija, *Żmien il-Ħsad*, li tiegħu ppreżenta ukoll kopja lill-President tal-Banda San Girgor, l-Avukat Joshua Grech.

Is-Sibt filgħodu saret *Guided Tour* li kellha konkorrenza qawwija ta' diversi barranin u kompajżani mmexxi mill-għalliem Joe Grima fl-inħawi pittoreski tal-Lunzjata. Sfortunatament, id-diversi attrazzjonijiet li kienu maħsuba li jsiru, fosthom il-parata *military, re-enactment* ta' żmien il-Kavallieri, kif ukoll iż-żewġ kumpaniji folkloristiċi u l-ikla tradizzjonali, kellhom jitħassru minħabba t-temp xejn sabiħ u x-xita kważi kontinwa li kkaratterizzaw il-kumplament tas-serata. Għaldaqstant in-nies baqgħu ma jaqtgħu xejn, jittawlu ħalli jaraw x'kien qed jiġri fl-inħawi tal-Lunzjata.

Il-Ħadd sebħet ġurnata sabiħa għalkemm dejjem baqgħet tippersisti t-theddida tax-xita. Filgħodu fl-inħawi ta' fejn l-Għajn tal-Lunzjata diversi rġiel u dilettanti sebħu jilgħabu l-logħba tradizzjonali tal-brilli li ġibdet numru mhux żgħir ta' nies li min b'kurżità u min b'interess mar isegwi din il-logħba rari li tintlagħab biss fir-raħal ta' Kerċem u fir-raħal tal-Għarb u li tinsab fix-xifer tal-estinzjoni. Intant wieħed seta' wkoll jixtri prodotti friski u frott bnin appena miġbur mir-raba saqwi tal-Lunzjata ippreżentat tant sabiħ maġenb il-Bieb storiku ta' Wied il-Lunzjata magħruf bħala *Bieb is-Sultan*, imsemmi għal Gran Mastru Perellos Roccaful tal-Ordni Militari ta' San Ġwann li kien irriserva esklussivament għalih il-Wied għall-kaċċa li tagħha kien tant dilettant. Sadanittant kienu qed jintramaw l-imwejjed biex jospitaw lil numru ta' persuni għall-ikla tradizzjonali li ġiet trasferita għal din il-ġurnata mill-ġurnata ta' qabel. Ir-riħa tfuħ tal-qassatati u l-ftajjar Għawdxin kompliet, flimkien mal-arja pura u friska tal-Wied, tiftaħ il-pulmuni ta' dawk preżenti u t-tjubija u l-ġenwinità tal-prodott frisk lokali żgur li niżlu tajjeb ma' dawk li kellhom ix-xorti jipparteċipaw f'din l-ikla tradizzjonali. Kmieni wara nofsinhar saru wirja u spettaklu uniku tal-falkuni, fosthom il-kokka, kuċċard, barbaġanni u l-bies li ġibdu mijiet ta' dilettanti tal-għasafar minn diversi rħula Għawdxin. Aktar tard għall-ħabta tas-6.00 ta' filgħaxija, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Kerċem inżamm kunċert korali minn Akkademja

Russa tal-mużika, magħmula minn xejn anqas minn sittin element, li offriet spettaklu ta' kant u mużika fuq strumenti tal-korda għal kważi siegħa sħiħa. Aktar tard imbagħad il-grupp folkloristiku Ta' Verna, bid-daqq ta' strumenti tradizzjonali żamm kumpanija lil mijiet ta' Għawdxin li niżlu jagħtu titwila sal-Lunzjata sa tard filgħaxija.

Minkejja li din kienet l-ewwel edizzjoni tal-Festival Festubru u minkejja li ħafna minnu kien ikkaratterizzat minn temp xejn sabiħ, irnexxielu jiġbed eluf ta' Għawdxin, Maltin u barranin lejn il-Wied pittoresk tal-Lunzjata, li lkoll kellhom kliem ta' tifħir u inkoraġġiment lill-Għaqda Mużikali San Girgor u l-Kumitat Organizzattiv għall-mod kif irnexxielhom jorganizzaw b'mod professjonali din l-attività li twieldet biex tibqa'!

## *Ċelebrazzjoni ta' Quddiesa bil-għana*

Nhar il-Ħadd, 18 ta' Ottubru għall-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu fil-Munxar, kienet ġurnata speċjali. L-ewwel u qabel kollox għax dan il-jum jimmarka l-84 anniversarju minn meta din il-knisja ġiet ikkonsagrata lil Alla. Għalhekk dan il-jum huwa wieħed mill-festi prinċipali ta' din il-knisja. Però din is-sena din il-festa kienet mżejna b'kant partikulari ħafna. Fil-fatt bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Munxar il-quddiesa prinċipali tas-Sollennità tal-Konsagrazzjoni saret bil-kant ta' l-Għana Malti. Din il-quddiesa nkitbet mill-Prof. Oliver Friggieri u saret f'Malta, fil-Kanada u fl-Awstralja, imma kienet għada qatt ma' saret Għawdex.



*Waqt il-Konċelebrazzjoni fil-Munxar. Jidhru l-Kappillan Dun Tonio Galea flimkien mal-konċelebranti*

Il-quddiesa tmexxiet mill-Kappillan tal-Munxar Dun Tonio Galea flimkien ma' saċerdoti tal-Parroċċa, Mons. Ġużeppi Curmi, Mons. Salv Debrincat, Mons. Franġisk Debrincat u l-Kan. Dun Karm Curmi. L-ewwel lezzjoni tal-quddiesa nqrat mis-Sinjura Lourdes Tabone waqt li Tonio Bezzina qara t-tieni. It-talba tal-fidili tkantat minn Mario Azzopardi. L-animatur kien Alvin Scicluna.



*Il-pubbliku li attenda għall-quddiesa speċjali fil-Munxar. Jidhru fost l-oħrajn il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, l-Avukat Chris Said, il-Membru Parlamentari Frederick Azzopardi, l-Aġent President ta' Malta, Anton Tabone u s-Sindku tal-Lokalità Joseph Sultana*

Fil-quddiesa ħadu sehem grupp ta' Għannejja minn Malta u Għawdex kif ukoll is-soprana Għawdxija Georgina Gauci u t-tifla Mikaela Bajada li f' Novembru ser tirrappreżenta lil Malta fil-*Junior Euro Song Festival*.

Sadattant fiċ-Ċentru Parrokkjali ttellgħet wirja ta' Arti Sagra tal-Artist Taljan Sergio Favotto, bit-tema *Paolo, Messaggero di Cristo*.

## *Jinġabru 1,452 ewro għal 'Puttinu Cares'*

Grupp ta' voluntiera, fosthom tfal ta' bejn il-5 u l-15-il sena, li tellgħu attività fit-*terminal* ta' l-Imġarr, ġabru 1,452 ewro għal *Puttinu Cares*, l-organizzazzjoni li tgħin u li tappoġġja lil tfal morda bil-kanċer. Dan l-ammont inġabar minn bejgħ ta' kotba u rigali, kif ukoll minn lotterija fil-*marshalling area*, u li rebbħet tliet persuni, f'*Acer netbook* offrut minn *DIX Computers* ta' Birkirkara u żewġ ikliet mill-*Grand Hotel* tal-Imġarr u mill-*Cornucopia Hotel* tax-Xagħra.

Din l-attività ma setgħetx tkun possibbli mingħajr l-għajnuna u l-appoġġ tal-kumpanija *Gozo Channel* u oħrajn.




*Beppe Attard (xellug) u Jeremy Paul Saliba waqt l-attività sabiex jiġu megħjuna dawk morda bil-kanċer. Minkejja l-età tagħhom dawn it-tfal ġà jemmnu li għandhom jgħinu lil dawk fil-bżonn.*

## Xogħlijiet ta' l-awtur Mons. Anton Saliba f'wirja



F'waħda mis-swali tal-wirjiet fil-bini tal-Ministeru għal Għawdex, ġiet inawgurata wirja ta' kotba u materjal ieħor relatat mal-pubblikazzjonijiet tal-kitbiet ta' Mons. Anton Saliba. Dawn ix-xogħlijiet jinkludu kotba tal-ħrejjef għat-tfal kif ukoll novelli u xogħlijiet għal fuq il-palk. L-awtur, li twieled u joqgħod f'Ta' Sannat, qiegħed jesponi aktar minn 25 ktieb li ppubblika f'dawn l-aħħar snin. Għal din l-okkażjoni qiegħed ukoll iniedi tliet kotba li ppubblika dan l-aħħar. L-istejjer huma mmirati lejn tfal u studenti li jattendu skejjel primarji u sekondarji. Ix-xogħlijiet ta' Mons. Saliba jinkludu wkoll kitbiet għall-palk u dramm storiku li huma ta' interess għal kulħadd.

Hemm esebiti wkoll għadd ta' tpinġijiet li saru mill-artisti Għawdxin Carmel Camilleri u Eric Xuereb, li ntużaw biex jagħtu l-ħajja lill-karattri li ħafna drabi huma annimali. Minbarra li jsawwar l-istejjer tiegħu f'dawn ir-rakkonti, l-awtur jgħaddi wkoll messaġġi u tagħlimiet adattati għal qarrejja żgħar jew mhux daqshekk żgħar.

Din il-wirja ġiet inawgurata mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, li fissret kif il-ktieb għad għandu funzjoni importanti fil-ħajja ta' llum, speċjalment fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u l-kultura.

Għall-ftuħ uffiċjali ta' din il-wirja ittella' programm ta' l-okkażjoni minn kumitat apposta. Saret preżentazzjoni dwar il-ħajja ta' l-awtur waqt illi Carmel Cachia tkellem dwar ħajjet l-awtur u kitbietu. Tfal li jattendu mit-tielet sal-ħames sena ta' l-iskola primarja qraw siltiet mill-kotba ta' Mons. Saliba, fosthom il-ktieb ġdid 'Il-Fenek'. Inqraw ukoll poeżiji li nkitbu għall-okkażjoni minn Giovann Attard u l-Kav. Joe M. Attard. Il-wirja ġiet imbierka mill-Arċipriet tal-Parroċċa ta' Sannat, il-Kanonku Tarċisju Camilleri. Il-wirja baqgħet miftuħa sas-Sibt 24 ta' Ottubru.

## Il-Cruiseliner MS Rotterdam jagħmel waqfa f'Għawdex

Il-*cruiseliner MS Rotterdam,* nhar l-Erbgħa 28 t'Ottubru, għamel waqfa ta' ġurnata f'Għawdex. L-*MS Rotterdam* jagħmel parti mil-linja *Holland America Line* li l-aġenti tagħhom f'Malta huma rappreżentati mill-kumpanija *O.F. Gollcher & Sons Ltd.* L-*MS Rotterdam* kien qed iġorr 1,256 passiġġier flimkien ma' 589 membru ta' l-ekwipaġġ. Dan huwa l-ikbar vapur ta' dan it-tip li s'issa qatt waqaf qrib il-gżira ta' Għawdex. Il-vapur ankra ftit il-barra mill-port ta' l-Imġarr.

L-attività fl-Imġarr ħadet xejra mhux tas-soltu hekk kif id-dgħajjes bdew iniżżlu l-passiġġieri l-art. Ix-xena kienet imżewwqa b'daqq u żfin folkloristiku mill-grupp Menhir tal-Qala filwaqt li ġie offrut ikel tipiku u prodotti ta' ikel artiġjanali. Rappreżentanti tal-Awtorità tat-Turiżmu (MTA) u l-Assoċjazzjoni tat-Turiżmu għal Għawdex (GTA) qassmu materjal promozzjonali u informattiv dwar il-gżira ta' Għawdex.



Ħafna mill-passiġġieri ħadu numru ta' eskursjonijiet varji madwar il-gżira ta' Għawdex, li kienu koordinati mill-kumpanija *Mifsud Brothers*. L-attivitajiet kienu jinkludu *jeep safaris*, żjajjar f'siti storiċi u mużewijiet, esperjenzi agro-turistiċi f'inħawi agrikoli fejn it-turisti setgħu wkoll iduqu ikel, inbid u xorb magħmul mil-lumi u larinġ. Uħud għażlu li jżuru l-gżira ta' Kemmuna u oħrajn ippreferew li jinżlu l-art u jesploraw il-gżira b'mod liberu. Ma naqsux żjajjar madwar il-kampanja u l-ambjenti rurali tal-gżira li f'dan iż-żmien partikolari tas-sena joffru dehra mill-isbaħ. Madwar 950 passiġġier li jammontaw għal 75% tal-passiġġieri fuq l-*MS Rotterdam,* niżlu l-art matul il-ġurnata.

Il-Kaptan Henrik Krombeen, ta merħba lil Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, fi żjara qasira li hija għamlet fuq l-*MS Rotterdam*. Preżenti kien hemm ukoll is-sur Karl Gollcher, direttur maniġerjali tal-kumpanija Gollcher, l-aġenti tal-vapur. Il-Ministru Debono esprimiet is-sodisfazzjon tagħha u fissret l-impenn tal-Ministeru għal Għawdex biex ikabbar il-potenzjal ta' Għawdex fl-attrazzjoni ta' turiżmu mill-qasam tal-*cruiseliners*.

L-*MS Rotterdam* ħalla Għawdex għal ħabta tas-6.00 p.m. fi trieqtu lejn Messina.

## Maratona Sportiva

Fl-aħħar *weekend* ta' Ottubru, il-kumpless sportiv tas-Seminarju kien impenjat b'maratona sportiva ta' 36 siegħa. 'Għin biex trebbaħna' kien il-*motto* li ħeġġeġ tant żgħażagħ jieħdu sehem biex bil-ftit tagħhom jgħinu lis-Seminarju.

Il-maratona fetħet il-Ġimgħa 23 ta' Ottubru *b'song festival* imqassam f'sitt kategoriji. Il-maratona kompliet l-għada, is-Sibt, fit-8.00 ta' filgħodu, meta grupp ta' atleti telqu mill-Imġarr b'ġirja bit-torċa f'idejhom lejn il-kumpless



sportiv tas-Seminarju. Wara li nxtelgħet l-urna ġiet iċċelebrata quddiesa għall-atleti kollha. Il-maratona kompliet b'diversi *tournaments* tal-*football* għal diversi gruppi. Mal-lejl ġew organizzati *tornaments* tal-*Football* u tal-*volleyball* għaż-żgħażagħ.

Fit-8.00 ta' filgħodu tal-Ħadd tkomplew it-*tournaments* għal dawk taħt is-17-il sena u għal dawk ta' fuq it-30. Wara nofs inhar saru l-*Basketball tournaments* għas-subien u għat-tfajliet u *football* għat-tfajliet. Ta' min isemmi li f'din il-maratona ħadu sehem madwar 1000 ruħ bejn atleti, kantanti u voluntiera.

Minbarra dawn l-attivitajiet sportivi, il-kumitat organizzattiv ħa ħsieb itella' tlett serati ta' spettaklu għall-familja kollha. L-ewwel serata ġiet organizzata l-Ġimgħa filgħaxija meta ittela' *Song Festival* fejn ħadu sehem madwar 50 kantant u kantanta mqassma f'sitt kategoriji.

Fis-serata tas-Sibt ppreżentata minn Joe Louis Xiberras u Amanda Sultana, ġiet organizzata *Fashion Show* spettakulari mill-*Arkadia shopping centre* b'ditti ta' *Piazza Italia*, *Urban jungle* u *Springfield*. Ħadu sehem diversi kantanti Maltin u Għawdxin fosthom il-*Waterfall dancers* li taw wirja tal-*breakdance*, *Annette mystic dancers*, Audrey Bartolo, *Centre Stage* u oħrajn. Is-serata finali ppreżentata minn Miriam Christine u Audrey Bartolo saret il-Ħadd filgħaxija fejn ħadu sehem Pamela, Glenn Vella u diversi gruppi ta' żeffiena Għawdxin.

## *Żgħażagħ Għawdxin fl-Ingilterra*

Grupp ta' żgħażagħ mill-Oratorju Don Bosco, akkumpanjati mid-Direttur tal-Oratorju Dun Effie Masini, għadhom kif ġew lura mill-Ingilterra fejn kienu fuq żjara bħala parti minn proġett kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea taħt il-programm *Youth in Action*.

Iż-żjara tagħhom laqqgħethom ma' grupp ta' żgħażagħ Ingliżi mill-*Holy Cross High Catholic School f'Chorley* qrib Manchester. Dan il-proġett taż-żgħażagħ iffoka fuq it-tema "It-tibdil fl-istili tal-ħajja u l-isfidi ambjentali".

Matul dan il-proġett iż-żgħażagħ Għawdxin u Ingliżi ħadu sehem f'laqgħat, diskussjonijiet u attivitajiet oħra waqt li kellhom l-opportunità li jżuru diversi postijiet relatati mat-temi diskussi fir-reġjun ta' Lancashire.



*Iż-żgħażagħ Għawdxin fl-Ingilterra*




GĦANDEK IL-BEJT QED JOQTOR
JEW ĦITAN BIL-MOFFA?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS
F'TISWIJA LI MA SSERVIKKX!
...ĦALLI F'IDEJN
**GREZZJU BONELLO**
**Jiġi jagħtik stima b'xejn**
"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

**gozo press**
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

RIFLESSI — Notamenti tal-Kav. Joe M. Attard



# L-Imwiet bit-Traffiku

Ninsabu f'Novembru, ix-Xahar iddedikat lill-Erwieħ tagħna. Min minna jista' jgħid li m'għandux lil xi ħadd minn qrabatu taħt l-irħama kiesħa tal-qabar! Kulħadd fil-kju; xi darba jew oħra minn hawn irridu nparpru. Issa hux bix-xjuħija inkella b'xi marda....dak ma nafuhx! L-agħar hu meta l-mewt nistednuha aħna jew inġibuha b'idejna riżultat ta' xi inċident stradali. U daż-żmien minn dawn qed nisimgħu ta' spiss, anke fi gżira ċkejkna bħal ma hi tagħna. Iftaħ il-ġurnali, isma' l-aħbarijiet u tinduna malajr li ma jgħaddux wisq ġranet li ma titfaċċax xi aħbar kerha ħtija ta' sewqan eċċessiv jew bla għaqal. Għadha friska f'moħħi l-mewt għal għarrieda ta' żagħżugħ ta' madwar tletin sena mill-Għarb, suldat fl-armata, li tilef ħajtu fi triqtu lejn il-post tax-xogħol. Min kien jgħidlu kif kellha tintemm ħajtu ħesrem! Dan l-aħħar ukoll ħabib qed jgħidli kif żewġ barranin fit-triq li tieħdok lejn Marsalforn kienu involuti f'inċident ieħor tat-traffiku; wieħed mar għand Alla u l-ieħor sa ftit ġranet ilu kien għadu jilgħabha mal-mewt. F'Malta, fejn l-art hija ikbar u l-inġenji huma iżjed, ta' spiss nisimgħu b'imwiet bħal dawn. Xi drabi naqraw li dak li jkun spiċċa ġo xi siġra jew tfarrak ġo xi ħajt bla ma ħabat ma' ħadd. Xi raġuni jkun hemm biex tilef il-kontroll tal-vettura. Drabi oħra taf tkun passiġġier u tlaqqatha int intortament. Donnok sirt tibża tagħti '*lift*' lil xi proxxmu! Sewwa li min ikun se jsuq ikun kalm u jkun jaf x'qed jagħmel. Wara xi '*party*' inkella wara xi tieġ wieħed għandu jaħsibha darbtejn jintefax wara l-*isteering* għax ix-xorb mhux lil kulħadd jeffettwa l-istess. Ninsabu resqin lejn il-festi tal-Milied meta wieħed jifraħ xi ftit iktar mis-soltu u l-kumpanija u l-kesħa ta' barra jħajruk tieħu xi grokk '*extra*'. Ejja naraw li dak il-grokk ma jġibx xi konsegwenzi serji. Wara xi erba' sigħat fid-diskoteka qalb duħħan, storbju, mużika għolja, xorb u sħana, sewwa li wieħed jaħsibha darbtejn qabel iqiegħed riġlu fuq il-pedala tal-'gas', iktar u iktar jekk ikun fil-kumpanija ta' sħabu. Ejjew nibżgħu għall-ħajja għax din sabiħa u ħadd m'għandu dritt jeħodhielna. Din jagħtiha Alla u Huwa biss għandu d-dritt li jeħodha lura.

Kemm żgħażagħ fil-fjur ta' ħajjithom sabu ruħhom id-dinja l-oħra ħin bla waqt ħtija ta' nuqqas ta' għaqal jew nuqqas ta' ħsieb! Il-karozza qegħda hemm għas-servizz tal-bniedem iżda din tista' tkun arma ferm qerrieda jekk wieħed jabbuża minnha. Hadd m'għandu jsuq jekk ikun taħt l-influwenza tax-xorb. Xi drabi l-inċident jiġri meta sewwieq jipprova jaqla' vettura oħra u għax ma jkunx għamel il-kalkoli sewwa, jsib ma' wiċċu vettura oħra! Kulħadd mgħaġġel u bla paċenzja! U dan kollu għal minuta jew tnejn differenza! Pajjiżna m'għandux '*highways*" u lanqas distanzi twal w allura għax ma nsuqux iktar bil-galbu u bil-prudenza! La nbatu aħna u lanqas inkunu kaġun ta' ħaddieħor! Il-Mewt ħa tiġi waħidha imma mhux inġibuha b'idejna! Wara kollox li ssuq bl-addoċċ u tikkaġuna l-mewt ta' ħaddieħor huwa dnub kontra l-ħames kmandament li jgħidlek: *La Toqtolx*!

MARIO DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

Cafè & Wine Bar
KAPUTA
Pizza & Local Dishes
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074

## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

***Il-fondi meħtieġa... u l-iskadenza ukoll***

"Il-*Heritage Malta* nediet kompetizzjoni għal disinn u bini ta' ċentru għall-viżitaturi fil-Ġgantija, tempju li jżuruh madwar 150,000 persuna fis-sena...Il-proġett tal-Ġgantija mistenni jiswa 2.5 miljun Ewro u l-bini mistenni jsir bejn 2011 u 1013."

**Josianne Camilleri**
*MaltaRightNow.com, 22 ta' Ottubru 2009*

***SOS!!***

"Waqt żewġ seminars għall-bdiewa Maltin u Għawdxin li kienu organizzati minn tliet għaqdiet tal-produtturi li jispeċjalizzaw fuq it-tkabbir tat-tadam flimkien mal-kumpanija Għawdxija Magro Bros... kien hemm qbil li għandu jsir sforz nazzjonali mill-bdiewa kollha u mal-entitajiet tal-pajjiż biex tkun miġġielda l-marda ta' diversi prodotti fosthom it-tadam, il-patata, il-bżar u l-brunġiel mill-farfett tat-Tuta."

*Rapport*, **In-Nazzjon**, *24 ta' Ottubru 2009*

***Il-Kaptan u l-Gozo Channel : il-*whistlerblowing jasal Għawdex?**

*Captain Mario Grech was told not to go to work a day after he filed a judicial protest which alleged serious safety shortcomings revolving around lifesaving equipment, emergency training, lack of qualifications of a boatswain and the presence of the potentially deadly Legionella bacteria in the water supply of three ferries... However the Minister has called on Gozo Channel to grant Captain Grech whistlebower protection until the appointed board finishes its inquiry."*

**Cynthia Busuttil**, *The Times, 26th September 2009*

***Favur l-*airstrip*!***

*"The Gozo Business Chamber is all out in favour of an airstrip in Gozo, and its positive views are backed and endorsed by all social partners and members of the Gozo Regional Committee (MCESD's Gozo Committee). International surveys indicate that one of the top priorities that foreign investors look for prior to investing is fast, regular and reliable accessability. In their analysis of the European and Malta Attractiveness Survey 2009, Ernst & Young indicated that the lack of an air-link between Gozo and MIA was one of the main reasons that the surveyed foreign investors in Malta gave for not considering to invest in Gozo."*

**Joe Grech**, *MaltaToday, 7th October 2009*

***Ħadra jew Għarukaża?***

*"915 Gozitans (or 3.1% of the entire Gozitan population) receives an invalidity pension – compared to just 1.5% of the Maltese population who receive this benefit... Invalidity pensions to Gozo represent 15.5% of all total claims for this pension, despite the fact that Gozitans account for 7.6% of the national population."*

**James Debono**, *MaltaToday, 18th October 2009*




***Kontra l-*airstrip!**

*"One major obstacle to the project is the presence of archeological remains in the vicinity of the proposed area, some of which are allegedly covered by illegal dumping. Enforcement notices issued by the Malta Environment and Planning Authority regarding the illegal dumping of waste at the site have never been enforced... Photos of a short stretch of cart ruts in the field next to the southern boundary of the heliport were also published on the website www.megalithic.co.uk... Xewkija is rich in archeological remains, to the extent that archeologist David Trump had noted "several fine pairs" of cart ruts in the olive groove west of the pumping station, just south of Xewkija, less than a kilometre away from the proposed airstrip."*

**James Debono**, *MaltaToday, 7th October 2009*

***Ħaqqu prosit taż-Żebbuġ!***

F'ġurnal lokali ftit ilu, qrajna li l-*promenade* tal-Qbajjar ta' Għawdex tinsab f'telqa kbira. Imma issa xieraq ukoll li nkunu ġusti u nfaħħru fejn għandna nfaħħru. Fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru ħaddiem miż-Żebbuġ tqabbad mill-Kunsill Lokali tiegħu biex jagħmel xogħol fuq is-siġar tal-bruka fl-inħawi tal-imsemmija *promenade*... Sirna nafu wkoll li hemm il-ħsieb li, f'din l-istess lokalità, jintbagħtu l-gwardjani."

*Inħobb is-Sewwa,* **Torċa**, *11 ta' Ottubru 2009*

***Prosit Carmen, Nickie u Sharyn !***

*The Gozo CCU Foundation is holding its next fund-raising event to purchase defibrillators for the CCU/ITU Ward of the Gozo Hospital... Phone Carmen on 21 566496 / 7956 6496; Nickie on 21 550029 / 9905 9653 and Sharyn on 21 562078 / 7932 0031.*

*Rapport,* **The Malta Independent**, *19th October 2009*

***Fondi għall-*Waste Transfer Facility**

"Sitt snin ilu applikajna għall-permessi u dawn issa huma approvati, apparti li l-Gvern u l-Kummissjoni Ewropea approvaw id-9 miljun Ewro li hemm bżonn biex isir dan il-proġett. Infatti, wasal biex jibda t-tindif taż-żona, u qed nippreparaw *tenders* kemm għall-bini kif ukoll għall-impjant innifsu. F'dan l-impjant se jibda jingħażel u jinfired l-iskart biex jintbagħat għar-riċiklaġġ, għall-enerġija u għal-*landfill*."

**Vince Magri**, *Il-Mument, 18 ta' Ottubru 2009*

## MILL-PARLAMENT

***Forzi Armati ta' Malta - Gozo Troop - full complement***

**10295. L-Onorevoli FREDERICK AZZOPARDI staqsa lill-Onorevoli LAWRENCE GONZI (Prim Ministru):** Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm hu stabbilit li jkun il-*full complement* ta' *personnel* fil-*Gozo Troop* tal-Forzi Armati ta' Malta? Kemm hu n-numru fil-preżent? Kemm hu n-numru ta' suldati li spiċċaw mis-servizz mis-sena 1999 'l hawn? X'inhu n-numru ta' dawk li mistennija li jirtiraw wara li jilħqu l-età tal-pensjoni fis-sentejn li ġejjin? *06/07/2009*

**Tweġiba:** B'riferenza għall-Mistoqsija Parlamentari Numru 10295 ninsab infurmat li l-*full complement* ta' *personnel* fil-*Gozo Troop* tal-Forzi Armati ta' Malta huwa ta' 45 filwaqt li n-numru ta' suldati fil-preżent huwa ta' 32. In-numru ta' suldati li spiċċaw mill-Forzi Armati mis-sena 1999 'l hawn huwa ta' 734. In-numru ta' suldati li ser jagħlqu l-55 sena (l-età tal-irtirar fil-FAM) sa l-aħħar tal-2009 huwa 11. In-numru ta' suldati li ser jagħlqu 55 fl-2010 huwa 23 u dawk li jagħlqu 55 sena fl-2011 huma 39. *28/09/2009*

***Business Promotion Act - industriji li rċivew il-flus***

**10930. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tgħid kemm kien il-valur ta' ħlas ta' inċentivi li sar mill-Ministeru tagħha taħt il-*Business Promotion Act* kull sena mill-2007 'l hawn lill-industrijalisti li joperaw f'Għawdex? Kemm kienu kull sena l-industrijalisti li rċevew ħlas? Tista' tgħid kemm hu n-numru u l-valur ta' l-għotjiet ta' inċentivi għall-industrija f'Għawdex taħt l-istess Att li huma approvati mill-*Malta Enterprise* u għadhom ma tħallsux? Għal liema snin huma u kemm hu l-ammont għal kull sena? Meta saru t-talbiet mill-industrijalisti u meta ġew approvati mill-*Malta Enterprise*? Meta mistennija li jitħallsu? Kemm hemm talbiet li qed jistennew l-approvazzjoni tal-*Malta Enterprise* u għal liema snin huma? *25/09/2009*

**Tweġiba:** Jiena nfurmata li l-ħlasijiet ta' l-inċentivi li saru mill-Ministeru għal Għawdex taħt il-*Business Promotion Act* mis-sena 2007 'l hawn kienu:

| Sena | Ewro | Numru ta' Benefiċjarji |
|---|---|---|
| 2007 | 320,904 | 12 |
| 2008 | 663,608 | 10 |
| 2009 | 455,398 | 19 |

Jiena nfurmata wkoll li hemm għaxar talbiet (maqsuma fuq ħames benefiċjarji) li jammontaw għal 412,037 ewro għal għotjiet li għadhom ma tħallsux. Dawn it-talbiet saru bejn is-sena 2004 u 2009 u ġew approvati bejn is-sena 2005 u 2009. Hemm ukoll disa' talbiet (maqsuma fuq tmien benefiċjarji) għas-snin 2006 u 2007 li qegħdin jiġu pproċessati mill-*Malta Enterprise*. *30/09/2009*



***Triq tax-Xlendi - proġett***

**10926. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tgħid x'sar s'issa fuq il-proġett tal-bini mill-ġdid tat-Triq tax-Xlendi? Kemm huwa t-tul tat-triq li se tinbena mill-ġdid? Kemm se jiswa dan il-proġett? X'inhuwa t-*timeframe* għat-tlestija ta' dan il-proġett? Kemm-il darba ħarġet it-*tender* għal dan il-proġett? F'liema dati? Għaliex l-ebda offerta ma ġietx jew ma setgħetx tiġi aċċettata f'kull każ? *25/09/2009*

**Tweġiba:** Ninsab infurmata li nħareġ il-permess tal-MEPA u s-sejħa għall-offerti għalqet fit-30 ta' Ġunju 2009. It-tul tat-triq li ser tinbena mill-ġdid huwa ta' madwar kilometru u nofs. Dan il-proġett, li jinkludi bini mill-ġdid ta' parti tat-triq tax-Xlendi u parti mit-triq ta' Pinu, huwa stmat li jiswa 9.477miljun ewro b'kollox u ppjanat li jkun lest is-sena d-dieħla. It-*tender* għat-triq tax-Xlendi ħarġet darba u l-ebda offerta mitfugħa ma laħqet il-kriterji mitluba fit-*tender*. *30/09/2009*

***Għawdex - Sports Complex - pixxina***

**10768. L-Onorevoli JUSTYNE CARUANA staqsiet lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tgħid x'progress sar f'dawn l-aħħar xhur rigward il-pixxina li ser issir fl-i*sports complex* t'Għawdex? *22/09/2009*

**Tweġiba:** Jiena nfurmata li fil-preżent il-MEPA qed tipproċessa l-applikazzjoni. *06/10/2009*

***Awtorità tad-Djar - Units f'San Lawrenz, Għawdex***

**10760. L-Onorevoli JUSTYNE CARUANA staqsiet lill-Onorevoli JOHN DALLI (Ministru għall-Politika Soċjali):** Jista' l-Ministru jgħid x'ġara mill-applikazzjoni li ħafna Għawdxin għamlu lill-Awtorità tad-Djar rigward il-*units* f'San Lawrenz, Għawdex? *18/09/2009*

**Tweġiba:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li qed nitkellmu fuq sitt familji li applikaw għal *units* ġewwa San Larwenz. Dawn il-familji ġew infurmati bl-aħħar żviluppi. L-applikanti jiġu nfurmati meta jkun hemm żviluppi ġodda. *05/10/2009*

Kummentarju (2)



# Gżira Ekoloġika fil-Paċi tal-Milied

kitba ta' MONS. SALV GRIMA

Il-Filosofu u Kittieb Daniż, Soren Kierkegaard (1813 – 1855), ħalla miktub ħsieb li tistagħġeb kif kien japplika għal żmienu. "Dan l-istat tad-dinja tal-lum! Kif saret ħajja kollha marida... Li kelli nkun tabib u xi ħadd jitlobni parir, kont inwieġbu: Reġġa' lura s-silenzju! Għin lill-bniedem jiskopri mill-ġdid is-silenzju!" Għax id-dinja, marida jew f'saħħitha, il-bniedem jagħmilha. Possibbli dakinhar kien diġà għeb is-silenzju?

Spiss qed nisimgħu dwar Għawdex li għandu jkun gżira ekoloġika. Meta nitkellmu mill-ambjent u l-indafa tal-post, jiġina f'moħħna mhux aspett wieħed biss. Barra mill-ħarsien tas-siġar, il-ħitan, il-kampanja u l-kura tagħha, l-ordni fit-traffiku, ir-responsabbiltà fit-tindif tat-toroq residenzjali, it-trażżin tal-vandaliżmu, l-edukazzjoni fl-ipparkjar, l-imġiba u manjiera fil-ġbir tal-iskart, l-armar fuq il-bankini u l-użu tagħhom minn xi ħwienet, l-attenzjoni fil-ħruġ tal-klieb jew annimali oħra barra mid-djar, ir-rispett lejn il-ġirien fl-attivitajiet rikreattivi li jsiru, u tant affarijiet oħra, **hemm ukoll il-kontroll tal-ħsejjes u l-istorbju kull fejn inkunu.**



Saret drawwa li kif jibda jersaq żmien il-Milied, l-għanja tas- *"Silent Night"* tkun fost dawk li jsemmgħulna xi ħwienet, stabbilimenti kummerċjali, każini u ċentri oħrajn jew fuq il-mezzi tax-xandir. Ma tistax ma tkunx għanja f'waqtha u li tirrifletti mill-aħjar dak l-ispirtu nisrani li jfakkarna fih il-misteru kbir ta' l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben t'Alla u fit-twelid tiegħu fil-ħemda u l-bogħod mill-għagħa tal-ħajja storbjuża. Ħalli mbagħad dak l-istess lejl ta' skiet inkiser bil-kant tal-anġli tas-smewwiet!

Iżda l-melodija *"O Lejl ta' Skiet"* li tkompli tinstema' fuq il-mezzi moderni b'volum li jiġbed l-attenzjoni, qajla tkun qed twassal messaġġ ta' silenzju veru, għax għall-kuntrarju f'ħafna ambjenti jkollha skop li żżid fl-atmosfera kummerċjali u stediniet għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-"festi ta' l-istaġun". Għandna idea ta' kemm dan iġib miegħu iktar storbju ta' kull għamla, ġiri u xiri bla kontroll, u li ma jħalli l-ebda ħin ta' kalma u skiet.

Ma ninsewx li barra s-skiet miksur bl-istorbju tal-għaġġla u l-ġeġwiġija tal-ħajja, hemm il-kalma mfixkla b'inqas għajjat u ġenn. Infatti lanqas tista' timxi, issuq, tistrieħ jew torqod, tirrikrea ruħek, tinħasel, tinġabar waħdek jew taqdi d-dmirijiet reliġjużi, bla ma tkun meħlus minn xi "tfixkil" li jekk ma taħsiblux ma jħallikx fil-kwiet. L-użu tal-mowbajl kompla jżid biex jirbaħ fuq is-silenzju iktar milli biex jaqdi fejn hemm il-veru bżonn. Dan żdied mal-ħsejjes l-oħra biex joqtol u jidfen is-silenzju.

### *Iktar ċiviltà ta' ħsejjes?*

Min jaf jekk hix qed tiżdied b'ritmu mgħaġġel sa minn kmieni fit-trobbija l-kultura fejn wieħed sar jibża' mis-silenzju? Għadna familjari ħafna ma' l-idea li "l-għajta nofs il-bejgħ". Iżda agħar u differenti minn hekk kemm-il darba l-bniedem sar attirat biss mill-istorbju, tant li l-identità taċ-ċiviltà tal-lum hija marbuta mal-ħsejjes, **u bdejna ngħixu ċ-ċiviltà ta' l-istorbju.**

Għal ħafna, parti mill-mistrieħ, aktar ma jkun jippermetti t-temp xitwi, sar l-użu tal-mixi fit-tul. Anki hawn, hemm min is-skiet ma jistax għalih. Magħhom iġorru xi radju, biex bl-*earphones* isegwu bil-volum għoli tas-soltu biċċiet ta' mużika tat-tip li tqajjem l-istorbju għall-gosti tal-ġenerazzjoni żagħżugħa. L-istess jingħad fuq il-mezzi tat-trasport. Huma ta' l-idea li iktar iħossuhom realizzati jekk "jiksru" is-silenzju u "jgħelbu l-vojt" li għandha x'toffrilhom



il-ħajja. Ftit li xejn fadallu valur li kultant tħoss li tista' tingabar waħdek bir-riflessjonijiet personali tiegħek.

Il-mentalità storbjuża qed tkompli taljena tant lil ħafna li issa waslu biex jinsew li huwa fis-silenzju li l-iktar il-bniedem jiskopri b'mod aħjar lilu nnifsu. Hija xi ħaġa tant essenzjali għal kull età biex wieħed jifhem lil ħajtu. Jista' jkun ukoll li mbagħad il-bniedem ikollu bżonn jitħabat fit-tul biex jerġa' jikseb lura l-familjarità mill-ġdid mas-silenzju u jħares lilu nnifsu minn tant forom ta' taħsir akustiku, jekk ma jridx li jitlef għal kollox is-sens veru tas-smigħ. X'jista' jibqa' f'dawk li bħala rutina jqattgħu siegħat sħaħ fi ħsejjes qawwija tad-*discos* jew f'divertiment simili? Ħafna lanqas lil-lejl tas-skiet tal-Milied ma jaħfruhielu!

It-tagħlim m'għandux jitwarrab fejn tidħol l-edukazzjoni tas-silenzju, għall-ġid ta' dak li jkun u għal ħaddieħor. Mhux faċli tesprimi ma' x'uħud il-gost u s-sbuħija tas-skiet, daqslikieku qed tistedinhom biex jaħarbu mir-realtà tal-ħajja. Hawn ta' min jistaqsi: min tassew ikun qed jaħrab il-ħajja, jekk hux fl-istorbju jew fil-kwiet. **Ħafna Maltin li jippreferu jqattgħu xi jiem fostna, fi żmien jew f'ieħor, għadhom jistqarru li jagħżlu l-valur tal-kwiet, għax jgħidulek li bih jinqatgħu ftit mir-rutina storbjuża tal-ħajja li tkun qed ittaqqalhom.**

Nafu li l-bniedem mhux maħluq biex jgħix waħdu waħdu. U lanqas is-silenzju ma jagħmel dan, għax hemm dak is-skiet li jaf joħloq kumpanija mill-aqwa, il-bniedem miegħu nnifsu. Dak is-skiet huwa bħad-dawl. Imma bħalma hemm min jaħrab id-dawl biex jagħżel id-dlam u hekk għemilu ma jidhirx, hekk ukoll issib min jibża' li joqgħod ftit fil-kumpanija tiegħu stess biex jisma' dak li hu ta' iktar siwi u li nsibuh fina nfusna. Huwa biża' serju jekk wieħed ma jħarisx fil-ġenwinità tal-ħajja tiegħu, u minflok jinfexx fl-għajjat qawwi li jkompli jikxef vojt bla sens.

***...U fil-Karnival?***

Ma nkunu qed nippretendu xejn li mhux dritt tagħna l-Għawdxin jekk niddefendu ruħna minn kulma jista' jħammeġ lil gżiritna. La f'ħaġa u lanqas f'oħra. Jekk il-Milied, marbut ma' ġrajja qaddisa, għandu wkoll messaġġ ambjentali x'iħallilna, anki fejn jidħol il-valur tas-skiet, x'ingħidu għal żmien il-Karnival fin-Nadur, ftit ġimgħat wara, li jitħalla jħarbat kull sens ta' ndafa fiżika u morali, b'għajb għal Eko - Għawdex u b'għarukaża għal min għandu sens ta' ċiviltà, minn min jippretendi li jista' jieħu l-liġi f'idejh? B'hekk irridu niġbdu lill-Maltin lejn Għawdex? Jew b'hekk se nsiru aktar 'ekoloġiċi'?!


# LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7



*Fil-għodu: 10.00am - 1.00pm Fil-għaxija: 6.00pm - 9.00pm*

*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*



Sfidi ta' Żmienna (7)

# Il-korrezzjoni li tibni u l-korrezzjoni li tħott



kitba ta' **DUN ANTON TEUMA**

Għalliem tar-reliġjon, kien għadu kif qara l-parabbola tal-Iben il-Ħali. Ra lil Sean li ma kienx attent wisq u talbu jirrakkontaha fi kliemu. Sean beda: *"Wieħed raġel kellu żewġt itfal. Iż-żgħir ma kienx kuntent id-dar, u darba seraq il-flus kollha ta' missieru u ħarab il-bogħod... Imma ġralu li l-flus spiċċawlu u għalhekk iddeċieda li jerġa' lura d-dar għax lanqas kien baqagħlu x'jiekol. Meta kien kważi wasal, missieru raħ u kollu ferħan u kuntent qabad bastun u telaq jiġri jiltaqa' miegħu. Mat-triq jiltaqa' mat-tifel il-kbir, dak li kien tajjeb, li saqsih fejn kien sejjer b'dak il-bastun. Il-missier qal lit-tifel il-kbir: ġie lura dak il-mingħul ta' ħuk! Wara dak li għamel ħaqqu xebgħa kbira!. Tridx niġi ngħinek jien ukoll - qal it-tifel il-kbir lill-missieru. Kieku jkun sewwa - rrisponda l-missier. Hekk it-tnejn li huma marru u tawh xebgħa kif imiss. Fl-aħħar, il-missier għajjat lil wieħed mill-qaddejja u qallu biex imur joqtol l-għoġol imsemmen biex jagħmlu festa kbira, għax fl-aħħar kien qata' xewqtu - kien irnexxielu jagħti xebgħa kif imiss lill-ibnu!"*

Sean ftakarha ħażin il-parabbola! Iżda fl-istess waqt, Sean jikxef dak li kultant ikun hemm fil-qalb tal-ġenituri meta l-ulied jagħmlu xi waħda mill-kbar.

It-tifel iż-żgħir tal-parabbola għandu atteġġament ta' ribelljoni u ta' devjazzjoni fil-konfront tal-familja tiegħu. Il-ġenituri kif jistgħu jgħinu lit-tifel jew lit-tifla ribelli biex jikbru? Kif jistgħu jġibu ruħhom mat-tifel li jwaqqa' għaċ-ċajt kulma jgħidulu, jirrispondihom, jipprova jgħaddihom biż-żmien? Inħarsu ftit lejn kif iġib ruħu l-Missier, meta aħna nirribellaw.

### *1. Is-sitwazzjoni tal-familja*

Fil-bidu tal-istorja, it-tifel iż-żgħir ma jħossux iben veru ta' dik il-familja. Fil-fatt jippretendi li l-missier jagħtih flusu u flus ħuh il-kbir. Fil-kultura Lhudija ta' dak iż-żmien kien hemm l-użanza tal-primoġenitura, it-tifel il-kbir jieħu l-wirt kollu ta' missieru u ħutu iżgħar minnu jaħdmu u jgħixu flimkien miegħu. L-iben iż-żgħir ma jħossux iben dik il-familja għax irid jitlaq mid-dar.

Huwa n-nuqqas ta' familja li jġib ir-ribelljoni. Għandna ħafna tfal li jgħixu fil-familja mingħajr ma għandhom familja. L-atteġġament ta' ribelljoni huwa tarka li biha t-tifel jew it-tifla, iż-żagħżugħ jew iż-żagħżugħa jiddefendu ruħhom. Wieħed jista' jkollu dan l-atteġġament biex jafferma ruħu bħala kbir – *bully*, meta fil-fond ta' qalbu jħossu żgħir ħafna; jew biex ikun fiċ-ċentru tal-attenzjoni meta fil-fond ta' qalbu jħossu mwarrab fil-ġenb; biex jiżvoga l-aggressività tiegħu meta fil-fond ta' qalbu jħossu ferut – mweġġa'; biex jikkonvinċi ruħu li hu ma jibżax għax fil-fond ta' qalbu jħossu mwerwer u mħedded.

F'kelma waħda wieħed jirribella għax mhux fil-paċi, għax għandu weġgħa. X'kienet il-weġgħa li kellu l-Iben iż-żgħir tal-parabbola? Il-vanġelu ma jgħidilniex iżda nistgħu naħsbu: Forsi t-tifel ma kienx qed iħoss l-affett ta' missieru, jew forsi missieru darrieh mingħajr ħafna projbizzjonijiet - kien jagħmel li jrid, imfissed.



### *2. Fil-qalb tat-tifel iż-żgħir*

It-tifel iż-żgħir ma jħossx li offenda lill-missieru, anzi nimmaġinaw li jmur kollu kuntent lejn pajjiż imbiegħed, jipprova jsib lilu nnifsu f'dan l-att ta' ribelljoni fid-divertiment. It-tifel iż-żgħir xtaq li jkollu familja u dan jipprova jiksbu bil-flus u bid-divertiment. Ix-xewqa profonda tiegħu kienet - nixtieq li nħossni maħbub! Inti taċċettani, tħobbni? Aktarx li din hi l-mistoqsija f'kull każ ta' ribelljoni, kemm fil-familja kif ukoll fis-soċjetà in ġenerali.

X'jiġri? It-tifel iż-żgħir ġie b'daħru mal-ħajt; fuq dak il-pajjiż waqa' ġuħ kbir. Bir-ribelljoni, il-ħtieġa tiegħu għall-affett flok li sabet risposta, kibret aktar. Issa jinsab waħdu! Bejnu u bejn il-familja tela' ħajt. It-tifel iż-żgħir *"beda jħoss ruħu fil-bżonn"* jgħid il-vanġelu, *"Kemm lavranti ma' missieri għandhom ħobż bix-xaba', u jien qiegħed hawn immut bil-ġuħ!"* (14). Uliedna huma nies fil-bżonn, b'mod speċjali l-adolexxenti. Ma jurukx direttament, iżda aktar

ma tarahom isiru riġidi fir-ribelljoni aktar ikunu qed juru l-bżonn tal-affett. Jekk teħodha magħhom għax dak il-ħin tħossok imweġġa', jista' jiġri li ttellifhom milli jagħrfu li huma fil-bżonn, u jibdew jiddefendu ruħhom billi jżidu r-ribelljoni.

Kif nistgħu ngħinu lit-tifel jew lit-tifla tagħna jindunaw x'inhu jiġri fihom verament? Kif ser ngħinuhom ikunu veri magħhom infushom u mal-oħrajn? Kif nistgħu ngħinuhom jiġu konxji minn dak li qed jagħmlu, mis-sentimenti tagħhom u jitgħallmu jikkontrollawhom?

### *3. L-atteġġament korrettiv tal-missier*

It-tifel tal-parabbola jerga' lura għand missieru għax fil-bżonn. It-tifel jew it-tifla dejjem ser jibqgħu bżonn il-ġenituri. Illum jew għada ser juruk li huma bżonnok. Il-missier jistenna u jgħarrex mill-bogħod, jixtieq li ibnu jerga' lura d-dar. L-iben ukoll jixtieq li jkollu familja, jixtieq li jkollu s-sikurezza, iħossu maħbub. It-tifel tal-parabbola jħejji l-iskuża: "*Missier dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek, ma jistħoqqlix nissejjaħ ibnek, żommni b'wieħed mil-lavranti tiegħek*" (19.21). X'jgħidlu l-missier kif jarah? Xejn. "*Iżda kif kien għadu fil-bogħod missieru lemħu u tħassru, u b'ġirja waħda mar inxteħet fuq għonqu u biesu. Missier, qallu ibnu, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek. Iżda l-missier qal lil qaddejja tiegħu: "Isaw! Ġibulu l-isbaħ libsa u xidduhielu, libbsulu ċ-ċurkett f'sebgħu u s-sandli f'riġlejh! Ġibu l-għoġol l-imsemmen u oqtluh, ħa nieklu u nagħmlu festa, għax dan ibni kien mejjet u raġa' qam, kien mitluf u nstab!*" (20-24).

X'jiġri dak il-ħin fil-qalb tat-tifel? It-tifel jinduna li dak ir-raġel hu missieru tassew! L-iben jinduna li dak ir-raġel li qabel kien sempliċement "isejjaħlu" bħala missieru, iżda li ma kienx iħossu bħala missieru, issa jinduna li dak tassew missieru. Bl-atteġġament ta' mħabba u maħfra, it-tifel iż-żgħir jinduna li missieru jħobbu tassew. U proprju f'dak il-waqt, it-tifel iż-żgħir iħoss il-weġgħa li għamel lill-missieru u l-ħtija tal-għemil ħażin tiegħu. Li kieku l-missier għamel bħall-missier tal-istorja tal-bidu - tah xebgħa, it-tifel kien



jerġa' jitlaq minn dar missieru, rrabjat aktar minn qatt qabel. U ħadd ma kien isolvi xejn!

Bl-atteġġament tagħna, mhux ta' debbulezza, iżda ta' qawwa fl-imħabba u ta' mħabba qawwija, ngħinu lit-tifel jagħraf l-iżball tiegħu u jinbidel għall-aħjar. It-tifel jista' jagħraf verament li żbalja, meta hu ċert mill-imħabba u mill-fiduċja tal-ġenituri. Jekk il-fiduċja tal-ġenituri tonqos wara l-iżball, jekk l-imħabba u l-kura ma tibqax dik ta' qabel, it-tifel ma' jagħrafx l-iżball tiegħu u ma jirnexxilux jinbidel.



### *4. Eżempju prattiku:*

Is-sibt filgħaxija, Catherine tidħol id-dar ħafna aktar tard milli kienet ftehmet mal-ġenituri.

L-omm tista' taħtafha u tgħidilha "*Ma terġax tkun. Ma terġax toħroġ minn hawn, m'intix mara ta' kelma. Ħsibt li ser tgħaddini biż-żmien!... Ma tistħix?! Familja ġennintha, ħadd għadu ma raqad minħabba fik!*".

F'din ir-risposta, tinħass l-aggressività, ir-rabja tal-omm, li tinbidel f'disprezz lejn Catherine. Catherine, minn naħa tagħha tinduna li żbaljat iżda tħossha mhedda fl-istima tagħha. Hi tħoss fuq kollox il-weġgħa, ferita li toħloq f'Catherine, mhux riflessjoni fuq dak li għamlet ħażin, iżda emozzjoni qawwija ta' rabja għal ommha, jew emozzjoni qawwija ta' mistħija - mela jew inibizzjoni jew aggressività. U l-ebda waħda minn dawn ir-reazzjonijiet ma jgħinu lil Catherine tagħraf l-iżball u tipprova ma tirrepetix. Ukoll, korrezzjoni bħal din toħloq memorja affettiva negattiva fir-relazzjoni tagħha ma'l-omm. Dan itellef ħafna fir-relazzjoni edukattiva.

Mela kif l-aħjar li l-omm tikkoreġi lil Catherine?:

B'rispett u komprensjoni tgħidilha: "*Catherine, naħseb li ndunajt li ma żammejtx il-ftehim li għamilna! X'ġara? Mhux is-soltu tiegħek... meta niftehmu xi ħaġa, dejjem iżżomm il-kelma.*" B'dan il-mod, Catherine issir konxja minn dak li ġara. Hekk Catherine għandha ċans tinduna li żbaljat fl-aġir tagħha, anke jekk apparentement tiddefendi lilha nfisha.

L-omm, dejjem b'rispett, komprensjoni u b'argumenti serji turi l-validità tax-xewqa tagħha li Catherine ma ddumx barra sa' tard billejl. Ukoll, tista' tkompli tispjegalha l-emozzjonijiet tagħha u tal-bqija tal-familja minħabba li

huma jħobbuha ħafna u jinkwetaw li tiġrilha xi ħaġa. B'dan il-mod, Catherine jirnexxiela tinduna li l-azzjonijiet tagħha jħallu effett fuq il-membri l-oħra tal-familja.

Jekk Catherine tkompli tirribella u xorta ddum ma tidħol, il-ġenituri jistgħu jinfurmawha bl-azzjoni li ser ikollhom jieħdu jekk hi tibqa' ma tobdix. Fl-aħħar imbagħad, dejjem b'rispett u mħabba lejn Catherine, il-ġenituri jieħdu l-azzjoni u jagħtu l-kastig li dwaru jkunu ftehmu ma' Catherine.

### *5. U t-tifel il-kbir?*

Kien fl-istess sitwazzjoni taż-żgħir. Għax dan kien jobdi, mhux għax kien konvint minn missieru iżda għax kien jibża'. Tant kien jibża' li ma kienx kapaċi jitolbu gidi biex imur isajru mal-ħbieb; tant kien jibża' li mingħajr ma' kien jaf kien qed jgħix ta' qaddej u mhux ta' iben! "*ili dawn is-snin kollha naqdik, kelmtek ma ksirthielek qatt, u kieku qatt tajtni gidi lili biex nagħmel ikla u nifraħ ma' ħbiebi!*" (29). Kien għadu ma fehemx li "*kull ma hu tal-missier kien tiegħu ukoll.*" (31).

Mhux ħaġa kbira li t-tfal kwieti, kwieti żżejjed, jagħmlu dan għax jibżgħu! Lil ġenituri jagħmlulhom pjaċir, iżda huma jkunu bblokkati fil-maturazzjoni tagħhom. Ma jkunux fehmu li r-*role* tal-ġenitur huwa li jgħinhom jikbru u jkunu liberi u mhux li jifgalhom l-enerġija tagħhom jew li jikkondizzjonahom fil-libertà tagħhom.

### *6. Kif jistgħu l-ġenituri jgħinu lill-ulied jagħrfu li żbaljaw?*

L-ewwel u qabel kollox bid-djalogu u bid-diskussjoni. Imma xi drabi jkun hemm il-ħtieġa li jitgħallmu mill-esperjenza tagħhom stess, mit-tbatija konsegwenza tal-għażla żbaljata li jkunu għamlu.

Xi għażliet tal-ulied iġibu magħhom konsegwenzi naturali li jgħinuhom jindunaw bl-iżball tagħhom. Tifel ta' tlett snin jitgħallem waħdu kemm jaħraq in-nar, meta jipprova jixgħel is-sulfarina. Aktarx li wara dik l-esperjenza joqgħod attent biex darboħra ma jmisshiex. Tifla ta' għaxar snin ma tridx tilbes il-ġakketta. Wara ftit li kienu barra bdiet itterter bil-ksieħ. Titgħallem li fix-xitwa aħjar tieħu l-ġakketta miegħek.

Għażliet oħra, jistgħu jġibu magħhom konsegwenzi loġiċi li jgħinuhom jindunaw li qed jiżbaljaw. Jekk Roberta mhux ser tagħmel il-*homework* issa, mhux ser ikollha ċans tara l-programm li jogħġobha. Meta Joe ma rrispettax il-ħbieb tiegħu, ma kellux ma' min joħroġ fil-*weekend*.

Xi drabi, il-ġenituri jkollhom jirrikorru għall-premju jew għall-kastig, biex l-ulied jifhmu li azzjoni tagħhom hija tajba jew ħażina. Meta l-ġenituri jagħtu kastig, importanti li jżommu quddiem għajnejhom dan li ġej:

- Jiddistingwu bejn il-persuna u l-għemil; l-għemil huwa ħażin imma l-persuna qatt ma hi ħażina!
- Il-premju jew il-kastig irid ikun proporzjonat mal-għemil. Il-premju jew il-kastig ikun kbir skont il-mertu jew il-gravità.
- Il-ġenituri jaħsbuha sewwa qabel ma jagħtu kastig jew premju! Ma jinsewx li jridu jżommu l-kelma, inkella jitilfu l-kredibbiltà u t-tifel jidħol f'ambigwità.
- Il-ġenituri jkunu sodi u ġentili dejjem, mhux illum hekk u għada mod ieħor.
- Il-ġenituri ma jidħlux flok binhom għall-konsegwenzi negattivi jew kastigi li jkunu taw.
- Il-ġenituri jagħmlu l-ħila tagħhom biex ma jkunux protettivi żżejjed: tajjeb li jagħtu ċ-ċans lill-uliedhom li jagħżlu u li jiżbaljaw.
- Il-ġenituri jkunu ċari dwar dak li jistennew mingħand uliedhom.
- Il-ġenituri ma jidħlux f'diskussjoni kompetittiva mal-ulied.
- Attenzjoni għall-preferenzi. It-tendenza tkun li l-ġenituri jsiru alleati ta' wieħed mill-ulied.




HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

*Attwalià*

# "Jum Għawdex" x'tifsira għandu jkollu?



*notamenti ta'* **SAVIOUR GRECH**

***Nemmen li "Jum Għawdex", barra milli jkun jum ta' ċelebrazzjonijiet, għandu jservi biex nieqfu nirriflettu dwar temi soċjali kurrenti, li jekk naħarbu milli nindirizzawhom ma nkunux nagħtu futur lil Għawdex.*** Hekk stqarr l-Isqof t'Għawdex Mons Mario Grech f'indirizz li għamel waqt quddiesa li ġiet iċċelebrata fil-Knisja ta' San Ġakbu fir-Rabat, Għawdex nhar l-Erbgħa, 28 t'Ottubru 2009. Din il-quddiesa, li ġiet organizzata b'inizjattiva taċ-*Circolo Gozitano*, kienet tifforma parti minn programm t'attivitajiet mfassal biex jiġi kkommemorat Jum Għawdex.

Jidher li l-idea li xettel iċ-*Circolo Gozitano* li t-28 ta' Ottubru ta' kull sena għandu jiġi kkommemorat bħala Jum Għawdex issa qabdet sew. Kienet ta' min ifaħħara l-idea li l-attivitajiet li ġew ippjanati minn diversi entitajiet, biex jiġi mfakkar dan il-Jum kienu kkordinati flimkien. Wieħed jawgura li l-eżempju li taw il-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali mwaqqaf fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, il-Kulleġġ t'Għawdex u ċ-*Circolo Gozitano* jiġi kkupjat minn entitajiet oħra Għawdxin. Naħseb li jkun xieraq li l-Kunsilli Lokali Għawdxin jingħaqdu ma' din l-inizjattiva u jieħdu rwol iktar prominenti, ta'l-inqas bil-preżenza tas-Sindki għall-attivitajiet organizzati.

### *Għaliex it-28 t'Ottubru?*

Żgur li ħafna jafu li bħala ġurnata, it-28 t'Ottubru huwa l-anniversarju ta' meta l-qawwiet Franċiżi, li kienu qed jokkupaw lil Għawdex mitejn u ħdax il-sena ilu, ċedew l-armi bħala riżultat tat-taqbida li l-Għawdxin immexxijin minn Arċipriet Saver Cassar kienu għamluhom. Iżda din id-data għandha sinifikat ikbar. Dan l-għaliex il-ġurnata tat-28 ta' Ottubru 1798 kien jum il-bidu ta' perjodu ta' iktar minn sentejn li fih Għawdex kien immexxi mill-Għawdxin. Mhux għax illum Għawdex huwa mmexxi mill-barrannin jew okkupat. Iżda f'dak il-perjodu Għawdex kien kiseb l-ogħla forma ta' tmexxija. Kien qisu Nazzjon, bl-Arċipriet Cassar bħala kap tal-Gvern.

### *X'għandna niċċelebraw f'Jum Għawdex?*

Issa li bdejna nikkommemoraw Jum Għawdex, x'għandna niċċelebraw? Għandna nużaw dan il-Jum biss biex naħsbu fuq l-imgħoddi? Għandna nużaw dan il-Jum biex inżidu iktar festi ma' dawk li diġa għandna? Naħseb li f'dan ir-rigward, kif diġà għidt iktar il-fuq, l-Isqof Mario Grech laqat il-musmar fuq rasu. L-Isqof Grech qal li huwa sew li nikkommemoraw paġni glorjużi ta' pajjiżna u niftakru f'dawk il-patrijotti li matul is-snin taw is-sehem tagħhom b'risq art twelidna. Iżda ma għandniex nieqfu hemm, għax inkella nkunu qed inħarsu lura. Għandna nużaw okkażjonijiet bħal dawn biex inħarsu l-quddiem. Kif qal tant tajjeb l-isqof biex Jum Għawdex ikun ifisser xi ħaġa, għandna nieqfu biex nirriflettu dwar problemi kurrenti li l-Għawdxin ikunu qed iħabbtu wiċċhom magħhom, u niddiskutu dwar soluzzjonijiet possibli biex bit-twettiq tagħhom inkunu qed nagħtu futur lill-Għawdxin.

Fid-diskors tiegħu l-Isqof għamel riferenza għall-problema tan-nuqqas ta' xogħol f'Għawdex li qed twassal biex għadd dejjem jikber ta' żgħażagħ Għawdxin qegħdin jitilqu minn Għawdex u jissetiljaw f'Malta. Kif qal tajjeb Mons Grech: *"Dan huwa fenomenu demografiku li għandu jiġi kkunsidrat bis-serjetà għax ifisser 'drain' qawwi ta' talent u riżorsa ewlenija. Dan ifisser ukoll li s-soċjetà Għawdxija qed tixjieħ u l-potenzjal mhux biss ekonomiku, imma intellettwali, kulturali u spiritwali tagħna qed jinxef."*

Waqt li emfasizza li għal xi wħud din hi għażla ħielsa għal ħafna oħrajn din hi għażla sforzata. Huwa temm igħid li min għandu viżjoni għal Għawdex ma jistax ma jitħassibx quddiem dan il-fatt li ma tantx jawgura futur. Huwa ħeġġeġ lill-imsieħba soċjali fil-pajjiż, lill-Gvern u lill-privat biex jindirizzaw b'urġenza din il-problema.

Min-naħa tagħha il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono f'diskors li għamlet waqt attività kommemorattiva li saret fi Pjazza Indipendenza, ukoll qalet li dan il-Jum għandu jintuża biex inħarsu l-quddiem. Il-Ministru Debono saħqet li f'dan il-Jum għandu jservina biex naraw dak li għamlu ta' qabilna, għall-ġid tal-gżira ta' Għawdex, biex b'hekk inkunu nistgħu nimitawh. Il-Ministru żiedet tgħid li għandna niżguraw li fost l-oħrajn inħarsu t-tradizzjonijiet u l-ambjent kulturali u naturali li jagħmilna dak li aħna.

Il-messaġġi li saru f'dan il-Jum mill-għola żewġ ċittadini Għawdxin kienu tajbin iżda mhux biżżejjed. Irridu nkunu aħna l-Għawdxin li bil-ħidma tagħna, kulħadd fl-isfera tiegħu, jimbotta biex kif qal l-Isqof Grech il-problemi t'Għawdex jitpoġġew fuq l-" ***aġenda nazzjonali f'parità ma' issues soċjali oħra nazzjonali."*** **Jekk aħna nibqgħu passivi, ma nitkellmux u ma nissiltux, il-bajta mhux ser taqta' weħidha f'ħalqna...**

LETTERATURA GĦAWDXIJA — Poeżiji

# L-ISTRATEĠIST GĦAWDXI L-ARĊIPRIET SAVERIO CASSAR

(*xi strofi mill-poeżija ta'* **Francis Sultana**)

Konna tfal, xi tagħrif sqewna
dwar Saverio l-qassis
illi mexxa r-rewwixta
tal-Għawdxin kontra l-Franċiż.

Bil-ftit illi sirna nafu
inxtegħel f'qalbna daqs musbieħ
ta' imħabba lejn dan l-Għawdxi
li qajl tifga jew titfih.

Għax Saverio il-qlubija
wera lilna sew xi tfisser
meta ħoloq reżistenza
biex il-kmand Franċiż ikisser.

Iżda l-għadu susa tagħwar
l-għira u l-għelt kontrih iżżewġu
sa l-Ingliż f'demm id-dars ħadu
beżqu 'l barra, bilġri bewġu.

Wara dik il-ħidma kollha
Saver ħassu f'gaġġa waħdu
mill-kbarat imġenneb minsi,
saħansitra l-Għawdxi ċaħdu.

Riedu jgħaddu mitejn sena
biex erġajna fih ftakarna,
għemilu mill-ġdid qajjimna,
b'monument ġieħu faħħarna.

# 'IL BOGĦOD MILL-GĦAJJAT TAL-FOLLA

*minn* **Alfred Grech**

'Il bogħod mill-għajjat tal-folla
issib il-kwiet,
'il bogħod mill-għajjat tal-folla
tqum mill-imwiet.

'Il bogħod mill-għajjat tal-folla
il-ħajja titwal
taħt sema jiġġebbed
tiftiehem aħjar.

It-telgħa tal-kalvarju
titlagħha kemm trid,
ebda ċirinew ma jgħinek
biex terfa' s-salib;
tidra d-daqqiet tal-frosta,
ma ssib ebda ħabib.

Jekk xi darba jiem ħajti
jibdew jagħmlu sens
inħajrek biex lili
tagħtini ftit wens.
Minni titgħallem
kif tfaħħar bl-inċens.

U jekk għad issib ruħek
waħdek, wara tant tlielaq,
it-tarf qatt ma jasal,
mirkub, għajjien u fieragħ,
ftakar l'hemm jien.

'Il bogħod mill-għajjat tal-folla
issib il-kwiet,
'il bogħod mill-għajjat tal-folla
tqum mill-imwiet.

# FIĊ-ĊIMITERJU

*minn* **Noel Formosa**



Ix-xiħ, b'wiċċu lejn l-art
Tlikki tlikki…
Qed jersaq lejn il-post
Qed jitlob illi jasal
Qed jaħseb jekk jasalx!

Wasal fl-aħħar… u b' wiċċu lejn l-art
Qed jitlob fuq il-qabar
Ta' martu hemm taħt l-art
Qed jaħseb kemm imħabba
Qed jaħseb kemm imrar
Qed jaħseb kemm ferħ qasam
Ma' martu li tant ħabb…

Illum l-imħabba telqet, ħarbet,
U jitlob ix-xiħ ħerqan
Li jersaq lejn l-Imħabba
Bla telf ta'żmien…malajr!

Hemm jara l-Imħabba vera
Hemm jara kollox f'dawl!

**KOTBA**

*Minn Għawdex*

# *Nitolbu mal-Papa għall-Qdusija tas-Saċerdoti*

***Dun Anton Sultana, "Nitolbu mal-Papa għall-Qdusija tas-Saċerdoti", Lumen Christi Publications, BCD Printing, Sett. 2009, pp. 48, 2 Ewro.***

Jekk fl-istorja tfaċċaw epoki meta żdiedet id-doża ta' xettiċiżmu dwar il-kleru kattoliku, fi ħdan ċerti ambjenti tas-soċjetà, dan stennih jidher illum ukoll għax ix-xitan ma jgħaddihiex lixxa u jżid il-ħidma tiegħu ħafna iktar f'dis-Sena Saċerdotali speċjali li l-Papa nieda f'ġieħ San Ġwann Marija Vianney, li bħala kappillan tant ħarbat il-ħsara u l-qerq tas-setgħat tal-ħażen, speċjalment f'Ars.

Mhux kumment fil-vojt! Imma almenu dan il-ktieb b'**100 ĦSIEB U TALBA** (Servizz Speċjali Sena Saċerdotali - Nru 1) għandu jtaffi xi ftit u jilqa' l-kontra kurrenti li jitfaċċaw anki madwarna. Huma ħsibijiet imsejsa fuq l-Ittra lis-Saċerdoti, fuq l-Omelija tal-ftuħ tas-Sena Saċerdotali f'San Pietru, u fuq l-Indirizz lir-Reliġjużi fi Pjazza San Giovanni Rotondo, li lkoll seħħew f'Ġunju 2009 u mill-kelma tal-Q. T. il-Papa Beneditti XVI.

L-Editur Dun Anton Sultana adatta dawn il-kunċetti tal-Papa bi traduzzjoni libera u bidilhom f'punti ta' riflessjoni u talb għall-użu ħafif tal-poplu fil-privat jew fil-knisja, speċjalment f'ħinijiet ta' adorazzjoni ewkaristika. L-għan ewlieni jibqa' dejjem bħala sejħa kemm għas-saċerdoti u kemm għall-insara, għax għalihom ilkoll hemm lok li jiskopru aħjar il-valur tas-saċerdozju u x'titlob din il-missjoni mill-poplu kollu ta' Alla. Il-meditazzjonijiet u l-interċessjonijiet f'dan il-ktejjeb jintegraw flimkien id-dmir saċerdotali u daqstant ieħor il-parteċipazzjoni u l-għajnuna min-naħa tal-insara lajċi.

Din il-ġabra ta' ħsibijiet tista' sservi ta' dawl aktar ċar mhux biss lil dawk impenjati fil-qasam tax-xandir, li x'uħud minnhom jinqdew b'xi stejjer kurjużi biex jiskreditaw il-kleru, imma huma wkoll ta' għajnuna għall-qarrejja li jistgħu jiskandalizzaw ruħhom jew jitkażaw b'dak li joħroġ fil-pubbliku. Infatti f'dawn l-invokazzjonijiet kulħadd jista' jinnota l-proċess ta' "konverżjoni", bidla ġenwina u tiġdid spiritwali li jeħtieġu anki l-membri tal-kleru f'ħafna oqsma tal-ħajja u fil-ministeru saċerdotali tagħhom.

Min-naħa l-oħra dan il-materjal meditattiv joffri tweġiba dettaljata fiex għandha tikkonsisti




prinċipalment il-missjoni saċerdotali anki fi żmienna. Dan l-aktar meta jkun hemm min jazzarda jiddetta kif jixtieq li għandu jkun is-saċerdot fid-dinja moderna, kif għandu jaħsibha u x'għandha tkun il-mentalità f'soċjetà mibdula. Frattant il-Papa jagħmel użu wiesa' minn dak li pprattika u għallem il-Kurat ta' Ars bħala saċerdot, persuna li forsi għadha oskurata għal ħafna.

Billi huma ħsibijiet qosra, la għandhom itaqqlu l-moħħ tal-qarrej u lanqas m'għandu wieħed jgħaġġel ħalli jaqrahom kollha f'daqqa. Huma punti li jitolbu eżami serju ta' kuxjenza flimkien ma' iktar riflessjoni, xi ħaġa li fl-aħħar mill-aħħar hija marbuta ma' l-iskop tas-Sena Saċerdotali.

Dan il-ktieb ġie ppubblikat mil-*"Lumen Christi Publications"* ta' Għawdex u jinkiseb m'għand il-librara tal-kotba reliġjużi, għall-prezz ridott ta' 2 ewro.

***Mons. Salv Grima***

*Aktar ħsibijiet għas-Sena Saċerdotali*

# *MIN HU S-SAĊERDOT?*



## 1 IS-SAĊERDOT MEĦTIEĠ:

- Għaliex qalb il-bniedem ma ssibx mistrieħ ħlief f'Alla, u s-saċerdot huwa ministru ta' Alla.
- Għax barra l-bżonnijiet tal-istonku, għandna bżonnijiet tal-qalb, tal-moħħ, tal-kuxjenza, tar-ruħ, li l-Kelma t'Alla biss li jwasslilhom is-saċerdot tissodisfahom.
- Għax il-paċi tal-qalb u ta' bejnietna (li tant nitkellmu fuqha) jagħtiha biss Ġesù, u s-saċerdot hu minflok Ġesù.
- Għax il-magni jitħassru u l-bnedmin (anke l-aktar għorrief) jiżbaljaw u jmutu u s-saċerdot iwasslilna l-Kelma u l-mezzi tal-ħajja ta' dejjem.
- Għax l-esperjenza tal-imgħoddi u l-ġrajjiet ta' żmienna juru li, minkejja dak kollu li hawn fid-dinja, fostna l-bnedmin hawn il-gwaj, il-ġlied, id-dwejjaq, id-diżordni, frustrazzjoni, il-ħajja ta' ħafna hi vojta u bla sens! Is-saċerdot bil-Vanġelu u s-Salib ta' Ġesù, jagħti d-dawl, juri t-triq u jfiehem.

*(mill-Kitbiet ta'* **Dun Mikiel Attard***)*

## 2 MIN HU S-SAĊERDOT?

Biex nifhmu fis-sewwa u bil-verità min hu s-Saċerdot jeħtieġ li nħarsu lejh u nqisuh b'sens u dawl tal-fidi; jiġifieri skont it-tagħlim tal-Iskrittura kif tispjegah il-Knisja Kattolika matul iż-żminijiet.

Is-Saċerdot hu
- **Ministru** tal-Mulej Alla.
- F'għaqda mal-Isqof : **Rappreżentant ta' Ġesù.**
- F'ubbidjenza lill-Isqof : **Uffiċjal tal-Knisja.**
- **Xandar uffiċjali tal-Vanġelu.**
- **Għalliem** tat-tagħlim nisrani u kattoliku.
- **Rappreżentant** tal-poplu t'Alla.
- **Mexxej** tal-poplu t'Alla.
- **Amministratur** tas-Sagramenti.
- **Bniedem ikkonsagrat lil Alla:** xi ħaġa qaddisa.

*(Eżempju li jgħid San Girgor Nissenu)* : "L-Ostja għall-ewwel tkun ħobż ordinarju, imma meta tiġi mqaddsa bil-konsagrazzjoni (fil-quddiesa) tissejjaħ u hu tabilħaqq il-Ġisem ta' Kristu. Hekk ukoll is-saċerdot meta jiġi kkonsagrat (fl-Ordinazzjoni Sagra) xejn ma jinbidel fil-bixra tiegħu esterna, imma b'qawwa u grazzji inviżibbli, issa huwa għandu ruħ mibdula għal kollox."

- **President tal-Ġemgħa** (grupp, laqgħa) Liturġika, speċjalment fl-Ewkaristija (il-Quddiesa)
- **Avviż ħaj** (xhud, reklam) tal-veritajiet reliġjużi; l-aktar tal-eżistenza t'Alla u l-imħabba Tiegħu għalina u l-ħajja ta' wara l-mewt.
- **Ħabib** tat-tfal.
- **Gwida** taż-żgħażagħ.
- **Difensur** tal-għaqda u qdusija tal-familja.
- **Konsolazzjoni** għal min hu mdejjaq.
- **Konfort** tal-morda u l-moribondi.
- **Ċanfira** ħelwa, stedina għall-indiema lill-ħżiena.
- **Hena** tat-tajbin.
- **Sinjal ta' kontradizzjoni** : min hu favur tiegħu u jieħu l-ġid minnu u min hu kontrih.
- **Dawl** għall-ħosbenin.
- **Inkuraġġiment** għal min hu qalbu maqtugħa.
- **Missjunarju** tal-ġustizzja u l-karità.
- **Dak li jitlob** għall-ħajjin u għall-mejtin.

Kellhom raġun il-qaddisin u bnedmin oħra ta' fidi qawwija jkollhom dik l-ammirazzjoni, rispett u qima lejn is-Saċerdot!

*(mill-Kitbiet ta'* **Dun Mikiel Attard***)*

**Dawl għall-Ħajja** — *Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca*

# 'GĦADU MEĦTIEĠ ILLUM?

## 3 ID-DINJITÀ TAS-SAĊERDOT

- " Il-Presbiteri (is-saċerdoti) huma kkonsagrati, biex jippriedkaw l-Evanġelju, jitimgħu l-fidili u jiċċelebraw il-kult divin bħala saċerdoti veri tal-Ġdid Testment."
*(Il-Konċilju Vatikan II - Lumen Gentium nru. 28)*
- "Is-Saċerdot hu rigal ta' Kristu lill-komunità."
*(Il-Papa Ġwanni Pawlu II – Ittra ta' Ħamis ix-Xirka lis-Saċerdoti)*
- Is-Saċerdot huwa Ministru t'Alla, mhux b'għażla tiegħu, iżda għaliex Kristu għażlu u bagħtu sabiex iwassal minn għand Alla għall-bnedmin kollha grazzja u barka u ħniena u maħfra."
*(L-Isqfijiet Mons. Ġużeppi Mercieca u Nikol Ġ. Cauchi – Ittra 23 ta' Jannar 1983)*
- "Is-Saċerdozju tal-Liġi l-Ġdida mhux okkupazzjoni jew għal żmien limitat, imma s-saċerdot nisrani, jwettaq jew ma jwettaqx il-ministeru tiegħu, jibqagħlu dejjem fih **konfigurazzjoni** (xebh reali) ma' Kristu, b'ħaġa li tagħmlu jixbah lil Kristu u tagħtih parteċipazzjoni mill-awtorità Tiegħu."
*(l-Isqof Emeritu ta' Għawdex Mons Nikol Ġ. Cauchi – Il-Kelma tar-Ragħaj Vol II, p 190)*
- "L-Ordni Sagri jgħolli l-bniedem sa ħdejn Alla. X'inhu s-saċerdot? Bniedem li qiegħed minflok Alla u mlibbes bil-misteri t'Alla."
*(Il-Kurat t'Ars – San Ġwann Marija Vianney)*

## 4 ID-DMIRIJIET TAL-INSARA LEJN IS-SAĊERDOT

- Inħarsu lejn is-saċerdot bl-għajnejn tal-fidi. Is-saċerdot mhux *social worker*, mhux psikologu. Hu Ministru tas-Sinjur Alla...
- Għad li l-qassis, bħal kull bniedem ieħor, għandu d-difetti tiegħu, iżda hu dejjem sinjal



tal-preżenza t'Alla u jħaddem setgħat minn Alla biss mogħtijin għall-veru ġid tal-bnedmin.
Din il-verità min-naħa tnissel ammirazzjoni, rispett, fiduċja; min-naħa oħra tnissel mogħdrija u kompassjoni meta jonqsu jew jiżbaljaw.

- **B'sagrifiċċju, l-Insara għandhom jagħtuh il-koperazzjoni sħiħa tagħhom fil-ħidmiet reliġjużi u ta' apostolat li jwettaq is-saċerdot.**
- Ikunu jogħġbu ħafna lil Ġesù dawk l-Insara li jiddefendu lis-saċerdot bi prudenza u bi spirtu ta' djalogu ma' dawk li jżebilħuhom..
- **L-Insara awtentiċi għandhom jagħtu sehem għall-manteniment tas-saċerdot, għax "min iservi l-artal għandu jgħix mill-artal".**



- Ikun ta' inkuraġġiment ukoll għas-saċerdot, meta wieħed joffrilu ħbiberija spiritwali u qaddisa jew jurih apprezzamenti umani sinċieri u disinteressati.
- **L-Insara għandhom jitolbu għas-saċerdoti biex jikbru fil-qdusija u jitkattru fin-numru** (per eżempju, fis-sagħtejn Adorazzjoni li jsiru kull xahar għall-erwieħ ikkonsagrati, għandu jsir talb għas-saċerdoti kollha).

*Solidarjetà Nisranija (4)*



# L-Imħabba: It-tieni pilastru tas-Solidarjetà



*kitba ta'*
**MONS. ISQOF EMERITU NIKOL Ġ. CAUCHI**

L-imħabba hija esperjenza marbuta mill-qrib mal-ħajja tal-bniedem u tista' tkun naturali jew sopranaturali:

***L-Imħabba naturali***

"Agape" u sehbitha "eros" huma kelmiet bil-Grieg li wieħed ta' spiss isibhom fil-letteratura teoloġika kurrenti. Iż-żewġ kelmiet jistgħu jiġu tradotti bil-kelma "mħabba" iżda **"imħabba" hija kelma li ma tissodisfax għaliex hija tinkludi l-għamliet kollha ta' attrazzjoni, ibda minn dawk ta' Hollywood għal dawk tas-Sema.** Lanqas kien hemm kelma lesta fil-lingwa Griega li kienet tkun tista' tesprimi l-għamla ta' mħabba divina li Kristu rrivela, l-imħabba ta' dawk li mhumiex maħbubin u lanqas jistħoqqilhom l-imħabba, hija tant differenti mill-imħabba naturali umana (eros). Din tinġibed biss minn oġġetti li wieħed jixtieqhom. Għalhekk l-insara ħadu kelma Griega "agape" li ma kinitx użata ħafna u adattawha għall-imħabba t' Alla fi Kristu u għall-imħabba lejn l-aħwa anke dawk li mhumiex simpatiċi, l-imħabba li hija mqanqla fil-bnedmin mill-Ispirtu s-Santu" (ALEC R. VIDLER, *Christian Belief*, p 61).

**Il-Papa Benedittu XVI, ukoll, jagħmel distinzjoni bejn iż-żewġ kelmiet li semmejna fl-ewwel enċiklika tiegħu, fejn jgħidilna "Aħna rriflettejna dwar żewġ kelmiet ewlenin li huma "eros" bħala kelma li tfisser l-imħabba kif tifhimha d-dinja u "agape" bħala espressjoni għall-imħabba mibnija fuq il-fidi li mfassla fuqha. Dawn iż-żewġ ideat huma sikwit kontrastanti bħala l-imħabba li togħla 'l fuq (axxendenti) u l-imħabba li tħares l-isfel (dixxendenti). Hemm ukoll kategorija oħra ta' tifsiriet li jixbħuhom ngħidu aħna d-differenza bejn l-imħabba li tieħu (ablattiva) u l-imħabba li tagħti (oblattiva) (imħabba mqanqla mill-ġibda ħażina u imħabba mqanqla għall-ġid ta' ħaddieħor) li magħhom kultant ngħoddu wkoll l-imħabba li tfittex dak li jaqblilha (egoista)"(Enċiklika, *Deus Caritas Est*, n.7).**

L-imħabba naturali hija dik li hija ispirata jew stimulata minn kwalitajiet naturali li jkun hemm fl-oġġett jew persuna maħbuba, bħal ma huma s-saħħa, il-ġmiel, l-għerf, il-għaqal, u t-tjubija. Hija mħabba purament umana.

Il-bniedem, barra mis-setgħat li għandu, biex bihom jagħraf u jifhem li huma s-sensi u l-intellett, Alla żejnu wkoll b' setgħat oħra li bihom jinġibed lejn oġġetti jew ħwejjeġ li huma tajbin jew li għal inqas jidhrulu li huma tajbin. Dawn is-setgħat huma l-ġibdiet jew emozzjonijiet li bihom jitħajjar għall-oġġetti sensibbli, kif ukoll il-volontà jew ir-rieda ħielsa li biha jieħu deċiżjonijiet, jagħmel l-għażliet tiegħu u jinġibed lejn oġġetti astratti jew spiritwali. Dawn l-oġġetti, li xi drabi huma realment tajbin u drabi oħra jidhru hekk fl-apparenza biss, dment li nkunu neqsin minnhom nixtiequhom u nfittxuhom, jekk imbagħad jirnexxilna nippossedu hom, nifirħu bihom, għall-inqas għal xi ftit taż-żmien.

L-imħabba bħala emozzjoni, hija l-aqwa waħda fosthom għax hija l-bidu tal-emozzjonijiet l-oħra, bħal ma huma l-biżà u l-għadab. Difatti l-biżà jaħkem fuqna, meta jkun hemm il-periklu li nitilfu xi ħaġa li tiswielna jew li hi għall-qalbna. Il-għadab jibda fina meta niltaqgħu ma' xi ħadd jew xi ħaġa li jfixkluna milli ngawdu xi ħaġa tajba li għandna jew milli nakkwistaw xi ġid li nkunu rridu niksbu.

Il-bniedem jista' jrid jew iħobb kemm oġġetti materjali, bħal meta bniedem jippreferi kwalità ta' ikel, kif ukoll oġġetti spiritwali jew persuni, bħal meta wieħed iħobb il-virtù jew lill-ġenituri tiegħu. **Il-kelma "mħabba" għalhekk jista' jkollha iktar minn tifsira waħda, skont kif ikun il-ġid jew it-tajjeb li nixtiequ jew inħobbu. Difatti, dan il-ġid jista' jkun:**

(i) **utli**, jekk jiswielna biex nilħqu xi skop tagħna;
(ii) **pjaċevoli**, jekk jagħtina gost;
(iii) **onest u xieraq**, jekk hu tajjeb fih innifsu.

It-tifsira l-iktar ġenwina ta' l-imħabba, hija dik li jkollna, mhux lejn xi oġġett materjali li jogħġobna jew li neħtieġu, iżda lejn persuni oħra bħalna.

Tħobb persuna jew tħobb lil xi ħadd, però, ma jfissirx li tħobbu sempliċement għax għandek simpatija lejh u l-anqas għax taf li minn għandu tista' tieħu xi ħaġa, jew xi vantaġġ. Iżda tħobbu għax tridlu l-ġid, tixtieq tarah hieni, u anki tfittex li tagħmillu xi ġid, kif tkun tista'.

Għalhekk **hija meħtieġa distinzjoni importanti, bejn l-imħabba hekk imsejha "ta' konkupixxenza" u mħabba ta' "benevolenza."**

L-ewwel imħabba, ħafna drabi mhix ħlief l-imħabba tagħna nfusna, u espressjoni tal-egoiżmu tagħna. It-tieni



għamla ta' mħabba, nistgħu nsejħulha wkoll "ħbiberija", għad li propjament, biex tkun ħbiberija sħiħa, jeħtieġ li tkun bilaterali jew reċiproka. **Mhux biżżejjed li jkun hemm xi ħadd li jħobb lil ħaddieħor, iżda jeħtieġ li t-tnejn iħobbu lil xulxin, biex ikunu tassew ħbieb.**

**Għalhekk, biex ikun hemm vera ħbiberija jeħtieġ li jseħħu tliet kundizzjonijiet:**

(i) **tkun għall-inqas bejn żewġ persuni,**
(ii) **li jkunu jinħabbu b'imħabba ta' benevolenza;**
(iii) **li jkollhom xi interessi jew tendenzi komuni, li jressquhom lejn xulxin.**

Il-filosofu Grieg Aristotele, fit-tmien u d-disa' ktieb ta' l-"*Etika lil Nikomaku,*" jitkellem fit-tul dwar l-imħabba u l-ħbiberija u jgħid fost l-oħrajn: "Il-ħbiberija jew l-imħabba perfetta hija l-ħbiberija jew l-imħabba ta' dawk li huma tajbin u jixbħu lil xulxin fil-virtù għaliex dawn in-nies minħabba t-tjubija tagħhom jixtiequ l-ġid lil xulxin filwaqt li huma tajbin huma stess. Tabilħaqq in-nies li jridu l-ġid lill-ħbieb tagħhom propju għax huma ħbiebhom, dawk huma l-ħbieb fil-veru sens tal-kelma. Għax huma jagħmlu hekk bħala effett tal-karattru onest tagħhom stess u mhux bi ħbiberija aċċidentali. Il-ħbiberija tagħhom hija dejjiema għax tibqa' sa kemm iddum it-tjubija tagħhom u din il-virtù hija kwalità permanenti" (ktieb VIII, kap III). **Il-ħbiberija jew l-imħabba mibnija fuq il-pjaċir jew fuq l-utilità hija biss aċċidentali u mhux imħabba li wieħed jista' jorbot fuqha.**

San Tumas d'Aquino jfaħħar il-ħbiberija vera u kiteb dwarha (*Summa Theologiae*, I-II q 99, n. 2) "L-għan ewlieni tal-liġi umana, huwa dak li tistabbilixxi l-ħbiberija fost il-bnedmin." Fil-ktieb "*De Principe*": (I,11) jgħid : Fost il-ħwejjeġ ta' din id-dinja, ma jeżisti xejn li jistħoqqlu jkun preferut għall-ħbiberija. Hija difatti, tlaqqa' flimkien bnedmin onesti u tħares u tkattar id-drawwiet tajba tagħhom. Kulħadd għandu bżonnha biex iwettaq xi ħidma, għaliex fiż-żmien ta' prosperità, ma tfixkel xejn u fl-avversità ma tħalliniex weħidna. Hija tiksbilna l-aqwa pjaċir, ladarba kull ħaġa ta' gost, mingħajr il-ħbiberija, wara ftit iddejjaqna, u bil-ħbiberija kull ħaġa diffiċli ssir ħafifa u, kważi mingħajr taħbit.

***Imħabba sopranaturali***

Il karità jew l-imħabba lejn il-proxxmu hija l-virtù teologali, li tgħallimna nħobbu u ngħinu lill-għajrna, għaliex Alla hekk irid, u għaliex b'dan il-mod aħna nuru mħabbitna lejn Alla nnifsu. Jista' jingħad li l-karità fraterna hija sagrament jew sinjal ta' l-imħabba tagħna lejn Alla.

**Din l-imħabba nsejħulha virtù teologali, għaliex tiġi msawba fir-ruħ minn Alla, u għandha wkoll lil Alla bħala oġġett dirett jew indirett tagħha. Biha nħobbu lil Alla, għalih innifsu u nħobbu lill-għajrna għall-imħabba tiegħu.**

Hija dik l-imħabba lejn persuna, li titqies bħala membru reali jew virtwali tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu, jiġifieri li hija diġà jew li tista' tkun fil-ġejjieni, magħquda ma' Kristu bil-fidi u bl-imħabba. Din hija l-imħabba nisranija li nistgħu nsejħulha wkoll "karità"; biha aħna nħobbu bniedem ieħor, mhux fih innifsu u għalih innifsu, iżda f'Alla, jiġifieri kif irid Alla, u għax hekk iridna nagħmlu Hu. Bil-fidi nilmħu 'l Alla preżenti f'kull kreatura u Alla hu dejjem ta' min iħobbu. Għalhekk lill-bnedmin għandna nħobbuhom dejjem bħalna nfusna, għalkemm forsi xi drabi ma nkunux miġbudin lejjhom.

**L-imħabba ta' għajrna hija wkoll mħabba fraterna.** Għax inqisu lill-oħrajn bħala ħutna, membri ta' l-istess familja, li għandha bħala Missier, lil Alla, Ħallieq ta' kollox u ta' kulħadd. In-nisrani jħobb lil ħutu, għax huwa jħobb il-Missier tiegħu tas-sema u jimità lil Alla fl-imħabba tiegħu lejn il-bnedmin, dan Alla, li mqanqal mill-imħabba tana lil Ibnu, Ġesù Kristu li ħabbna sal-mewt.

**Biex tkun vera l-imħabba jew karità, hemm bżonn li tipperfezzjona l-persuna li tħobb, ċioè s-suġġett ta' l-imħabba, iżda fl-istess ħin lanqas ma tagħmel ebda ħsara jew tbaxxi fiżikament jew moralment lill-persuna maħbuba, jew l-oġġett ta' l-imħabba. Għalhekk min biex taparsi jħobb, jissagrifika l-kuxjenza tiegħu jew tal-persuna maħbuba, ma jkollux vera mħabba iżda biss "karikatura" tagħha.**

Li wieħed iħobb sempliċement għax għandu simpatija lejn xi ħadd hija xi ħaġa li jagħmluha anki l-pagani. Iżda li wieħed iħobb għax jifhem b'mod spiritwali, u jemmen li aħna lkoll membri ta' Kristu u għalhekk għandu jkun hemm bejnietna rabtiet ta' mħabba. Din hija verament il-virtù tal-karità fraternà. Mela **biex tista' tissejjaħ imħabba nisranija, trid tkun imħabba ta' benevolenza u mibnija fuq motivi sopranaturali.**

San Bernard f'"*De diligendo Deum*" jgħallem li "L-imħabba ta' għajrna biex tkun perfetta, ċioè sopranaturali, jeħtieġ li tkun kawżata, mqanqla mill-imħabba divina, jiġifieri jeħtieġ li nħobbu l-proxxmu tagħna f'Alla, iżda ma nistgħux inħobbu l-proxxmu tagħna f'Alla, jekk qabel ma nħobbux 'l Alla u għall-imħabba Tiegħu, nħobbu l-proxxmu" (Scaramelli, "*Direttorio Ascetico*", vol II, p 397).

*(jissokta)*

FOLKLOR GĦAWDXI

*Anton F. Attard jirrakkonta u jfisser...*



drawwiet missirijietna

© Anton F. Attard

# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(It-Tlieta u Għoxrin Parti )*

## *IX-XOGĦOL TAL-BIZZILLA F'GĦAWDEX (2)*

***Bizzilel differenti***

Għalkemm ix-xogħol tal-bizzilla fil-prinċipju, bħall-insiġ, hu dejjem l-istess, imma mbagħad ikun hemm stili, modi, u tipi differenti ta' bizzilel. Hekk, ***bizzilla ta' l-idejn*** tfisser bizzilla maħduma bl-idejn u mhux li tkun saret bil-magna. ***Bizzilla mħallta*** tkun bizzilla maħduma partijiet minnha biċ-ċombini u partijiet oħra bil-labra. ***Bizzilla tal-bukketti*** tissejjaħ hekk għax tinħadem għat-tul u fuq disinn mexxej tal-fjuri, filwaqt li ***bizzilla tad-deheb*** tinħadem bi ħjut tad-deheb. ***Bizzilla tas-sinjuri*** tinħadem b'ħajt tal-ħarir fin u fuq disinni sofistikati, filwaqt li ***bizzilla tal-bdiewa*** tinħadem b'ħajt mhux raffinat. ***Bizzilla tal-qasba*** tissejjaħ hekk għax titkejjel bil-qasba, kejl folkloristiku ta' dawn il-gżejjer. Din il-bizzilla tinħadem għat-tul u tinbiegħ bil-qasba. Infatti, tinqata' bix-xafra dirett minn mat-trajbu. Hemm ukoll ***bizzilla tat-tajjar***, li tinħadem minn ħajt tat-tajjar. Meta ngħidu ***bizzilla tal-balla*** nifhmu bizzilla li jkollha sfond qisu xibka. Kien hemm ukoll bizzilli msejħa ***tat-trina***. Dawn kienu jkunu strixxi rqaq tat-tila maħdumin bil-bizzilla taċ-ċombini.

***Bizzilletti*** huma strixxi ta' bizzilla dejqa; ***il-puntina*** hija biċċa bizzilla twila u dejqa biex tinħat ma' oġġetti tal-ħwejjeġ oħra; ***filiment*** jew ***finiment*** hu strixxa tal-bizzilla li tinħadem bil-għan li tinħiet mad-drapp min-naħa tat-tnejn, jiġifieri ma jkollux ġenb għall-bordura. ***Il-frilli*** huma strixxi rqaq tal-bizzilla li meta jinħietu mat-tarf tal-kmiem jew ma' l-iskullatura tal-għonq, jiġu miġmugħa. ***It-torxon*** huwa disinn tal-bizzilla mhux daqstant fin u aktarx b'figuri ġeometriċi li jinħadem bi tliet ċombini.

***Il-Borduri*** huma bċejjeċ tal-bizzilla għoljin li jinħietu mal-ħwejjeġ. Dawn ikunu maħduma fuq disinn speċjali u jkun fihom ħafna għeliem skont ma' liema libsa jkunu se jinħietu. Hekk, hemm ***borduri tar-rukkett*** (qisha spellizza tal-kappillani u l-kanonċi), ***borduri ta' l-alba*** (il-libsa bajda li jilbes iċ-ċelebrant taħt il-pjaneta), u tal-komma ta' l-alba; ***borduri ta' l-ammittu***, ***borduri tal-korporal***. Insibu wkoll ***borduri għat-trieħi*** ta' l-altari, ***borduri għat-tvalji***. Imma l-borduri tat-trieħi ta' l-altari jistgħu jkunu wkoll infurrati.

Il-puntini, il-filimenti, ***girlandi*** u l-borduri jinbiegħu bil-jarda. Għal esportazzjoni kien ikun hemm pezez sħaħ tal-bizzilla.

***Tberfil***

Jinħadmu wkoll girlandi tal-bizzilla. Hekk il-maniplu kien ikun imberfel b'girlanda tal-bizzilla. L-istola, minbarra li tkun irrakkmata, tista' tkun imberfla bil-bizzilla, basta tkun taqbel pariġġ mal-pjaneta. Tkun imberfla bil-bizzilla wkoll is-soprakalċi (speċi ta' velu li jgħatti l-kalċi). Hekk ukoll jista' jkun imberfel il-velumeral li l-qassis juża biex ikun jista' jagħti l-barka.

Ix-xifer tad-drappijiet jitberfel ukoll bil-puntina, li tkun bizzilla ċkejkna u dejqa maħduma minn ħajt tat-tajjar jew tal-qoton għal dan il-għan.

***Ħwejjeġ tal-bizzilla***

Hemm ħafna affarijiet li jistgħu jinħadmu tal-bizzilla: kutri, mantijiet, mantu', *glimpecta*, dbielet, xalel, pnatar, tipi differenti ta' ingwanti, imkatar, għenuq, velijiet, pulzieri, frillijiet, ilbiesi ta' taħt, kriepet, ilbiesi tal-knisja, tvalji, tavolini, plattini, għata, purtieri, *doilies* u oħrajn.

Fost il-ħwejjeġ tal-knisja nsibu trieħi, kuda ta' l-alba li tintlibes mill-Monsinjuri tal-Katidral (ta' Malta u ta' Għawdex).

***Disinni***

Il-bizzilla tinħadem fuq id-disinni. Għalhekk, fil-***Casa Industriale*** ta' Għawdex, fejn kienet tkun mgħallma l-bizzilla



u li fuqha nitkellmu aktar tard, kien hemm il-**kampjunarju**, jiġifieri ġabra ta' disinni u kampjuni li minnhom dik li taħdem il-bizzilla setgħet tagħżel biex taħdem. In-negozjanti wkoll kellhom il-kampjunarji tagħhom biex ikunu jistgħu jordnaw bizzilel li jkollhom bżonn. Jekk niflu sewwa dawn id-disinni naraw li minkejja d-differenzi fil-gost u s-sura ta' kull disinn, dejjem skont l-użu li għalih tkun inħadmet il-bizzilla, il-motivi ewlenin huma dawn:

***Motivi naturali:*** Weraq, bukketti jew fjuri, friefet, xemx, frott, u palm.

***Motivi ġeometriċi:*** ċrieki, nofsstondijiet, segmenti, xibka, suriet ovali (*ara ritratt fuq*).

***Motivi simboliċi:*** dielja bil-għeneb, ħaruf bil-bandalora fuq il-ktieb tas-seba' siġilli, kalċi bl-ostja, sbul tal-qamħ, slaleb, palm (vittorja), mitra, baqlu u salib imsallbin fuq xulxin, il-monogramm IHS bis-salib f'nofsha, qalb, *Nome di Maria*, globu bis-salib fuqu, qalb ta' Ġesù bil-fjamma ta' l-imħabba u s-salib, Pellikan, l-idejn imsallbin bis-salib f'nofshom (għelm ta' San Franġisk), qalb minfuda bi stallett (simbolu tad-Duluri), kuruna tax-xewk, kewkba b'ħames ponot, stilel ta' David, stilel b'ħafna ponot.

***Motivi storiċi:*** Salib tal-Kavalieri; l-arma ta' Għawdex bit-tliet għoljiet.

***Festuni:*** festun ta' l-istilla, festun tal-warda.

***Slaleb:*** salib Grieg, salib Latin, salib ta' Sant' Indrija.

***Xebħ:*** dudu, siġra tal-ħajja.

***Sfondijiet:*** retiċella jew xibka.

***Disinn*** jissejjaħ ukoll ***xempju***. Irid ikun adattat għal fuq l-imħadda jew it-trajbu li fuqu tkun se tinħadem il-bizzilla skont id-disinn, u li jista' jiġi ripetut. Ir-ripetizzjoni tissejjaħ ***kuxxinata***.

Wara li d-disinn jinħadem għall-ewwel darba, xħin jinqala' biex tinħadem it-tieni kuxxinata, fuq l-imħadda jkun hemm id-disinn iffurmat bit-toqob tal-labar, għalhekk, kienu jħażżu d-disinn fuq l-imħadda jew it-trajbu permezz ta' dawn it-toqob billi jgħaqqduhom bis-singi u hekk ikunu jistgħu jaħdmu mingħajr il-ħtieġa li jerġgħu jqiegħdu d-disinn. Iżda bl-użu t-toqob jistgħu jitwessgħu u d-disinn ma jkunx jista' jinħadem sabiħ bħal meta jinħadem l-ewwel darba fuq id-disinn oriġinali.

***Punti***

Il-punti li bihom tinħadem il-bizzilla huma diversi u għandhom ismijiet għalihom: ***Tila***, punti oħra msejħin ***mexxejja*** u ***weqfin***; ***puntina, fillieri tal-labra, kaladindja, punt rossa, kannizzata, tila mal-fillieri, il-brimba, l-imrewħa, lewża, punt Ingliż, punt tal-balla, punt tal-kaxxi, nofs punt - torxon, moska, punt fuq il-labra, moska fuq it-torxon.***

***Storja***

Ix-xogħol tal-bizzilla minn dejjem kellu rabta intima mal-gżejjer Maltin. Infatti hemm min jaħseb li l-bizzilla daħlet f'Għawdex saħansitra fiż-żminijiet Neolitiċi u fil-Mużew Arkeoloġiku ta' Għawdex hemm dawk li jissejħu 'ċombini tal-ġebla' u labar tal-ħjata tal-għadam.

Ma jistax jonqos li fi żmien iċ-ċiviltajiet klassiċi tar-Rumani u l-Biżantini, bħalma kien hawn min jaħdem id-drapp tan-newl, hekk ukoll kien hawn min jaħdem il-bizzilla.

Il-bizzilla reġgħet daħlet żgur f'dawn il-gżejjer fis-seklu sittax wara l-miġja tal-Kavalieri ta' San Ġwann, imma dawn kultant kienu joħorġu bandi biex in-nies ma tantx tonfoq flus f'ilbies lussuż tal-bizzilla u għalhekk kienu jillimitaw l-użu ta' dan l-ornament hekk sabiħ fl-ilbies.

Wara t-tluq ta' l-Ordni ta' San Ġwann minn Malta u mal-bidu ta' żmien l-Ingliżi x-xogħol tal-bizzilla beda jieħu r-ruħ għax il-portijiet ta' Malta nfetħu għall-kummerċ mal-pajjiżi barranin.

Imma kienet ***Lady Hamilton Chichester*** li fl-1833 reġgħet qajmet ix-xogħol tal-bizzilla billi daħħlet l-użu tal-bizzilla fuq l-istil ta' kif tinħadem f'Ġenoa.

***(Jissokta)***


Xerri l-Bukkett



Bar

Restaurant Pizzeria

Dine while enjoying the best view in the Maltese islands

Triq iż-Żewwieqa Qala

Tel. 21553500

*Esperjenza (1)*

# *Pellegrinaġġ għal Santwarji Storiċi u Devozzjonali fl-Irlanda mal-Isqof Nikol Ġ. Cauchi*



*kitba ta'* **DUN RENATO BORG**

### *Wara pellegrinaġġ fl-Irlanda*

Waħda mix-xewqat li kellu l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Nikol G. Cauchi, Isqof Emeritu t'Għawdex, kienet dik li xi darba jżur l-Irlanda biex jara s-Santwarju Marjan ta' Knock. Huwa wera bil-ħsieb tiegħu lil Dun Ġwann Sultana u fl-aħħar ta' Settembru ta' din is-sena l-ħolma saret realtà għaliex ġie organizzat pellegrinaġġ reliġjuż lejn l-Irlanda, post ta' tradizzjoni kbira fejn tidħol il-Fidi Kattolika. Wara ġimgħa fl-Irlanda huma ħafna r-riflessjonijiet li wieħed jista' jikteb dwarhom, iżda jien hawn taħt nixtieq naċċenna għal xi ħsibijiet li laqtu lili u li nittama li jistgħu jkunu ta' interess għall-qarrejja ta' dan il-ġurnal.

### *Is-sbuħija tan-natura*

Forsi wieħed jista' jistaqsi x'hemm partikolari fl-ambjent naturali ta' l-Irlanda biex wieħed jibqa' impressjonat u ma jsibhiex bi tqila biex jerfa' ħsibijietu lejn dak li ħalaq kollox u jroddlu ħajr tal-ġmiel li bih żejjen din il-gżira? Tassew mas-salmista tħossok li trid tiftaħ fommok u tfaħħar 'l Alla tal-ġmiel kbir u sabiħ li tara madwarek u tistqarr "għemil idejk ixandru l-kobor u s-sbuħija tiegħek." Huwa veru li aħna, li ninsabu fuq din il-gżira ċkejkna ta' Għawdex, ma nistgħux ma nimpressjonawx ruħna bil-ġmiel naturali li jeżisti f'pajjiżi kbar oħra. Tajjeb li ngħidu li b'daqshekk ma jfissirx li ma napprezzawx is-sbuħija naturali li għandna fi gżiritna u l-aspett partikolari tagħha, iżda żgur li tintlaqat minn kwadri tan-natura li ma tarahomx f'pajjiżek. Ma nkunx qiegħed neżaġera jekk ngħid li biżżejjed li wieħed joqgħod igawdi l-ġmiel naturali tal-kampanja Irlandiża minn fejn jgħaddi biex iħossu konvint li flusu ma tajjarhomx fix-xejn. Il-kampanja Irlandiża issaħħrek għaliex ħafna minnha għada fl-istat salvaġġ tagħha, qisha id il-bniedem għada ma laħqitx u ma pprofonatx dan l-ambejnt naturali. San Pawl jgħid għall-pagani li mhumiex meħlusa mill-ħtija talli ma għarfux lil Alla għaliex is-sbuħija u l-kobor tan-natura huwa biżżejjed biex iwassalhom biex jagħrfu lil dak li ħalaqhom. Wieħed allura ma jistagħġibx jekk il-poplu Irlandiż mal-wasla ta' San Patrizju kkonverta lejn dak Alla li deher fi Kristu Ġesù u li hu l-istess Alla li n-natura ġġorr il-marki ta' subgħajh. Żgur ukoll li wieħed iħoss sejħa partikolari biex japprezza s-sbuħija naturali ta' pajjiżu u ċanfira għal kull sfreġju li jsir fiha f'isem il-progress u l-qliegħ bla rażan.



### *Is-"Celtic Cross"*

Waħda mill-karatteristiċi li tolqot lil kull min iżur ir-Repubblika Irlandiża hija l-preżenza ta' slaleb partikolari, f'diversi postijiet, msejħa "Celtic Cross." Is-"Celtic Cross" huwa forma ta' salib imqiegħed fuq ċirku. Mhux dejjem hemm qbil dwar it-tifsira ta' dan is-salib u kif verament oriġina. Però huma ħafna dawk li jżommu mal-leġġenda li tgħid li meta San Patrizju beda jevanġelizza lin-nies ta' dawn l-inħawi (id-"Druids") huwa nnota fuq ġebla wieqfa ċirku tond li kien jippreżenta 'l alla tagħhom, xaktarx ix-xemx jew il-qamar. San Patrizju ħa dan is-simbolu tagħhom u fuqu żied is-salib Latin u bierek il-ġebla. Dan wassal lil qaddis biex ifiehem lin-nies ta' dak iż-żmien, li lilhom kien qiegħed iwassal il-bxara t-tajba li minn issa 'l quddiem huma kellhom jaduraw lil Alla veru jiġifieri lis-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, li Hu x-xemx u d-dawl. Din il-ħidma ta' San Patrizju turina kif dan il-qaddis kien kapaċi li jieħu dak li kien tajjeb f'din iċ-ċiviltà u jibni fuqha biex iwassal il-kelma ta' Kristu u jevanġelizza lil dak il-poplu. Din il-ħidma nsejħulha nkulturazzjoni.

### *Fuq il-qabar ta' Frank Duff*

Kif konna Dublin waħda mill-ewwel żjarat li għamilna kienet li żorna l-qabar tal-Qaddej t'Alla Frank Duff. Wieħed kif jasal fuq il-qabar tiegħu jintlaqat minn tliet dati li hemm fuq l-irħama li



*Ritratt tal-grupp f'dan il-Pellegrinaġġ*

turi fejn hu l-qabar tiegħu,. Dan għaliex id-dati kollha jġibu n-numru 7 fihom. Kien fis-7 ta' Ġunju 1889 li twieled Frank Duff; fis-7 ta' Settembru 1971 li huwa waqqaf il-Leġjun ta' Marija; u kien fis-7 ta' Novembru 1980 li huwa twieled għall-ħajja ta' dejjem. Il-Papa Pawlu VI kien stiednu biex jieħu sehem fil-Konċilju Vatikan II bħala osservatur lajk. Ta' 27 sena kiteb l-ewwel ktieb tiegħu li jġib l-isem *"Nistgħu nkunu qaddisin?"*. Frank Duff nistgħu ngħidu li kien wieħed mill-pijunieri tal-Konċilju Vatikan II għaliex kien jisħaq fuq is-sejħa universali tal-qdusija, jiġifieri kulħadd, inklużi l-lajċi, huma msejħin biex ikunu qaddisin, u fuq l-appostolat tal-lajċi. Fuq il-qabar ta' Frank Duff kienu ħafna dawk li talbu xi grazzja partikolari lil dan il-qaddej t'Alla kif ukoll tlabna biex jekk inhi r-rieda t'Alla ma ndumux ma narawh igawdi l-glorja ta' l-artali.

### *Il-Patrun ta' l-Irlanda St. Patrick*

San Patrizju (Patricius: 387-493) kien Ruman mill-Brittanja u kien hu l-missjunarju li kkonverta lill-Irlanda u għalhekk huwa miżmum bħala l-Patrun tagħhom. Sa llum għad fadlilna żewġ ittri awtentiċi miktuba minnu li fuqhom hija bbażata l-istorja ta' ħajtu. Meta kellu l-età ta' erbatax-il sena huwa kien inqabad mill-Irlandiżi li ħaduh ilsir f'arthom. Wara sitt snin ta' ħidma iebsa huwa rnexxielu jaħrab u jmur lura fi ħdan il-familja tiegħu. Meta laħaq isqof huwa rritorna l-Irlanda biex jevanġelizza lil dan il-poplu li kien ħadu lsir fl-età hekk żgħira. Għad li nafu li kbira kienet il-ħidma ta' San Patrizju fl-Irlanda però mhux dejjem għandna informazzjoni eżatta ta' fejn wettaq l-appostolat tiegħu. Dak li hu żgur huwa li dan il-qaddis hu meqjum b'għożża kbira mill-Irlandiżi kollha, kemm dawk li għixu fl-Irlanda kif ukoll minn dawk l-Irlandiżi li emigraw f'pajjiżi oħra. Meta ssemmilhom lil San Patrizju huma jibdew jirrakkontawlek xi storja minn ħajtu. U jekk tistaqsihom jekk hux veru dak li qegħdin jgħidu, jħobbu jwiegħbu li huma ma joqgħodux jagħmlu tant differenza u distinzjonijiet bejn it-tradizzjonijiet u l-leġġendi li għaddewlhom missirijiethom u dak li huwa veru. Waħda minn dawn il-leġġendi li rrakkontaw u li laqtitni għaliex qisu hemm ċertu paralleliżmu mal-miġja ta' San Pawl Missierna fuq gżiritna hija meta jirrakkontaw kif San Patrizju tefgħa s-sriep kollha l-baħar, hekk li sa llum fl-Irlanda ma jeżistux sriep. F'din il-ġrajja huma jagħrfu li San Patrizju kien iġġieled u ħadha kontra s-sriep, is-simbolu tal-ħażen u naddaf lill-Irlanda minn kull ħażen. Xi ħadd kif sema' din il-grajja qal "li kieku kellu jiġi llum kien jitfa' lil kulħadd il-baħar." Ma rridux inkunu hekk pessimisti, hawn ħafna tajjeb u għalhekk irridu nkomplu nagħmlu ħilitna biex it-tajjeb inżommuh u l-ħażin inwarrbuh.

### *Is-Santwarju Marjan ta' Knock*

Il-pellegrinaġġ fuq din il-gżira kbira laħaq il-qofol tiegħu fiż-żjara li għamilna lis-Santwarju Nazzjonali Marjan ta' Knock. Storja li bdiet fil-21 t'Awwissu fl-1879 meta il-Madonna, San Ġużepp u San Ġwann l-Evanġelista dehru lil xi nies fuq in-naħa ta' wara tal-knisja parrokkjali. B'kollox kienu ħmistax dawk li taw xhieda ta' dak li kienu raw. Illum dan is-Santwarju Marjan mhux biss huwa magħruf ma' l-Irlanda kollha iżda huwa rikonoxxut mad-dinja Kattolika kollha. Il-pellegrinaġġ personali li kien għamel il-Papa Ġwanni Pawlu II fis-sena 1979 biex ifakkar il-mitt sena mid-dehra tal-Madonna f'Knock kompla żied id-devozzjoni ta' ħafna lejn dan il-post. Dan is-Santwarju fis-sena 1993 kien laqgħa bħala pellegrin lill-Beata Madre Teresa ta' Kalkutta. Matul is-sena huma kważi miljun u nofs ta' pellegrini li jżuruh. Illum iċ-ċentru Marjan ta' Knock huwa oasi spiritwali li fiha l-Verġni Mbierka tressaq lil ħafna lejn binha Ġesù u twasslilhom il-messaġġ dejjem attwali "għamlu dak li jgħidilkom Hu." Kif wasalna f'dan is-Santwarju l-ewwel li għamilna kien li qaddisna fil-post fejn seħħet id-dehra, illum knisja. Wara nofsinhar inġbarna biex ngħidu r-Rużarju quddiem din il-kappella. In-nies tal-post għandhom id-drawwa li jgħidu r-rużarju filwaqt li jduru madwar is-santwarju. Wieħed jieħu pjaċir jilmaħ diversi nies ta' kull klassi soċjali kif ukoll ta' kull età, anzjani u żgħażagħ jgħidu t-talba tar-Rużarju, talba tant għażiża għal Ommna tas-Sema. Dan is-santwarju u santwarji oħra simili mad-dinja kollha juruna kemm l-Omm ta' Kristu u Ommna lkoll għadha tiġbed lill-uliedha lejha biex tqarribhom lejn binha Ġesù.

Pellegrinaġġ bħal dan mhux biss jagħtik serħan mir-rutina tal-ħajja ta' kuljum u mit-taħbit kollu li tkun għaddejt minnu matul is-sena iżda wkoll jgħinek biex tistagħna fil-kultura kif ukoll tikber spiritwalment. Tassew pellegrinaġġ li jkompli jmexxik 'l quddiem fil-mixja tagħna lejn is-Sema pajjiżna.



Esperjenza (2)

# L-Ewwel Tfajla Għawdxija fuq il-Muntanja Kilimanjaro

kitba ta' **DENISE MICALLEF**

***Id-Direzzjoni ta' "Il-Ħajja f'Għawdex" saret taf bis-suċċess li għamlet tfajla Għawdxija f'esperjenza mhux tas-soltu: timxi u tixxabbat sal-quċċata ta' waħda mill-għola muntanji tad-dinja f'maratona għall-ġbir ta' fondi b'risq orfanatrofju fil-Kenja li qed jibni Dun Ġorġ Grima tal-Moviment Missjunarju "Ġesù fil-Proxxmu". F'din l-esperjenza ta' sebat ijiem, bejn l-1 u s-7 ta' Settembru li għadda, DENISE MICALLEF mir-Rabat, Għawdex irnexxiela tasal flimkien ma' grupp ta' 13 żgħażagħ oħra minn Malta fuq il-quċċata tal-Kilimanjaro bejn il-Kenja u t-Tanżanija, għoli ta' kważi 6000 metru – minn wiċċ il-baħar. Ma kinitx esperjenza faċli. Imma aħjar nħallu lil Denise tirrakkonta...***

Disa' xhur! Daqshekk domt nitħejja fiżikament bit-tama li jkolli ċans nitla' sal-quċċata tal-Kilimanjaro! L-għan tal-grupp f'din l-avventura kien wieħed nobbli: li niġbru somma flus b'risq il-bini ta' orfanatrofju f'Nyamonge, fil-Kenja. Imma qatt ma bsart x'ser tiswieli din l-esperjenza f'opra ta' karità, fiżikament, mentalment u emozzjonalment...

Meta wasalna fit-Tanżanija kellna destinazzjoni waħda f'moħħna: li mmorru fil-belt żgħira ta' Moshi, mnejn kellna nitilqu l-għada biex naslu fejn xtaqna: Uhuru Peak tal-Kilimanjaro, 5895 metru 'l fuq mil-livell tal-baħar.



*Wasalna f'Moshi! Minn hawn tibda' l-avventura!*

**It-Tlieta, 1 ta' Settembru:** Bdejna l-mixja twila minn Machame Gate (1490m). S'hemm kollox kien ward u żahar! Irreġistrajna bħala grupp u stennejna l-gwidi Afrikani tagħna u l-proviżjonijiet li kienu prenotati għalina. Ilkoll konna fuq ix-xwiek biex nibdew telgħin il-muntanja. Meta fl-aħħar sar il-ħin biex nitilqu, eċċitati għall-aħħar quddiem l-isfida ta' ħajjitna, tlaqna għalenija! Ilkoll f'burdata tajba, li dehret fil-pass ħafif li kellna biex naqsmu l-foresta u naslu fl-ewwel kamp: Machame (2980m). Seba' siegħat biex naqsmu l-foresta,



*Bdejna l-mixja... l-ewwel naqsmu l-foresta!*

b'irxiexa ħafifa iżda bla heda, fuq passaġġi dojoq, jiżolqu bit-tajn li fihom, qalb siġar u ħxejjex selvaġġi. Il-ħerqa għat-tixbit wasslitna qabel il-ħin iffissat – qsamna l-foresta sabiħa f'ħames sigħat u nofs. X'ħin wasalna Machame Camp konna obbligati nirreġistraw mill-ġdid, u dan kellu jsir f'kull kamp fejn nieqfu għal kull lejl. Il-'porters' tal-munizzjon tagħna kienu waslu qabilna u kienu ġa' waqqfu t-tined tagħna fil-pjanura ħadranija u ħejjewlna l-ikla ta' fil-għaxija...soppa tal-ħjar, patata u nsalata, ħobż u banana!

Konna għajjenin, imma ferħanin. Mat-8:00pm dħalna norqdu tnejn tnejn fit-tined. Dak il-lejl fl-ewwel kamp ma stajtx nagħlaq għajn



*F'Karanga Valley... Sbuħija jew kruha?*

ma' għajn, ġejja u sejra fit-'toilet' proviżorju, minħabba l-mediċina li ħadna biex inneħħu l-ilma żejjed minn ġo ġisimna ħalli nkunu nistgħu nirreżistu aħjar għad-deni tal-atmosfera għolja ħafna. U x'toilet dak!! Gabina żgħira tal-injam, mingħajr bibien jew purtieri, ħofra fonda f'nofs l-art...u nofsok rieqda malajr taqa' kollok kemm int ġo fiha!

**L-Erbgħa, 2 ta' Settembru:** Mas-6:30am qomna. Temgħuna l-ikla ta' fil-għodu għas-saħħa li kellna bżonn għal dak il-jum, poriġ (għasida magħmula minn ċereali mgħollija fil-ħalib) u froġa tal-bajd bil-ħaxix, li aktar tard matul din l-avventura, ħassejnih ħiereġ minn ġo widnejna!

Tlaqna nittrekkjaw lejn it-tieni kamp, vjaġġ twil u iebes dejjem bil-mixi lejn Shira Camp (3840m). Hallejna l-foresta warajna, anzi taħtna, u qbadna t-telgħa b'moxgħat sbieħ u mistagħdra madwarna, u sbuħija li ma titwemminx meta tara oċean abjad imfelfel ta' sħab għaddej taħtek! Meravilja naturali f'mixja ta' seba' siegħat, dejjem aktar 'l fuq! Wara waqfa żgħira għal ikla ħafifa, komplejna nterrqu u nixxabbtu ma' xifer granit aħrax sa ma wasalna xi siegħa wara fuq il-medda ta' art kbira u watja (plateau) tat-tieni kamp: Shira Camp!

Hadna r-ruħ li konna wasalna hemm. Sibna lesti għalina s-seba' tined li l-'porters' tellgħu qabilna, imma qabel l-ikel u l-mistrieħ qalulna li kellna nagħmlu siegħa oħra mixi biex nilħqu għoli ta' 4,200 metru minn wiċċ il-baħar! Din bħala akklimitizzazzjoni, fi kliem ieħor sabiex ġisimna u n-nifs tagħna jadattaw ruħhom qabel il-lejl għall-klima iebsa ta' dak l-għoli kollu!

X'ħin wasalna lura kellna ġuħ ta' nagħma, u x'sibna tajjeb għall-ikel? Bħal-lejl ta' qabel: soppa sħuna, patata mgħollija, ħaxix ieħor morr, u ħobż! Xejn speċjali, imma dak l-ikel tal-enerġija muntanjuża biex tibqa b'saħħtek u ħafifa għall-mixi u t-tixbit. U wara l-ikel inġbarna flimkien f'dak is-skiet naturali perfett biex naraw inżul ix-xemx għal taħt is-sħab minn għoli ta' kważi 4000 metru minn wiċċ il-baħar. X'meravilja ta' xenarju! Seħer li ma ninsa qatt! Imma ħej, ma nżul ix-xemx waqa' d-dlam kmieni mas-6:00pm u niżlet ukoll it-temperatura taħt iż-żero... Bdejt interter bil-bard! Dan kien l-ewwel lejl fil-kesħa tal-muntanja u anke jekk kien għadu kmieni fil-għaxija, ma flaħtx nistenna li nidħol fit-tinda biex nitgeddes ġos-'sleeping bag'!



*Telgħin Barranco Wall... ġebel fuq ġebel!*

**Il-Ħamis, 3 ta' Settembru:** Għalija dam ma sebaħ. Il-lejl kien twil wisq, għax billi dħalna norqdu kmieni fit-8:00pm, ma' nofs il-lejl tajjart in-ngħas. Imma kulħadd qam f'saħħtu u f'siktu, għalkemm jien u ieħor mill-grupp konna qed inħossu xi ftit tad-dardir. Kien wieħed mill-effetti li tista' tħalli l-klima fil-għoli ħafna minħabba n-nuqqas ta' ossiġnu fl-arja xierfa ta' hemm fuq. F'dak l-għoli tal-muntanja l-pressjoni tal-ossiġnu fl-arja tonqos bin-nofs! Dan wieħed minn tliet 'major clinical syndromes' tal-għoli ta' muntanja; tiegħi kien l-inqas wieħed serju u li tiflaħ tissaporti, allavolja ma tantx jagħtik kuraġġ biex tkompli timxi.

Tlaqna! Kellna quddiemna mixja għolja oħra ta' tmien sigħat. U mhux faċli! Imnalla x-xeni panoramiċi li tara madwarek jaljenawk mill-għajja li tħoss. Għaddejna għal fuq firxa ta' kważi deżert tal-blat iebes flok ramel artab, sa ma lħaqna l-'Lava Tower', quċċata ta' 4630 metru minn wiċċ il-baħar. Minn hemm kellna nerġgħu ninżlu 'l isfel xi 680 metru biex naslu għat-tielet kamp tagħna: Barranco Camp! Imma qabel wasalna hemm għat-tielet lejl, kellna ngħaddu matul tiċrita twila ta' blat – granit perikoluż imsejjaħ 'Western Breach', fejn stajna nisimgħu l-ħsejjes ta' valangi ta' ġebel niezel 'l isfel mal-muntanja. Sthajjiltni



*Ftit 'l bogħod mill-glaċieri... dejjem aktar 'l fuq, f'kesħa tal-biża'!*



*Qrib il-quċċata... f'għoli ta' madwar 5000 metru*

qed nisma' l-irbumbjar tal-murtali ta' festa Għawdxija ftit mili 'l bogħod!

Fl-aħħar, għajjenin mejta, wasalna f'Barranco Camp, f'għoli ta' 3950 metru minn wiċċ il-baħar, biex hemm ngħaddu l-lejl fit-tined tagħna li sibna mħejjija għalina. Wara l-ikla tas-soltu, u meta tkun bil-ġuħ tiekol kollox, għaddejna lejl ieħor ta' mistrieħ iżżipjati ġos-'sleeping bag' għar-rdoss tat-tinda ċkejkna li kelli naqsam dejjem ma' l-istess tfajla.

**Il-Ġimgħa, 4 ta' Settembru:** Kellna quddiemna sfida oħra: Barranco Wall! Mixja oħra 'l fuq li dehret iebsa wisq fil-bidu, iżda fir-realtà wriet ruħha inqas tqila milli konna bsarna. Madanakollu kellna nimxu bil-mod ħafna, aktar mis-soltu, għaliex malli konna nippruvaw ngħaġġlu l-pass, ir-rata tat-taħbit tal-qalb u l-qtugħ tan-nifs kienu jiżdiedu f'daqqa u bil-qawwa minħabba n-nuqqas ta' ossiġnu fl-arja. Barra minn hekk, konna nħossu widnejna jinstaddu u se jisplodu!

Wara Barranco Wall, kellna ninżlu b'diffikultà fil-wied kbir ta' Karanga, u minn hemm nerġgħu nitilgħu lejn ir-raba' kamp tagħna: Karanga Camp, f'għoli ta' 3963 metru minn wiċċ il-baħar, fejn kellna ngħaddu r-raba' lejl tagħna fuq Kilimanjaro. Qatt ma kont nimmaġina muntanja tant għolja għandha wkoll dawk il-wesgħat kbar u vasti, widien u għoljiet, li minnhom trid tgħaddi tielgħa u nieżla, sa ma tasal fil-quċċata tagħha! Hekk il-ħajja tagħna wkoll, tlugħ u nżul, daqqa fuq u daqqa taħt, mixja iebsa u fl-istess ħin meraviljuża, sa ma naslu fil-quċċata tad-Destin tagħna!

**Is-Sibt, 5 ta' Settembru:** Bħas-soltu, poriġ u froġa kienu lesti għalina kmieni fil-għodu. Imbagħad malajr tlaqna għal mixja oħra twila lejn il-ħames kamp li kellna nilħqu: Barafu Camp, f'għoli ta' 4650 metru minn wiċċ il-baħar. Din kienet se tkun l-aħħar waqfa tagħna qabel ma nagħtu l-aħħar assalt biex naslu fuq il-quċċata ta' Kilimanjaro, l-għada.

Il-mixja tixbita sa Barafu Camp ħaditilna madwar ħames siegħat, u malli wasalna hemm ġejna avżati li se nieklu u norqdu kmieni, għax ma nofs il-lejl kellna nerġgħu nibdew nimxu – l-aħħar mixja sal-quċċata, li kellha ssir bil-lejl biex nevitaw il-qilla tar-raġġi tax-xemx. Kollha kemm aħna pprovajna norqdu imma bl-eċċitament li kellna ma tantx għalaqna għajn ma' għajn!

**Il-Ħadd, 6 ta' Settembru:** Man-nofs siegħa (12:30am) tlaqna, wara li ħadna 'snack' ħafif ta' 'popcorn' u gallettini, fid-dalma tal-lejl. Fil-kumpanija tal-qamar kwinta u l-kwiekeb ileqqu fuqna, għamlulna l-kuraġġ għall-aħħar sforz f'dik il-kesħa kiefra ta' għoxrin grad taħt iż-żero! L-ordni kienet li nimxu bil-mod ħafna, u kellna nieqfu nistrieħu għal ftit ħin kull sagħtejn. Ngħid għalija, kont nippreferi li nibqa' miexja, għax ma kull waqfa kont inħossni ser niffriża f'dik il-kesħa kollha!

Anke l-ilma li kelli ġol-basket ma' dahri iffriża ġol-'pipe' minn fejn kont nixrob! X'tixrob!!? Kelli ċikkulata ukoll saret ġebla, u biex stajt naqta' biċċa, kelli nqegħda fl-ingwanta għas-sħana ta' idi biex forsi tirtab xi ftit...u rnexxieli naqsam biċċa wara ftit tal-ħin! Niżlitli għasel, u tagħtni l-ħeġġa u ftit enerġija biex inkompli miexja dik l-itwal passiġġata li qatt għamilt bil-lejl, f'kesħa tal-biżà...

Wara sitt siegħat ta' trekkjar fuq blat il-muntanja, lmaħna l-ewwel sinjal ta' dawl ma' sbiħ il-jum jinfirex fuq l-orizzont taħtna. Ħadt ir-ruħ! Fl-aħħar ix-xemx kienet qorbot biex titfaċċa max-xefaq ta' baħar eluf ta' mili 'l bogħod. Tajtha merħba minn qalbi għax kienet tħabbarli sħana u mhux bard ixoqq l-għadam! Imma ħej, ix-xemx donnha riedet tinkini! Bdiet tiela' bil-mod wisq! Nistqarr li f'dik l-istennija għal ftit sħana u dawl tax-xemx, bid-dmugħ nieżel minn għajnejja, kienet l-unika darba matul din l-avventura li ħassejtni nixtieq li ndur lura. Kont wasalt sax-xifer biex naqta' qalbi. Għadni sal-lum ma nafx minn fejn sibt l-enerġija biex inkompli miexja 'l-fuq flok indur lura u nibda triqti l-isfel...

Ma' tlugħ ix-xemx, wasalna Stella Point! Kien baqgħalna biss xi ħamsa u erbgħin minuta mixi biex nilħqu l-quċċata tal-ħolma tagħna: Uhuru Peak, għoli ta' 5895 metru 'l fuq mill-baħar!

### *Wasalna!!*

Wara li għaddejna ringiela ta' glaċieri ('glaciers'), li huma blokok kbar ta' silġ magħqud, ilħaqna l-quċċata ta' Kilimanjaro!! Kienu kważi t-8:30am. X'ħassejna lkoll kemm aħna ma nsibx kliem biex infissru. Skantajna lejn xulxin bid-dmugħ tal-ferħ f'għajnejna...imma mbikkma! Ma stajniex nemmnu lilna nfusna li konna wasalna fejn ridna. L-eċċitament kbir fina kien immutana...

Bkejna, tgħannaqna u għannaqna lil xulxin bla heda...ma stajniex nemmnu li kien irnexxielna! Konna l-ewwel grupp ta' Maltin li wasal kollu kemm hu sal-quċċata tal-Kilimanjaro u ħadd mill-membri tal-grupp ma dar lura għax qata' qalbu jew għax weġġa'.

Insejna kollox, anke l-għaja kbira li kellna...anke li kellna nerġgħu lura l-isfel għal ġurnata u nofs oħra...Il-




*Wasalna... Uhuru Peak. Il-grupp ta' 14 Maltin mal-gwidi tagħhom fuq il-quċċata ta' Kilimanjaro... "L-eċċitament immutana!"*

kisba tal-quċċata ta' Kilimanjaro hija esperjenza unika! Hemm fuq tara u tifhem il-valur kbir ta' ħajtek u li meta tagħmel moħħok hemm, kollox jirnexxi allavolja forsi bit-tbatija. Jekk veru temmen fl-ideal ta' ħajtek, taqtax qalbek, għax kollox possibbli fil-waqt u fil-ħin tiegħu.

X'nista' ngħid iktar, ma nafx! Naf biss li dak li ħassejt hemm fuq, ma ħassejtu qatt qabel f'ħajti...ottimiżmu, ferħ ġenwin, entużjażmu, determinazzjoni ma stajt ngħid xejn iktar ħlief: Grazzi Mulej!

U x'tgħallimt? Kilimanjaro hi xbieha ċara ta' ħajti! Tlugħ u nżul, pjanuri sbieħ u widien mudlama u perikolużi, panorami wiesgħa u passaġġi dojoq, kesħa kiefra jew sħana mielsa, tixbit u sfidi, entużjażmu u qtugħ il-qalb, għaja u mistrieħ, dmugħ ta' ferħ u dmugħ ta' stennija, sforz wara l-ieħor b'ħarstek dejjem 'l fuq lejn is-sema u l-isfel fejn ser tirfes...sa ma tilħaq il-quċċata!....U din, fl-opinjoni tiegħi, hija l-mixja tal-ħajja tagħna lkoll!

***Nota ta' L-Editur***

*Minn qalbna nirringrazzjaw lil Denise Micallef għal dan ir-rapport b'messaġġ qawwi. Jiddispjaċina li minħabba nuqqas ta' spazju kellna nqassru u nħallu barra ħafna dettalji oħra mid-djarju tagħha. Din l-esperjenza Denise għamlitha b'risq il-ġbir ta' fondi għal bini tal-orfanatrofju "Oasi tal-Paċi" li Dun Ġorġ Grima qed jibni fi Nyamonge, fil-Kenja. Dawk li jixtiequ jagħtu sehemhom b'offerta finanzjarja għandhom jikkuntattjaw lil Denise (Mobile: 9982 3921) jew l-uffiċċju ta' Dun Ġorġ, 103 Triq il-Karità, ir-Rabat (Tel: 21 556 453). Grazzi bil-quddiem!*



*Il-ferħ tas-suċċess! Denise mal-helpers Afrikani, lura f'Moski.*

*Passiġġata Biblika - 50*

*"U jien dan nitlob: li l-imħabba tagħkom tikber u toktor dejjem iżjed bil-għerf u b'kull dehen, biex tistgħu tagħrfu tagħżlu l-aħjar, u mbagħad tkunu safja u bla ebda ħtija fil-jum ta' Kristu" (Filippin 1:9-10).*

# L-Ispirtu ta' l-Avvent fit-Tagħlim ta' San Pawl

minn Fr. Charles Buttigieg

***Żmien l-Avvent***

L-Avvent huwa ż-żmien liturġiku li jinkludi l-erba' Ħdud ta' tħejjija għall-ġrajja tal-Milied u li bih tibda ukoll is-Sena Liturġika tal-Knisja. Il-kelma 'avvent' ġejja mil-Latin: '*adventus*' li fil-lingwaġġ ċivili kienet tfisser il-wasla ta' persunaġġ importanti per eżempju tal-imperatur jew tas-sultan; għalina l-insara hija l-miġja ta' Kristu.

**Żmien l-Avvent għandu karatteristika doppja; l-ewwelnett hu żmien ta' tħejjija għall-Milied, li fih jitfakkar l-ewwel miġja ta' l-Iben ta' Alla fost il-bnedmin: "U l-Verb sar bniedem u għammar fostna..." (Ġwanni 1:14). Fl-istess waqt hu ż-żmien li fih in-nisrani huwa miexi f'din l-istennija tat-tieni miġja ta' Kristu fl-aħħar taż-żminijiet. L-avvent mela huwa żmien ta' stennija lil Kristu f'atmosfera ta' ferħ u ħeġġa, kif indikat bil-kulur liturġiku vjola ċar. Dan jagħmel sens kbir għax min jishar u jkun ippreparat, jixxennaq waqt li jistenna, u mhux jibża'!**

Din kienet l-esperjenza tal-poplu tar-Rabta l-Qadima fl-istennija tiegħu għall-sekli sħaħ għall-Messija, kif ukoll ta' l-insara fir-Rabta l-Ġdida għat-Tieni Miġja Tiegħu. L-Avvent kien ukoll l-istennija materna tal-Madonna għat-twelid ta' Ġesù u issa llum l-Avvent huwa l-istennija tagħna. F'dan l-artiklu ser naraw dawn iż-żewġ dimensjonijiet ta' l-Avvent tal-'passat' u tal-'futur' marbuta flimkien bil-preżent, fl-ittri u fit-tagħlim ta' l-Appostlu Missierna San Pawl.

***L-'Ewwel Avvent'***

San Pawl bħala Lhudi u mħarreġ sewwa taħt il-liġi tal-Fariżej kien qiegħed ukoll minn għalih jistenna l-miġja tal-Messija, għalkemm il-Messija kien diġà ġie u l-Lhud ma għarfuhx. Din l-istennija għamja ta' San Pawl tintemm ħabta u sabta mas-'sabta' tiegħu fl-art minn fuq iż-żiemel fit-triq ta' Damasku, fejn jiltaqa' mal-Messija ħaj u veru. Esperjenza li tissarraf fil-ħidma fejjieda tiegħu li jxandar dan il-ferħ ta' l-Evanġelju ta' Kristu Rxoxt: «**Ħuti, irrid infakkarkom fl-Evanġelju li xandarnielkom u li intom ilqajtu u li fih qegħdin iżżommu sħiħ. Bih intom salvi bil-kelma li jien ħabbartilkom, kemm-il darba żżommuha, jekk ma emmintux għal xejn. Qabel xejn, jien għallimtkom dak li tgħallimt jien, jiġifieri, li Kristu miet minħabba dnubietna, skont l-Iskrittura; difnuh u qam mill-imwiet fit-tielet jum, skont l-Iskrittura » (1 Kor 15:1-4).**

Dan il-ħsieb tal-istennija tal-poplu Lhudi ta' l-Antik Testment għall-miġja tal-Messija, jiġifieri dan l-ispirtu ta' l-'Ewwel Avvent' narawh tajjeb fil-bidu tal-Ittra ta' San Pawl lir-Rumani, fejn naraw il-ħsieb tiegħu dwar Kristu li hu bin David bħala bniedem u Bin Alla. Għalhekk huwa jħeġġeġ din il-fidi f'Ġesù Kristu li hija importanti għas-salvazzjoni: «Dan hu l-Evanġelju li Alla kien wiegħed permezz tal-profeti fil-Kotba Mqaddsa dwar Ibnu Ġesù Kristu Sidna li, skont it-tnissil tal-ġisem, twieled min-nisel ta' David, u skont l-Ispirtu s-Santu, kostitwit bħala l-Iben ta' Alla b'kull qawwa permezz tal-qawmien mill-imwiet."(Rum 1:2-4). L-istennija ta' Jum il-Mulej (bl-Ebrajk: *yom YHWH*) hija punt ċentrali fit-tagħlim profetiku tal-Antik Testment fl-istennija tal-Messija li kellu jsalva lil Iżrael. Din il-wegħda li Alla għamel ma' Iżrael seħħet fi Kristu l-Messija (li jfisser il-Midluk, bil-Grieg: *Christos*).

**Il-qofol ta' dan il-kbir misteru li fih huwa marbut dan l-ispirtu ta' l-Avvent, insibuh fuq kollox fl-Ittra ta' San Pawl lill-Filippin. Huwa proprju fil-kapitlu 2, versi 6-11 fejn insibu fuq kapulavur ta' innu li juri l-kobor tal-Misteru tal-Inkarnazzjoni: "Hu li kellu n-natura ta' Alla ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa s-sura ta' lsir; sar jixbaħ lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem;**



**huwa umilja ruħu billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib. Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet, u tah isem li hu fuq kull isem, biex fl-isem ta' Ġesù il-ħlejjaq kollha fis-sema, fl-art u taħt l-art jinżlu għarkupptejhom, u kull ilsien jistqarr li Ġesù Kristu hu l-Mulej għall-glorja ta' Alla l-Missier".**

*It-'Tieni Avvent'*

It-Twelid tal-Feddej m'għandux ikun ġrajja tal-istorja għan-nisrani, imma huwa misteru dejjem ħaj u dinamiku u għandu jorjenta lin-nisrani fl-istennija tiegħu fil-futur tat-tieni miġja ta' Kristu fil-Jum tal-Mulej. Huwa għalhekk bħalma l-poplu kien jistenna l-Messija qabel il-miġja tiegħu, aħna llum qegħdin ukoll nistennew lil Ġesù ġej. Dan narawh fuq kollox fil-ħsibijiet ta' San Pawl dwar it-Tieni Miġja ta' Kristu (bħala 'il-*Kyrios*', li hu titlu bil-Grieg per eċċellenza li juża San Pawl fl-eskatoloġija tiegħu – eskatoloġija pawlina). Il-kelma 'Eskatoloġija' ġejja mill-kelma Griega '*eskaton*' li tfisser "ta' l-aħħar".

**Din l-istennija titlob min-nisrani impenn u azzjoni, li nimxu wara Kristu. F'Rumani 13:11-14, naraw il-ħsieb teoloġiku ta' San Pawl fejn iħeġġeġ sabiex nilbsu d-dawl ta' Kristu u nwarrbu d-dlam ta' l-immoralità: "il-lejl għoddu għadda u qorob il-jum. Inwarrbu mela l-għemil tad-dlam u nilbsu l-armi tad-dawl" (v.12). Il-'lejl' fil-bibbja huwa marbut mad-dnub, mal-ħażen u fuq kollox mal-ħalliel li jħarbat u jisraq. San Pawl jistedinna sabiex nilbsu (bil-Grieg: '*enduo*') u għalhekk 'inpoġġu fuqna' id-Dawl ta' Kristu, ħalli niddawlu biH. Dan jiftiehem ħafna fit-talba ta' l-Avvent fil-liturġija Biżantina: "Fina nfusna, ulied, hemm l-għajn li tibqa' miftuħa lejl u nhar li tħarisna." Dan huwa s-sinifikat tax-xema' ta' l-Avvent li tinxtegħel fil-Ħdud ta' dan iż-żmien liturġiku, fil-'mejda' jew 'kuruna' jew fis-'siġra' tal-Avvent.**

Dan il-ħsieb eskatoloġiku f'San Pawl narawh b'mod partikulari fiż-żewġ ittri tiegħu lit-Tessalonkin, l-ewwel ittri li kiteb. F'dawn iż-żewġ ittri, San Pawl jitkellem l-iktar dwar ir-Ritorn jew it-Tieni Miġja Glorjuża ta' Ġesù jew il-Parusija (bil-Grieg: *parousia*, li tfisser 'miġja' jew 'preżenza') u għalhekk in-nisrani għandu jkun ippreparat bil-fidi: "Ħalli jkollkom qdusija bla għajb, quddiem Alla Missierna, għal meta jiġi Sidna Ġesù mdawwar bil-qaddisin tiegħu" (1 Tess 3:13; ara ukoll 1 Tess 4:13–5:11; 2 Tess 2:1-12; Fil 3:20 u Kol 3:1-4).

Marbut ma' din it-tema eskatoloġika, San Pawl jitkellem ukoll mir-'rivelazzjoni' ta' Kristu (bil-Grieg: *apokalypsis*)



kif naraw f'1 Kor 1:7 u 2 Tess 1:7. Fl-ittri pastorali mbagħad San Pawl iktar jitkellem mid-'deħra' ta' Kristu (bil-Grieg: *epiphaneia*), (ara 1 Tim 6:1 u Titu 2:13).

*Konklużjoni*

It-tagħlim ta' San Pawl marbut mal-Avvent għandu jkompli jsaħħaħna fit-talba ta' l-ewwel insara, li għandha tkun it-talba tagħna lkoll, fiż-żmien ta' l-Avvent: 'Ejja Mulej Ġesù' (bl-Aramajk: *marana' ta'*, fil-forma Griega: *maranatha*). Din kienet l-istennija eskatoloġika tal-ewwel insara. Irridu mela aħna ukoll nissaħħu fil-fidi, inħobbu lil xulxin ħalli b'hekk nittamaw fis-salvazzjoni: "Mela kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi" (1 Kor 11:26).

*Biblijografija*


ALETTI, J.-N., *"L'apotre Paul et la parousie de Jesus Christ. L'eschatologie paulinienne et ses enjeux"*, *RSR* 84 (1996) 15-41.

GHIDELLI, C., *Un Anno con San Paolo*, Lettera dell'Arcivescovo di Lanciano – Ortona per l'anno dedicato a San Paolo, Torino 2008.

HAWTHORNE, G.F. – MARTIN, R.P. – REID, D.G. (eds.), *Dizionario di Paolo e delle sue Lettere*, Torino 2000.

WRIGHT, N.T., "Justification and Eschatology in Paul and Qumran", in A. SANG-WON (ed.), *History and Exegesis: New Testament Essays in Honour of Dr. E. Earle Ellis for His 80th Birthday*, London 2006, 104-132.





*Għawdex Qabel ir-Ritratti (19)* *minn* **JOHN CREMONA**

# *Midfen tal-Qaddisin?*







X'aktarx li wieħed mill-akbar misteri fl-arkeoloġija medjevali ta' pajjiżna huma numru ta' lapidi b'disinji kurjużi mnaqqxa fuqhom li kienu jimmarkaw il-post tad-dfin ta' diversi personaġġi u li kienu jeżistu fiċ-ċimiterju ta' Pjazza Santu' Wistin li floku llum hemm mibni l-Oratorju Dun Bosco. Propju f'Ottubru li għadda l-Oratorju ċċelebra għeluq is-sittin sena mill-ftuħ tiegħu, imma dan kien ifisser ukoll il-qerda kważi totali ta' dan il-post sagru u storiku fl-istess ħin.

L-inċiżjoni fir-ram li ser nitkellem fuqha ġiet ippubblikata mill-Konti Johann Michael Von Borch fil-ktieb tiegħu *'Lettres sur la Sicilie e sur l'Isle a Malthe'* li ġie stampat f'żewġ volumi f'Turin fl-1782 u li dwaru tkellimt fl-artiklu numru 15 ta' din is-sensiela.

L-inċiżjoni turi l-ħajt ta' barra taċ-ċimiterju li miegħu kienu ġew imwaħħla xi lapidi li kienu għadhom jeżistu fi żmien l-Isqof Pawlu Alpheran De Bussan u li jieħu l-mertu għall-fatt li twaħħlu mal-ħajt biex jiġu salvati mill-qerda. Biss jiena naħseb li dan għamlu fuq insistenza ta' l-istorjografu Għawdxi il-kanonku Ġian Piet Franġisk Agius de Soldanis li kien jieħu interess partikolari fuq dak kollu li jifforma l-istorja ta' Għawdex. Fil-fatt dwar dawn il-lapidi u ċ-ċimiterju jikteb fit-tul fl-istorja manuskritta tiegħu ta' Għawdex *'Il Gozo Antico e moderno, e Sacro Profano'* li huwa kiteb fl-1746 u wkoll stampa inċiżjoni f'Ruma li dwarha nitkellmu darb'oħra u li t-tnejn li huma ddedika lill-istess Isqof. Fl-1755 l-Isqof Alpheran de Bussan żar dan iċ-ċimiterju u ta ordni biex dawn il-lapidi jinġabru mill-art u jitwaħħlu mal-ħajt ta' barra. Barra minn hekk ordna wkoll lapida li tfakkar dan ix-xogħol kif ukoll l-istorja tagħhom.

Diversi awturi inklużi l-Abbati Costanzo jaħsbu li dawn il-lapidi kienu ta' personalitajiet bħal Arċisqfijiet, Isqfijiet u nies nobbli li akkumpanjaw ir-Re Lwiġi IX ta' Franza fit-tmien kruċjata kontra Tuneż fl-1270 fejn ħarġu telliefa u difnu l-mejtin tagħhom fl-eqreb art taħt il-ħakma Anġuvina – Għawdex. Hemm awturi oħrajn li ma jaqblux ma' din it-teorija fosthom il-Konti Ciantar, imma hi x'inhi r-raġuni, jibqa' l-fatt li matul is-sekli l-Għawdxin kellhom devozzjoni partikolari lejn dan il-post u bnew mhux anqas minn ħmistax-il kappella fosthom dik ta' San Ġwann Evanġelista li tissemma l-ewwel darba fis-sena 1489.

L-inċiżjoni saret minn Cristoforo dell' Aqua (1734 – 1787) fuq disinn ta' l-istess Konti Borch u hija intitolata *'Façade du Cimetiere des français á l'Isle de Gozzo'* u għandha qisien ta' 147 x 205mm. Il-lum qiegħed nippubblika wkoll inċiżjoni żgħira li dehret magħha intitolata *'Inscription du Cimitiere des française a' Gozzo'* u li għandha qies ta' 145 x 82mm li turi l-kliem li kien hemm fuq il-lapida mwaqqfa minn de Bussan fl-1755. Xi lapidi minn dawn għadhom jeżistu fl-Oratorju Dun Bosco, fil-Kunvent ta' Santu'Wistin u fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija ta' Għawdex. Sfortunatament il-lapida ta' De Bussan qatt ma dehret aktar, x'aktarx tkissret meta' t-tfal u ż-żgħażagħ ta' l-Oratorju daħlu u bdew iħottu l-post biex jibda jinbena l-Oratorju fit-22 ta' Frar 1946.

Għawdex 300 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 177
Riċerka ta' Joseph Bezzina © 2009

# Gallinar fil-Palazz tal-Gvernatur

**Id-dokument numru mija u sebgħa u sebgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar ħlas li sar għat-tqiegħed ta' gallinar fil-ġnien tal-Palazz tal-Gvernatur fiċ-Cittadella. Jinsab reġistrat fil-għaxar volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii,* il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1709–1710), folju 21v-22r (NAG, UG, *Acta,* 10/ 1709–1710, f. 21v-22r).**



Din hi t-traskrizzjoni tal-awtorizzazzjoni tal-ħlas:

*A Mastro Thomaso Pulis, falegname, Scudi tre e tarì sette di moneta, cioè Scudi 2, per suo travaglio di grani quattro – e due lavranti – fatti nella casa Governatoriale in una cancellata per li gallini con rattera di due parti nel giardino, due lavranghi, e della dispensa, una porta per la cisterna d'altra per un rattera del rastello per un travar, per un trave nel cortile nel suo luogo, tarì 11 per una supporta speciale, rastrello tarì otto per gramponi, una stangetta, un mantelletto, e per chiodi, per detta casa Gubernatoriale.*

L-Università ta' Għawdex ħallset lil Tumas Pulis, mastrudaxxa, is-somma ta' tliet skuti u sebgħa rbgħajja (qrib 0.70) ta' diversi xogħlijiet li hu flimkien ma' żewġ lavranti tiegħu għamlu fid-dar tal-Palazz tal-Gvernatur fiċ-Ċittadella.

L-ewwel biċċa xogħol kienet tikkonsisti fit-tqiegħed ta' gallinar fil-ġnien. Gallinar kien qafas kbir magħmul mill-injam, msallab u mxebbek, fejn wieħed seta' jżomm u jrabbi t-tiġieġ, is-sriedek, u tjur oħra. Bħal fil-każ hawn imsemmi kien isir jew f'parti tal-ġnien jew fil-bitħa; iżda ġie li sar ukoll fuq il-bjut jew f'wesgħa barra t-triq.

Id-dokument jirreferi għall-gallinar bħala *cancellata*, għax naturalment sar bl-injam imxebbek, imsejjaħ *rattera*. Sar f'waħda mill-kantunieri tal-ġnien għax ir-*rattera* kienet maqsuma f'żewġ partijiet.

Saru wkoll *due lavranghi*, aktarx xi korruzzjoni bil-Malti tal-Isqalli *lavanaru*, li jirreferi għal kanan għall-ilma. Barra dan saret ukoll *dispensa*, li fil-kuntest tfisser kmajra tal-injam; aktarx li saret biex it-tjur ikellhom fejn jistkennu.

Biex l-ilma tal-bir ma jkunx kontaminat mill-ħmieġ tat-tjur, saret ukoll *porta* jew bieb fuq il-ħawt tal-ilma jew il-bokka tal-bir li kien hemm fl-istess ġnien.

Barra dan sar ukoll xi xogħol fil-bitħa tal-istess Palazz, fejn jidher li parti minnha kienet imsaqfa, għax fil-fatt intuża travu biex fuqu tkun tista' sserraħ *mantelletto,* speċi ta' tisqifa tal-injam.

Il-kont kien jinkludi wkoll ħdax-il irbiegħi għal sapport speċjali, aktarx xi serratizz biex jintuża bħala puntar. Intefqu wkoll tmienja rbgħajja biex inxtraw imsiemer taċ-ċaċċis, grampuni, stangetta jew ganġetta kbira, u msiemer.

Dan il-kont tħallas nhar it-13 ta' Novembru, 1709 – tliet mitt sena ilu sewwa.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Ġużeppi Refalo
## (1913-1988)



Ġużeppi twieled fit-2 ta' Marzu 1913 fin-Nadur Għawdex u ġie mgħammed dakinhar stess fil-parroċċa tan-Nadur mill-Arċipriet Dun Martin Camilleri. Ingħata l-ismijiet ta' Ġużeppi, Pawlu u Karmnu.

Imbagħad il-familja tiegħu, li kienet numeruża, ma baqgħetx toqgħod in-Nadur iżda marret fir-raħal tax-Xagħra. Meta kiber, beda jaħdem ma' zijuh f'Għawdex iżda meta kellu madwar 18-il sena, mar Malta biex isib xogħol. Dan swielu ħafna sagrifiċċji u kien jaħdem bħala aġent tal-faxxikoli l-aktar ta' natura reliġjuża u dan ix-xogħol ħadu fl-irkejjen kollha ta' Malta.

Kien hawnhekk li ġie f'kuntatt mas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, u ħass is-sejħa li jsir Soċju u jħaddan l-ideali, li kienu qegħdin jiġu mgħallmin minn San Ġorġ Preca. U fl-1932 sar Soċju jiġifieri membru tal-Museum. Tant kien imħeġġeġ għal dan l-ideal li ħass il-ħajra wkoll li jingħaqad mas-Soċji Interni. Dawn kienu grupp ta' Soċji tal-Mużew, li huma membri bħall-oħrajn, iżda jgħixu u jaħdmu flimkien taħt regola. Fl-1937 beda din il-ħajja ta' ġabra f'Ħaż-Żebbuġ, Malta. Kien jaħdem ta' legatur. U kien jitla' bil-mixi l-Belt Valletta mgħobbi l-kotba f'idejh it-tnejn biex dawn jinbiegħu mill-ħwienet tal-kotba.

Sadanittant għallem f'diversi Mużewijiet u bejn 1939-1940 kien Superjur tal-Qasam ta' Ħ'Attard. Matul l-ewwel gwerra dinjija Ġużeppi baqa' jaħdem mas-Soċji Interni. Kien iħossu kuntent li qiegħed jagħti ruħu għas-saltna ta' Alla. Dan il-ferħ kompla kiber meta f'dan iż-żmien San Ġorġ Preca mar joqgħod magħhom minħabba l-gwerra. Hekk seta' jixrob mill-qrib l-ispiritwalità tiegħu. Ġużeppi kien jaqtagħlu x-xagħar u kien jagħmlu b'ċerta mħabba tant li San Ġorġ Preca kien jgħidlu: "Ġużeppi, ħadd ma jaqtagħli x-xagħar bħalek għax inti ma tniggiżnix."

Fl-1947 fetaħ '*branch*' ta' l-istamperija u l-legatorija fil-Museum ta' Ħaż-Żabbar u b'dedikazzjoni kbira kien jgħallem dawn is-snajja' lil xi żgħażagħ. Ma kienx l-ewwel darba li sab xi impjieg lil xi wħud minnhom.

Meta kien Malta lanqas ma nesa lill-familja tiegħu u s-Sibt u l-Ħadd kien jiġi d-dar. Imbagħad meta l-ġenituri tiegħu ħallew lil din id-dinja u oħtu kienet marida fis-sodda ħass li Alla jridu d-dar. Iżda moħħu baqa' fis-Soċji Interni u kien imur xi jiem magħhom. Matul dan iż-żmien kien jaħdem ta' arluġġar u kien jaħdem xi raba' li l-familja tiegħu kellha qrib id-dar.

F'dan iż-żmien kien jattendi fil-Mużew tax-Xagħra u kien imur ukoll jgħallem fil-Museum ta' Sannat. Kellu għal qalbu ħafna t-tagħlim u kien jitkellem b'ċerta persważjoni.

Oħtu Angela, kienet bħalu marret Malta u kienet taħdem ta' seftura. Iżda meta rritornat id-dar, Ġużeppi ħass li Alla kien qiegħed jerġa' jsejjaħlu biex jingħaqad mas-Soċji Interni.

Kellu mħabba speċjali lejn Sidtna Marija u fl-1980 Ġużeppi għamel l-ewwel safra tiegħu għal Lourdes f'pellegrinaġġ immexxi mill-Isqof ta' Għawdex li dak iż-żmien kien Mons. Nikol Ġużeppi Cauchi. Feraħ ħafna meta kien fl-għar tal-Madonna. B'kollox mar tliet darbiet Lourdes u kien jgħid: "Lourdes hija ġenna fuq din l-art." Il-kuruna tar-Rużarju kienet dejjem fuqu u matul il-jum kien jgħidu kemm-il darba.

Ġużeppi kien ta' statura twila u b'saħħitha. U din l-enerġija kollha ddedikaha għas-saltna ta' Alla fuq il-linja ta' San Ġorġ Preca. Għal erbgħin sena Ġużeppi kellu x-xorti li jkun qrib tiegħu. Kien ta' natural ferrieħi u sod fil-prinċipji tiegħu. Għamel ħafna karità ma' l-istituti u l-missjonijiet. Ma nkunux għedna kollox jekk ma ngħidux li ħadem ħafna, ħafna drabi bil-moħbi, biex Ġesù jiġi magħruf u maħbub.

Miet malajr il-Ħadd 3 ta' Jannar 1988 f'Ħaż-Żabbar, peress li s-Soċji Interni fl-1962 minn Ħaż-Żebbuġ ġew hawnhekk. Fuq is-santa tal-mewt insibu dawn il-kelmiet: "Wara ħajja eżemplari ta' 74 sena, ittajjar lejn is-sema biex igawdi l-frott li jisthoqqlu." Jinsab midfun fiċ-Ċimiterju ta' Ħaż-Żabbar.

***Angelo Xuereb***





*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*

St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**

Għawdex Online (13)



## Kappelli Għawdxin Online (7)

# Il-Kappella tal-Lunzjata f'Wied il-Lunzjata



riċerka u kitba ta' SALVU FELICE PACE, sfelicepace@mail.global.net.mt

Trabbejt fi triq bl-isem "Il-Lunzjata", triq li tgħaqqad lil Ħamrun ma' Santa Venera. Dejjem kelli affinità ma' dan it-titlu sabiħ. Il-kappella li ser inżuru llum hija propju dik tal-Lunzjata fil-Wied bl-istess isem. Fil-websajt *http://kappellimaltin.com/html/lunzjata_ghawdex.html* issib din id-daħla dwar din il-kappella: "Waħda mill-aktar kappelli pittoreski li nsibu f'Għawdex hija bla dubju dik tal-Lunzjata li tinsab fil-wied li jgħaqqad ir-Rabat u r-raħal ta' Kerċem. Dan il-wied pittoresk li qabel kien magħruf bħala 'Is-Saqqajja' hu wied fertili ħafna, u issa jġib l-isem ta' Wied il-Lunzjata appuntu minħabba din il-kappella."

L-importanza ta' dan it-titlu li l-fidili jqimu bih lill-Madonna reġgħet feġġet f'dawn l-aħħar erbgħin snin meta l-Papa Pawlu VI kien ħareġ eżortazzjoni appostolika bl-isem *Marialis Cultus* fl-1974 u li dwarha tista' ssib tagħrif f'dan l-indirizz: *www .domestic-church.com/marian-devotions/index.html* u f'ittra miktuba mill-Papa Ġwanni Pawlu II fl-2003 li biha kien fakkar it-teżi ta' San Louis Grignion de Montfort li kien kiteb dwar l-iSpiritwalità Marjana fis-snin bikrin tas-seklu 18. Din l-ittra tal-Papa tinsab f'*www.michaeljournal.org/montfort.htm*. F'Għawdex għandna provi li din id-devozzjoni kienet populari ħafna sa mis-seklu 5. Jingħad fis-sit li f'Għawdex kien hemm ħames kappelli b'dan it-titlu tal-Lunzjata, waħda minnhom kienet mibnija f'għar u din hija l-istess waħda li għadha titgawda mid-devoti sal-lum.

Roderick Busuttil fis-sit jagħti dettalji tal-iżviluppi kollha relatati ma' din il-kappella sa mis-sena 1370 meta hemm provi li l-kappella kellha rabtiet rjali mat-tmexxija Aragoneza. Jgħaddi għall-perijodu ta' żmien il-Kavallieri li beda fl-1530, għaż-żmien il-bini ġdid tal-kappella fl-1600 u jwassalna sal-jum tal-konsagrazzjoni mill-ġdid tal-kappella nhar it-18 ta' Ottubru 1959. Fis-sit issib numru sabiħ ta' ritratti meħuda minn Caroline Camenzuli. X'uħud minn dawn ir-ritratti huma tassew drammatiċi għax turi l-kappella mkenna mill-blat għoli fuq in-naħa tax-xellug, donnu dan il-blat irid jaħbi dan it-teżor u fl-istess ħin jiddefendieh.

Xi ħaġa li laqtitni l-ewwel darba li jien dħalt f'din il-kappella kienet, li fil-fatt ġewwa huwa ħafna akbar milli tistenna. Il-kappella, bi stil sempliċi tipiku taż-żmien medjevali għandha saqaf merfugħ minn sitt arkati u wara l-aħħar waħda hemm gallerija tal-injam, adattata ħafna għal mużika u l-kant. Il-kwadru titulari, naturalment tat-tħabbira tal-anġlu lil Marija huwa dak tal-Kavallier Fra Luca Garnier. Dan il-kwadru huwa mdawwar b'xogħol dettaljat fil-ġebla



u fuq nett hemm pittura separata tal-Missier Etern li donnu jrid jagħti l-messaġġ li l-pjan tiegħu għas-salvazzjoni tal-bniedem kien qed jiġi esegwit taħt id-direzzjoni Tiegħu f'dik it-tħabbira tal-anġlu.

Is-sit tirrikonoxxi li din il-kappella storika tinsab daqstant fi stat tajjeb ħafna b'risq il-ħidma tal-Monsinjur Ġużepp Azzopardi li kien rettur ta' din il-kappella mill-1956 sa aktar kmieni din is-sena. Jixraqlu tassew dan ir-rikonoxximent. Fil-preżent, ir-Rettur ta' din il-Kappella huwa l-Kan. Dun Karm Borg. Is-sit tagħlaq b'dawn il-kelmiet ta' kuraġġ: "Wieħed jieħu gost jara li din il-kappella ħelwa li għandha oriġini li jmorru lura ħafna fiż-żmien u li tinsab f'post tant pittoresk, għadha f'qalb ħafna Għawdxin u anke Maltin. J'Alla din tibqa' fl-istat tajjeb li tinsab fih illum ħalli qatt ma titħassar id-devozzjoni lejn dan it-titlu Marjan li ta l-isem lil dan il-wied għammiel."

A Whole New Look

Sharmain's Styling Salon

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

*TIEQA FUQ L-AMBJENT (12)*

# IL-BUFULA SEWDA



*(Dan huwa t-tieni artiklu minn sensiela dwar l-għasafar li jbejtu f'Għawdex)*

*kitba u ritratti ta'* **Joe Sultana**

Fl-imgħoddi l-**Bufula Sewda** ma kinitx tbejjet fil-Gżejjer Maltin, iżda kienet tpassi fil-ħarifa u tqatta' x-xitwa fil-gżejjer tagħna bħalma jagħmel il-Pitirross. Fl-1843 Antonio Schembri, magħruf bħala l-Missier tal-Ornitoloġija ta' Malta, ippubblika l-ewwel ktieb xjentifiku dwar l-għasafar ta' Malta "*Catalogo Ornitologico del Gruppo di Malta*", u kiteb li l-Bufula Sewda kienet għasfur li jżur il-gżejjer Maltin fix-xitwa.

Fl-aħħar kwart tas-seklu dsatax meta l-ornitoloġista famuż, Henry E. Dresser, kien qiegħed jikteb il-volumi "*History of the Birds of Europe*", irċieva żewġ ittri minn Malta b'informazzjoni dwar il-**Bufula Sewda**, waħda minn għand il-Maġġur H.W. Feilden li kien mas-Servizzi Ingliżi stazzjonat f'Malta għal ftit xhur, u l-oħra minn għand it-tabib fl-armata Ingliża, il-famuż David Bruce, li kien skopra l-mikrobu tad-deni rqiq. Fl-ewwel ittra Feilden kiteb lil Dresser li fis-sajf tal-1974 kien qed jara l-Bufula Sewda u ma kellux dubju li baqgħet tbejjet. Għaxar snin wara Bruce kitiblu li sa fejn jaf hu qatt ma kien hemm miktub li l-**Bufula Sewda** tbejjet f'Malta, iżda fis-sajf tal-1884 kienet komuni għax sab żewġ bejtiet, waħda vojta u l-oħra bi tlett bajdiet.

Anke l-ornitoloġista Charles Wright jikkonferma li l-**Bufula Sewda** bdiet tbejjet għal bidu ta' l-aħħar kwart tas-seklu dsatax. Fl-ewwel kontribuzzjoni tiegħu dwar l-Għasafar ta' Malta fir-rivista Ingliża *IBIS* fl-1864 kiteb li din l-ispeċi tidher fix-xitwa f'numri żgħar. Iżda fl-1874 kiteb li beda jissuspetta li l-**Bufula Sewda** bdiet tbejjet f'Malta.

Fil-preżent il-**Bufula Sewda** (l-isem xjentifiku ***Sylvia melanocephala***, u bl-Ingliż ***Sardinian Warbler***) hija komuni u mxerrda sew f'Għawdex, mhux biss fil-kampanja imma anke fil-qalba ta' l-irħula kif ukoll fil-ġonna fir-Rabat. Tiffrekwenta kull tip ta' abitat fejn hemm siġar u arbuxelli. Għalkemm hija residenti u tinstab hawn is-sena kollha, xi ftit iżuruna minn pajjiżi oħra u viċi versa. Tant hu hekk li tnejn irringjati f'pajjiżna nstabu biċ-ċurkett barra minn Malta;



*Bufula Sewda - raġel jiekol minn bajtra tax-xewk*



*Bufula Sewda - mara ħdejn il-bejta bil-frieħ*

waħda f'Taranto, l-Italja u l-oħra f'Rijeka, il-Kroazja.

Il-Bufula Sewda raġel għandu rasu sewda tleqq b'għonq abjad, u b'ċirku rqiq aħmar madwar għajnejh. Daħru griż kaħlani u denbu kemxejn twil, iswed bil-ġnub bojod. Il-mara rasha griża u minn fuq kannelija. Għalkemm din l-ispeċi tħobb tinħeba qalb is-siġar u l-arbuxelli, spiss toħroġ fil-miftuħ, speċjalment ir-raġel, meta fi żmien in-namra fir-rebbiegħa, jittajjar ftit fl-għoli fuq it-territorju tiegħu qisu farfett filwaqt li jgħanni.

Il-**Bufula Sewda** tiekol l-insetti u d-dud, tnaqqi mill-weraq u friegħi, kif ukoll il-frott. L-istaġun tal-bejta jibda mill-aħħar ta' Frar u jibqa' sejjer sa Lulju. Ġeneralment tbejjet fil-baxx madwar metru għoli mill-art f'xi arbuxell, imma ġieli tibni l-bejta ftit fl-għoli, sa tlieta jew erbgħa metri, f'xi siġra tal-larinġ, tal-lewż jew taż-żebbuġ. Kemm ir-raġel kif ukoll il-mara jieħdu sehem fil-bini tal-bejta. Il-mara l-iżjed li tieħu ħsieb issaħħan il-bajd u żżoqq il-frieħ, iżda r-raġel igħinha wkoll. Il-mara tbid minn tlieta sa erba' bajdiet li jieħdu madwar tlettax-il jum biex ifaqqsu. Il-bajd ivarja fil-kulur, ġeneralment bajdanin jagħtu fil-kannella jew f'kulur it-tafal, u jkollhom ħafna tikek kannella ċari u skuri. Wara li jtajru l-frieħ, il-ġenituri jibqgħu jieħdu ħsiebhom għal xi żmien u jżoqquhom. Matul dan iż-żmien il-frieħ jibdew jitgħallmu jfittxu l-ikel huma wkoll. Ħafna drabi par ikollu żewġt ibtan fis-sena.


*Bufula Sewda - raġel fuq il-bejta*


*Bejta bil-bajd tal-Bufula Sewda*

SEJJAĦTLI
Kull nhar ta' Sibt fid-8.50pm fuq Favourite Channel

Joyce Cassar li tippreżenta, ser jerġa jkollha magħha lil Fr. Rene' Camilleri bħala mistieden residenti. SEJJAĦTLI ser ikompli jwassal stejjer veri interpretati minn atturi. Permezz ta' SEJJAĦTLI ser niltaqgħu ma' sitwazzjonijiet veri u nimxu pass pass mal-karattri kkonċernati sabiex nevalwaw is-sitwazzjoni li tkun qed tiġi ppreżentata. B'irkejjen ġodda u interessanti, Sejjaħtli ser jibqa' jkun strument ta' diskussjoni u riflessjoni għall-familja kollha.

UĊUĦ
Kull nhar ta' Erbgħa fid-9.30pm fuq NET TV

UĊUĦ ser iħares lejn l-uċuħ differenti ta' l-individwu. UĊUĦ ser iħares lejn il-persuna sħiħa u janalizza u jfittex li jifhem il-bniedem kif iġib ruħu f'sitwazzjonijiet differenti. UĊUĦ ser jinkludi wkoll silta ta' drama miktuba minn Joe A. Cachia. Id-drama ser tlaqqgħana ma' familja li ser twasslilna sitwazzjonijiet differenti li tgħaddi minnhom. UĊUĦ ser jinkludi jwkoll rokna fejn personalita' minn oqsma differenti tiġi mitluba tesprimi l-esperjenza tagħha.

bil-Kelma t-tajba
Kull nhar ta' Sibt fis-6.40pm fuq ONE TV

Fil-programm ser inżuru diversi parroċċi f'Malta u f'Għawdex, nisimgħu dwar il-Belt jew Raħal li fiha tinsab il-Parroċċa, nitgħallmu dwar l-istorja tal-parroċċa, niltaqgħu mal-Kappillan li minn naħa tiegħu jwasslilna l-ispjega tal-Vanġelu tal-Ħadd u anke ma' xi lajċi impenjati fil-komunitajiet tal-Parroċċa.

skeda ta' xandir nisrani
ottubru-jannar 2009

Dawn il-programmi huma produzzjoni tac-CPI, 'production house' fi ħdan is-Socjeta Missjunarja ta' San Pawl.
www.camcpi.org

*Ftit fatti u kummenti*

# L-avanz tal-mara jkompli għaddej... Fejn trid tasal? Sfidi Ġodda għall-Familja... Jew tkissir tal-Familja?



*kitba ta'* **DR. MARIO SALIBA**

Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar in-nisa qed isibu ruħhom fuq quddiem fil-ħajja politika u soċjali tal-pajjiż. L-avanz ilu għaddej minn meta aktar u aktar tfajliet bdew ikomplu jistudjaw wara l-età ta' edukazzjoni obbligatorja. Skont il-Ministru Cristina n-numru ta' studenti tfajliet fil-*Junior College* jisboq dak tal-ġuvintur. Fil-fatt, fl-aħħar sena akkademika kien hemm 1798 tfajla jistudjaw fil-*Junior College* u 1226 ġuvni. Dan hu fatt pożittiv għax eventwalment għandu jissarraf f'aktar nisa li jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Fis-sena akkademika li għaddiet kien hemm 5531 tfajliet fl-Università filwaqt li l-ġuvintur kien hemm 4154, jiġifieri kien hemm kważi 1400 iktar tfajliet. Fil-kors tal-Mediċina pereżempju hemm iktar tfajliet minn ġuvintur. Fil-fatt fil-korsijiet kollha flimkien, 58 fil-mija tal-istudenti fil-livell terzjarju huma nisa u din hi fost l-ogħla fl-Ewropa. Din hija statistika sabiħa li tirrifletti l-avanz tal-mara fis-soċjetà.

Bħalissa fil-Parlament Malti hemm kważi 9 fil-mija tad-Deputati li huma nisa. Il-medja fil-parlamenti tal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea hi 19 fil-mija. Fil-Kunsilli Lokali hemm 18 fil-mija tal-Kunsillieri nisa. Fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ġunju ikkontestaw tmien nisa, imma sfortunatment l-ebda waħda minnhom ma kienet eletta. Filwaqt li fil-Kunsilli Lokali hemm 18 fil-mija tal-Kunsillieri nisa. Dan mhux biżżejjed u n-nisa jridu juru iktar interess fil-politika biex noqorbu lejn il-medja Ewropea. Saddattant, pajjiżna għadu ma rnexxilux jissodisfa l-eżiġenzi tal-Kunsill tal-Ewropa u jinnomina imħallef mara għall-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Meta nħarsu lejn id-dinja tax-xogħol il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-età bejn il-15 u 24 sena hi aktar minn 55 fil-mija iżda li tinżel għal madwar 32 fil-mija biss fis-snin ta' wara. Dan in-nuqqas ta' parteċipazzjoni fid-dinja tax-xogħol min-naħa tal-mara huwa dovut għal diversi fatturi fosthom in-nuqqas ta' edukazzjoni fuq livell terzjarju fost it-tfajliet, il-mentalità li l-mara postha d-dar biex tieħu ħsieb it-tfal u d-dar u l-kultura ta' dominanza tar-raġel. Din il-mentalità ftit ftit qed tinbidel u iktar nisa qed iħossu l-bżonn li jaħdmu kemm minħabba karriera u kemm minħabba eżiġenzi ekonomiċi.

Illum ir-raġel u l-mara huma ndaqs fl-għajnejn tal-liġi, imma dan jista' jingħad ukoll fil-ħajja ta' kuljum? Kieku dan mhux hekk, kieku hawn daqshekk vjolenza domestika? Imma dwar il-vjolenza domestika darba oħra. Is-soċjetà Maltija trid issib iktar bilanċ bejn il-mara u r-raġel. Meta l-ġenituri jkunu jaħdmu t-tnejn, ir-raġel għandu jilbes il-fardal u jmidd idejh għax-xogħol tad-dar. Huwa inutli li nipprovaw inlibbsu l-mara l-qalziet mingħajr ma sseħħ bidla fil-kultura sabiex kemm il-mara u kemm ir-raġel iġorru r-responsabbiltajiet flimkien.

### *X'inhi familja?*

Illum diffiċli li tgħid x'inhi familja. Iċ-*Charter* tan-Nazzjonijiet Uniti jqis il-familja bħala "ċ-ċellula bażika tas-soċjetà u għalhekk għandha bżonn ta' attenzjoni speċjali, għajnuna u protezzjoni". Il-kunċett ta' familja minn pajjiż għal pajjiż u fl-istess pajjiż jassumi għamliet differenti.

Fil-ġeografija dinjija nsibu l-familja tradizzjonali, nukleari u l-familja b'ġenitur wieħed, familji miżżewġin b'rit reliġjuż, ċivili jew mhux miżżewġin, familji nsara, Lhud, Musulmani, Hindu u ta' reliġjonijiet oħra. F'pajjiżna dan il-pluraliżmu fil-familja dieħel mhux ħażin. Dan il-pluralizmu familjari huwa l-isfida prinċipali li qed tiffaċċja l-familja.

### *Sfidi ġodda?*

Barra minn hekk, ħarsa lejn l-Ewropa, turi li ż-żwiġijiet qegħdin jonqsu; żdiedu s-separazzjonijiet u d-divorzji; kotru dawk li jgħixu waħidhom; nibtu diversi forom ta' konvivenza; u ogħla l-perċentwali ta' dawk li jitwieldu barra miż-żwieġ. Dawn it-tendenzi ġodda fis-soċjetà huma sfidi ġodda tal-familja jew tkissir tal-familja?

Irridu bħala nsara li nkunu kuraġġjużi li nkunu koerenti ma' dak li aħna nemmnu li hija l-familja u minkejja t-tibdil soċjali li naraw madwarna ma ningarrux mill-kurrenti minn barra u minn ideat li ma jaqblu xejn mat-tagħlim nisrani. Il-wirt tal-familja Maltija minkejja d-difetti tiegħu għad għandu valur u rridu nħarsuh. Iżda fl-istess ħin bħala nsara u ċittadini, kif turi l-Kostituzzjoni tagħna, hu dmir tagħna li nagħrfu d-drittijiet u l-pluraliżmu ta' forom diversi ta' familja li nistgħu niltaqgħu magħhom.

Fl-opinjoni tiegħi f'dan il-pluraliżmu familjari hemm xi ħaġa pożittiva. Huwa fatt li għalkemm il-familja kull ma jmur qed issir "ħaġa likwida" dan ma jfissirx li għadda



ż-żmien tal-familja, imma qed nassistu għal proċess soċjo-kulturali fejn filwaqt li hemm tentattiv biex il-familja-istituzzjoni tiġi eliminata, qed jinħolqu forom oħra ta' ħajja familjari. Dawn huma sfidi ġodda għas-soċjetà.

Bħala lqugħ kontra t-tkissir tal-familji, hemm bżonn ta' tisħiħ tas-soċjetà minħabba iktar problemi soċjali li l-familji qed jiltaqgħu magħhom kif ukoll edukazzjoni favur il-valuri universali jew bażiċi tal-familja li ma jinbidlu qatt. Hemm bżonn li l-familja tidħol iktar fil-Parlament Malti u l-membri parlamentari jiddiskutew iktar il-familja u l-problemi li qed tiffaċċja. Il-Kumitat Parlamentari tal-Affarijiet Soċjali għandu jibqa' jaħdem biex jassigura li jkun hemm liġijiet favur il-familja u jassigura li l-bżonnijiet tal-familja mhux biss ikunu diskussi iżda ukoll sodisfatti.

### *Tfal barra ż-żwieġ (single mothers)*

Huma vera ftit l-ommijiet mhux miżżewġin f'Malta li jagħmlu l-għażla f'ħajjithom b'mod ippjanat li jkollhom it-tfal barra ż-żwieġ. Ħafna mis-*single mothers* jispiċċaw f'dik is-sitwazzjoni b'mod mhux ippjanat u għax ikunu sfurzati miċ-ċirkostanzi. Barra minn Malta għandek is-sitwazzjoni fejn bosta tfal jitwieldu barra miż-żwieġ għax għandek ħafna koppji li jagħmlu l-għażla li jgħixu flimkien mingħajr ma jiżżewġu. Mentri f'Malta, nsibu s-sitwazzjoni fejn ħafna tfajliet u anki tfal jinqabdu tqal b'mod mhux ippjanat minħabba nuqqas ta' tħejjija tajba f'dik li hi edukazzjoni sesswali u valuri għall-ħajja.

F'Malta hawn madwar 2,500 ommijiet mhux miżżewġa li jiddependu fuq is-sistema ta' l-għajnuna soċjali ta' l-istat u għalhekk ħafna drabi viċin ferm tal-linja tal-faqar. Filfatt, skont l-istatistika uffiċjali, 1 minn kull 10 trabi li jitwieldu huma rreġistrati fuq isem ommhom biss għax uffiċjalment il-missier mhux magħruf. Demografikament dawn il-każi huma l-aktar konċentrati fl-Isla u f'Bormla, fil-Kottonera, it-Torri tax-Xgħajra, id-dawra tal-Port il-Kbir, il-Gżira u San Pawl il-Baħar. Dawn il-figuri uffiċjali qed jispjegaw b'mod realistiku din il-problema soċjali jew qed jagħti stampa kerha u mhux eżatta tal-problema b'timbru speċjali fuq dawn il-lokalitajiet.

*Single mother* f'Malta ħafna drabi tfisser faqar relattiv, imma f'kuntest fejn kulma jmur, għall-inqas skont ma jingħad kontinwament, is-sistema tas-servizzi soċjali m'għadhiex iktar sostenibbli, l-ewwel ma jiġu attakkati li qed jabbużaw mis-sistema huma proprju s-*single mothers*. Mhux l-ewwel darba tisma' semmiegħa fuq ir-radjijiet jargumentaw b'ċertu fervur li dawn l-ommijiet ikunu jafu ma' min marru qabel ma spiċċaw tqal u huma l-missirijiet tat-trabi li għandhom jinżammu legalment responsabbli. F'inkwantu ta' fondi dawn is-*single mothers* fl-2006 qassmu bejniethom ftit iktar minn 8 miljun ewro. Din tidher figura kbira imma hemm il-ġid ta' l-ulied, li wara kollox ma jaħtu xejn. Mhux li kien li s-soluzzjonijiet għall-problemi soċjali li jħabbtu wiċċhom magħhom l-ommijiet mhux miżżewġa kienu daqshekk sempliċi. Barra l-flus għandhom bżonn ukoll sapport soċjali, edukattiv u psikoloġiku.

Fl-opinjoni tiegħi jiena ma narax biss l-aspett negattiv ta' dan il-fenomenu, imma hemm il-lat pożittiv ukoll. Dan jidher filfatt li t-trabi mnissla qegħdin jingħataw il-ħajja minflok ma jinqatlu permezz ta' abort, għalkemm m'għandniex dubju li l-abort mill-Maltin f'Malta u barra minn pajjiżna jeżisti. Fl-istess ħin napprezzaw il-fatt li t-tfajliet li jwelldu (99%) u l-familji tagħhom qegħdin jerfgħu r-responsabbiltà u juru mħabba lit-tarbija. U ma jabbandunawx lit-tarbija f'istitut (1%).

Min-naħa l-oħra jekk hemm xi abbuż u kulħadd jaf li dan jeżisti, d-dipartiment għandu jdejjaq iktar it-toqob tal-għarbiel li minnu jgħaddu dawn il-persuni li qed jipprovaw jibbenefikaw. Wara kollox kull ewro li jingħata f'benefiċċji soċjali huwa flus mit-taxxi tagħna.

L-għajnuna trid tkun, imma mhux misruqa bl-abbużi...


**Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...**

JPE TravelServices LIMITED

A member of the KDM Group

- Ġiti...
- *Cruises...*
- Titjiriet... anke tal-Low Cost
- *Lukandi... u akkomodazzjoni oħra*
- Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra

Tel: Victoria Gozo: 21561212/3 Valletta: 21235772 or info@jpetravel.net

# TISLIBA MALTIJA U BIBLIKA

Ħajr lil Emmanuel Ellis

***Mimdudin***

1. Kwantità jew logħba bejn żewġ naħat (7)
7. Dik tad-9 mimduda għandha bżonnu (5)
8. Joħroġlu demmu kollu (7)
9. Ma tħosshiex fiha (6)
11. Issaportejt (5)
13. Dak kollu li tista' tagħmel jekk tneħħi l-'għ' u t-'t' (4)
14. Dak li hu minn ewl id-dinja (7)
15. Bint ix-xitwa u l-ħarifa (4)
16. Il-ġejjieni (5)
17. Ħafifa kieku tkun maħsula (6)
21. Mill-belt fejn hemm Disney Land Ewropea (7)
22. Meħtiġin fiha l-indiema u l-proponiment (5)
23. Kavallier kampjun u protettur (7)

***Weqfin***

2. L-għerf tan-numri u tal-kalkolu (10)
3. Lina mal-mejda (8)
4. Agħti lilna din il-frotta bnina (4)
5. Il-flus li ħaqqu l-ħaddiem (4)
6. Ferħet bih il-mogħża (4)
9. Fiha togħma li ma tintgħoġobx (5)
10. Ċkejkunin (10)
12. Ħażen f'din il-parti tal-vapur (5)
13. Is-sustanza fl-abjad tal-bajd (8)
18. Darba waħda, ilu ilu (4)
19. Imtlew sax-xfar u aktar (4)
20. Tal-id jew tal-bajtar (4)



**TISLIBA - Novembru 2009**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

*Post Code* ______________

*It-Tisliba trid tasal lil "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex, mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' Diċembru 2009. Ir-rebbieħ jingħata premju ta' tliet kotba tal-Lumen Christi Publications.*

**Ir-rebbieħa tat-Tisliba Ġunju-Lulju 2009 hi**

***Carmen Cefai, "Notre Dame De Lourdes", Triq l-Imnarja, Nadur, NDR 102***


# RAYMOND CEFAI

## TAL-KELBA LTD.

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE & GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**

**Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169**

**MIX-XENA SPORTIVA F'GĦAWDEX** *minn* **Joe Bajada**



# *Jintemmu l-Kampjonati tal-Billiards u Snooker*

Il-*Gozo Billiards and Snooker Association* ġabet fi tmiem l-istaġun tagħha bil-Kampjonati tal-*Billiards* u *Snooker* bil-finali tal-Kampjonat *Premier* ta' l-i*Snooker* meta fil-finali Jason Vassallo għeleb lil Peter Pace fl-logħba ferm kumbattuta. Kien Vassallo li fetaħ vantaġġ ta' tliet *frames*, madankollu Pace wettaq rimonta qawwija fejn irnexxielu jagħmel l-punteġġ indaqs dak 3-3. Iżda Vassallo reġa rkupra tajjeb biex kiseb it-tliet *frames* ta' wara biex b'hekk spiċċa rebbieħ bl-iskor ta' 6-3. Pubbliku numeruż attenda għal din il-finali fosthom anke l-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono.




Il-Ministru Debono li kienet milqugħa fil-Każin tal-Banda Leone minn Mario Apap, President tal-*Gozo Billiards and Snooker Association* u membri oħra tal-Kumitat. Hija ltaqgħet mal-*players* u ddawret mas-swali tal-*billiards* fejn intweriet ukoll id-diversi trofej li kellhom jitqassmu f'dik is-serata.

Bħala rebbieħ tal-Kampjonat tal-*Billiard* spiċċa Mario Apap li fil-finali għeleb lil Simon Vella bil-punteġġ ta' 600 għal 536. Kienu organizzati wkoll diversi Kampjonati oħra ta' l-i*Snooker* fejn dak tal-Ewwel Diviżjoni ntrebaħ minn James Sultana li fil-finali għeleb lil Emmanuel Grech b'5 frames għal 2. Mbagħad il-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni ntrebaħ minn Jason Portelli li fil-finali għeleb lil Joe Pisani b'4 għal 0, mentri dak tat-Tielet Diviżjoni ra lil Adrian Borg li wkoll jikseb rebħa tajba meta għeleb fil-finali bil-punteġġ ta' 4 għal 1 lil Joshua Zammit.

Fis-serata ta' Premjazzjoni li tmexxiet minn Daniel James Cassar, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono faħħret ħafna l-organizzazzjoni li minn kull aspett kienet ta' livell li jagħmel ġieħ lil *Gozo Billiards and Snooker Association*. Il-Ministru Debono apprezzat ferm il-viżjoni li għandha din l-Għaqda Sportiva Għawdxija li qed tħares b'ottimiżmu kbir lejn il-futur tal-logħba fil-gzira Għawdxija fejn minbarra li qed tippromwovi dan l-isport, fl-istess waqt qed tgħin ukoll biex tbiegħed 'l bogħod mill-vizzji ħżiena lil bosta żgħażagħ Għawdxin. Hija faħħret ukoll inizjattivi oħra li tieħu l-Għaqda fosthom li *players* membri tagħha jipparteċipaw f'kompetizzjoni f'Malta fejn hawn mhux biss kellna suċċessi Għawdxin, iżda saħansitra wkoll li *player* Għawdxi rrappreżenta lil Malta barra minn xtutna meta ż-żagħżugħ Shaun Sultana reġa' ħa sehem f'kompetizzjoni internazzjonali, din id-darba fir-Russja. Giovanna Debono temmet il-messaġġ tagħha billi awgurat iktar ħidma fejjieda u suċċessi lil *Gozo Billiards and Snooker Association*.

Messaġġ ieħor sar minn Mario Apap, President tal-*Gozo Billiards and Snooker Association* fejn wara li rringrazzja lil Ministru Debono għall-preżenza tagħha, huwa radd ħajr lil kollegi sħabu tal-Kumitat, kif ukoll lil *players* u l-uffiċjali kollha li ħadu sehem fid-diversi Kampjonati u Kompetizzjoni oħra organizzati matul l-istaġun. Mario Apap wera s-sodisfazzjon tiegħu li l-ħidma għaqlija u s-serata mwettqa minn Għadqa li hu jmexxi, kien innutat anke mill-Għaqda Maltija fejn din dejjem tħares anke lejn l-aħjar elementi Għawdxin biex dawn ikunu anke integrati fl-isfera Internazzjonali wara li jkunu kisbu suċċessi f'dik Nazzjonali. Huma temm il-messaġġ tiegħu billi appella lil kulħadd għal iktar għaqda u mpenn biex b'hekk dan l-isport tal-*Billiard* u *Snooker* ikompli miexi 'l quddiem fil-gzira Għawdxija.

Wara sar it-tqassim tat-trofej u tifkiriet oħra li saru mill-Ministru għal Għawdex Ġiovanna Debono, Mario Apap President tal-*Gozo Billiards and Snooker Association* u minn Charles Azzopardi ta' *Sweet Passion Caterers* li minn naħa tiegħu ppreżenta t-tazzi tal-*Billiard* bħala l-isponsor ewlieni ta' dan il-Kampjonat. Fi tmiem is-serata l-*players* kollha finalista ħadu ritratt tal-okkażjoni flimkien mal-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono u l-Membri tal-Kumitat tal-*Gozo Billiards and Snooker Association*.

Wedding pictures
by
**Ted Attard**



Please call
Ted on tel: 2156 1878
or mob: 9982 6269

# Għawdex max-Xhur

*Versi ta' Fr. Geoffrey G. Attard*
*Ritratti tad-Djaknu Max Grech*







## 11. NOVEMBRU

*Fost ix-xhur inti Novembru
tiġi tfakkar l-ewwel jiem
f'ħutna, l-qraba li ħallewna
u li marru 'l hinn miż-żmien!*

*F'bosta rħula u bliet ta' ġensna
niesna żżur l-oqbra fis-skiet
biex il-ġieħ mistħoqq u xieraq
tagħti lill-missirijiet!*

*Bix-xemgħat u l-fjuri mfewħa
l-oqbra mżejna mill-qrabat
tal-pajjiż kull midfen jiftaħ
sabiex jilqa' tant żjarat!*

*Tul Novembru wkoll niftakru
f'tal-imgħoddi t-taqtigħat
meta bosta tilfu l-ħajja
sa mal-gwerra tmiemha rat!*

*Sliem lil dawk l-eroj qalbiena
ma' l-Ewropa kif iddur
lilhom mafkar b'qima tgħolla
biex ma jmutx isimhom żgur!*

*Xħin Novembru joqrob tmiemu
kif malajr jinqalbu x-xhur
nitħejjew għall-aħħar wieħed
ajma s-sena kif iddub!*







# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti ta' L. Cremona u L. C. Roseblade*

## ARTIĠJANAT... Xogħol Sabiħ tan-Nisa Għawdxin







Sena Saċerdotali 2009-2010
Nitolbu mal-Papa għall-Qdusija tas-Saċerdoti
€2
100 ĦSIEB/TALBA TA' BENEDITTU XVI GĦAS-SENA SAĊERDOTALI 2009-2010
LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS
BASIL HUME
€7
Il-Gwida tal-Pellegrin Nisrani
TLIET KOTBA ĠODDA!
Pariri Saċerdotali tal-Kurat ta' Ars
€2
100 PARIR TA' SAN ĠWANN M. VIANNEY
MIĠBURA MINN MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI
"Biex is-saċerdoti jkunu xhieda aktar qawwija u ċara tal-Vanġelu fid-dinja tal-lum"
- Benedittu XVI
LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS
Tel: 2156 0496